32006D0920

18.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA L 359/1

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Awwissu 2006

dwar l-ispeċifikazzjoni teknika tal-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "L-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali transEwropea

(notifikata bid-dokument numru C(2006) 3593)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/920/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/16/KE tad-19 ta' Marzu 2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Filwaqt li:

(1) Skont l-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2001/16/KE, is-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea hi subdiviża f'subsistemi strutturali u funzjonali.

(2) Skont l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva, is-subsistema "L-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku" għandha tiġi koperta minn speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà (technical specification interoperability, TSI).

(3) L-ewwel pass fit-twaqqif ta' TSI hu li tiġi abbozzata TSI mfassla mill-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Interoperabbiltà Ferrovjarja (AEIF), li nħatret bħala l-korp rappreżentattiv konġunt.

(4) L-AEIF ingħatat mandat biex tfassal TSI għas-subsistema "L-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku" skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/16/KE. Il-parametri bażiċi provduti fl-Artikolu 6(4) ta' din id-Direttiva ġew diskussi bħala parti mit-TSI mehmuża.

(5) L-abbozz tat-TSI kien akkompanjat minn rapport introduttorju li fih analiżi għall-benefiċċju tal-ispejjeż kif provdut fl-Artikolu 6(5) tad-Direttiva.

(6) L-abbozz tat-TSIs ġew eżaminati mill-Kumitat stabbilit bid-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja ta' veloċità għolja trans-Ewropea [2] u msemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2001/16/KE, fid-dawl tar-rapport introduttorju.

(7) Fil-verżjoni attwali, it-TSI ma tittrattax l-aspetti kollha tal-interoperabbiltà; l-oġġetti li mhumiex koperti huma klassifikat bħala "Punti Miftuħa" fl-Anness U tat-TSI. Minħabba li l-verifika tal-interoperabbiltà għandha tiġi stabbilita b'referenza għar-rekwiżiti tat-TSIs, skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2001/16/KE, hu meħtieġ, waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni bejn il-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tat-TSI mehmuża, li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati flimkien ma' dawk imsemmija espliċitament fit-TSI mehmuża. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-regoli tekniċi nazzjonali rilevanti fl-użu għall-kisba tal-interoperabbiltà u li jilħqu r-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2001/16/KE kif ukoll bil-korpi maħtura għat-twettiq tal-proċedura għall-evalwazzjoni tal-konformità jew l-adattatezza għall-użu kif ukoll bil-proċedura tal-verifika fl-użu għall-verifika tal-interoperabbiltà tas-subsistemi skont it-tifsira tal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2001/16/KE. Il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi tal-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri u, fejn xieraq, għandha tiddiskuti mal-Kumitat il-bżonn għall-adozzjoni ta' kwalunkwe miżuri addizzjonali.

[1] ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2004/50/KE (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 114, ikkoreġuta bil-ĠU L 220, 21.6.2004, p. 40).

[2] ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/50/KE.

(8) It-TSI inkwistjoni ma għandhiex titlob l-użu ta' teknoloġiji speċifiċi jew soluzzjonijiet tekniċi minbarra fejn ikun strettament meħtieġ għall-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja konvenzjali transEwropea.

(9) It-TSI hi bbażata fuq l-aħjar għarfien espert disponibbli fiż-żmien tal-preparazzjoni tal-abbozz rilevanti. L-iżviluppi fit-teknoloġija, rekwiżiti operattivi, tas-sigurtà jew soċjali jistgħu jenħtieġu li tiġi emendata jew supplimentata din it-TSI. Fejn applikabbli, għandha tinbeda proċedura ta' reviżjoni jew aġġornament skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2001/16/KE.

(10) Sabiex tiġi inkoraġġita l-innovazzjoni u sabiex tiġi kkunsidrata l-esperjenza miksuba, it-TSI mehmuża għandha tkun soġġetta għal reviżjoni perjodika f'intervalli regolari.

(11) Meta jiġu proposti soluzzjonijiet innovattivi, il-manifattur jew l-entità kontraenti għandhom jiddikjaraw id-devjazzjoni mit-taqsima rilevanti tat-TSI. L-Aġenzija Ferrovjarju Ewropea għandha tiffinalizza l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tal-interfejs xierqa tas-soluzzjoni u jiżviluppaw il-metodi tal-valutazzjoni.

(12) L-implimentazzjoni tat-TSI mehmuża u l-konformità mat-taqsimiet rilevanti tat-TSI għandhom jiġu determinati skont pjan ta' implimentazzjoni li għandu jitfassal minn kull Stat Membru għall-binarji li għalihom huma responsabbli. Il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi tal-informazzjoni trażmessa mill-Istati Membri u, fejn ikun addattat, għandha tiddiskuti mal-Kumitat dwar il-bżonn għall-adozzjoni ta' kwalunkwe miżuri oħra.

(13) It-traffiku ferrovjarju attwalment jopera skont ftehimiet eżistenti nazzjonali, bilaterali, multinazzjonali jew internazzjonali. Hu importanti li dawn il-ftehimiet ma jostakolawx il-progress attwali u fil-ġejjieni lejn l-interoperabbiltà. Għal dan l-għan, hu meħtieġ li l-Kummissjoni teżamina dawn il-ftehimiet sabiex jiġi determinat jekk it-TSI preżentata f'din id-Deċiżjoni għandhiex bżonn tiġi riveduta.

(14) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 96/48/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Speċifikazzjoni Teknika għall-Interoperabbiltà (technical specification interoperability, TSI) relatata mas-subsistema "L-operat u l-maniġment tat-traffiku" tas-sistema konvenzjonali trans-Ewropea msemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/16/KE qed tiġi hawn adottata mill-Kummissjoni.

It-TSI għandha tiġi stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

It-TSI għandha tkun applikabbli għas-subsistema tal-operat u l-maniġment tat-traffiku kif definit fl-Anness II, it-Taqsima 2.4 tad-Direttiva 2001/16/KE.

Artikolu 2

1. Fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet klassifikati bħala "Punti Miftuħa" stabbiliti fl-Anness U tat-TSI, il-kundizzjonijiet li magħhom għandu jkun hemm konformità għall-verifika tal-interoperabbiltà skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2001/16/KE għandhom ikunu dawk ir-regoli tekniċi fis-seħħ fl-Istat Membru li jawtorizza l-implimentazzjoni tas-subsistema koperta minn din id-Deċiżjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur min-notifika ta' din id-Deċiżjoni:

(a) il-lista tar-regoli tekniċi applikabbli msemmija fil-Paragrafu 1;

(b) il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u ta' verifika li għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli;

(c) il-korpi li taħtar għat-twettiq ta' dawk il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u tal-verifika.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn it-tipi ta' ftehim lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tat-TSI mehmuża:

(a) ftehimiet nazzjonali, bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati Membri u impriża(i) ferrovjarja(i) jew mexxej(ja) tal-infrastruttura, miftiehma jew fuq bażi permanenti jew temporanja u meħtieġa minħabba n-natura verament speċifika jew lokali tas-servizz ferrovjarju maħsub;

(b) ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn impriża(i) ferrovjarja(i), mexxej(ja) tal-infrastruttura, jew Stat(i) Membru(i) li jagħti/jagħtu livelli sinifikanti ta' interoperabbiltà lokali jew reġjonali;

(c) ftehimiet internazzjonali bejn Stat Membru wieħed jew iżjed u mill-inqas pajjiż terz wieħed, jew bejn impriża(i) ferrovjarja(i) jew mexxej(ja) tal-infrastruttura tal-Istati Membri u mill-inqas impriża ferrovjarja waħda jew mexxej tal-infrastruttura ta' pajjiż terz, li jagħtu livelli sinifikanti ta' interoperabbiltà lokali jew reġjonali.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxi pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali tat-TSI skont il-kriterji speċifikati fil-Kapitolu 7 tal-Anness.

Għandhom jibagħtu dan il-pjan ta' implimentazzjoni lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mhux iżjed tard minn sena wara d-data li fiha din id-Deċiżjoni ssir applikabbli.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha ssir applikabbli sitt xhur wara d-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul Brussell, il-11 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi-President

ANNESS

SPEĊIFIKAZZJONI TEKNIKA GĦALL-INTEROPERABBILTÀ

SUBSISTEMA: IL-MANIĠMENT TAL-OPERAT U T-TRAFFIKU

1.	INTRODUZZJONI	305
1.1.	**Ambitu tekniku**	305
1.2.	**Ambitu ġeografiku**	305
2.	DEFINIZZJONI TAS-SUBSISTEMA/SKOP	305
2.1.	**Subsistema**	305
2.2.	**Ambitu**	306
2.2.1.	Persunal u ferroviji	306
2.2.2.	Prinċipji operattivi	307
2.2.3.	Applikabbiltà għall-vetturi u l-infrastruttura eżistenti	307
2.3.	**Konnessjoni Bejn din it-TSI u d-Direttiva 2004/49/KE**	307
3.	REKWIŻITI ESSENZJALI	307
3.1.	**Konformità mar-rekwiżiti essenzjali**	307
3.2.	**Rekwiżiti essenzjali – ħarsa ġenerali**	307
3.3.	**Aspetti speċifiċi b'rabta ma' dawn ir-rekwiżiti**	308
3.3.1.	Sigurtà	308
3.3.2.	Kredibbiltà u disponibbiltà	308
3.3.3.	Saħħa	308
3.3.4.	Ħarsien ambjentali	309
3.3.5.	Kompatibbiltà teknika	309
3.4.	**Aspetti relatati speċifikament mas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku**	310
3.4.1.	Sigurtà	310
3.4.2.	Kredibbiltà u disponibbiltà	310
3.4.3.	Kompatibbiltà teknika	311
4.	KARATTERISTIĊI TAS-SUBSISTEMA	311
4.1.	**Introduzzjoni**	311
4.2.	**Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-subsistema**	311
4.2.1.	Speċifikazzjonijiet relatati mal-persunal	312
4.2.1.1.	Rekwiżiti ġenerali	312
4.2.1.2.	Dokumentazzjoni għax-xufiera	312
4.2.1.2.1.	Ktieb tar-Regoli	312
4.2.1.2.2.	Deskrizzjoni tal-binarju u t-tagħmir rilevanti ma' ġenb il-binarji assoċjat mal-binarji li fuqhom isir ix-xogħol	313
4.2.1.2.2.1.	Tħejjija tal-Ktieb tar-Rotta	313
4.2.1.2.2.2.	Elementi modifikati	314

4.2.1.2.2.3.	Informazzjoni lix-xufier f'ħin reali	314
4.2.1.2.3.	Orarji	314
4.2.1.2.4.	Vetturi ferrovjarji	315
4.2.1.3.	Dokumentazzjoni għall-persunal tal-Impriżi Ferrovjarji minbarra x-xufiera	315
4.2.1.4.	Dokumentazzjoni għall-persunal tal-Mexxej tal-Infrastruttura li jawtorizzaw il-movimenti tal-ferroviji	315
4.2.1.5.	Komunikazzjonijiet relatati mas-sigurtà bejn l-ekwipaġġ tal-ferrovija, minbarra l-persunal tal-Impriżi Ferrovjarju u l-persunal li jawtorizza l-movimenti tal-ferroviji	315
4.2.2.	Speċfikazzjonijiet relatati mal-ferroviji	315
4.2.2.1.	Viżibbiltà tal-ferrovija	315
4.2.2.1.1.	Rekwiżit ġenerali	315
4.2.2.1.2.	Tarf ta' quddiem	315
4.2.2.1.3.	Tarf ta' wara	316
4.2.2.2.	Kemm tinstema' l-ferrovija	316
4.2.2.2.1.	Rekwiżit ġenerali	316
4.2.2.2.2.	Kontroll	316
4.2.2.3.	Identifikazzjoni tal-vetturi	316
4.2.2.4.	Tagħbija ta' vettura tal-merkanzija	316
4.2.2.4.1.	Distribuzzjoni tal-piż	316
4.2.2.4.2.	Tagħbija tal-fus	316
4.2.2.4.3.	Żgurar tat-tagħbija	316
4.2.2.4.4.	Envelopp kinematiku	316
4.2.2.4.5.	Kisi tat-tagħbija	316
4.2.2.5.	Kompożizzjoni tal-ferrovija	316
4.2.2.6.	Ibbrejkjar tal-ferrovija	317
4.2.2.6.1.	Rekwiżiti minimi tas-sistema tal-ibbrejkjar	317
4.2.2.6.2.	Prestazzjoni tal-brejk	317
4.2.2.7.	Żgurar li l-ferrovija qed taħdem sew	318
4.2.2.7.1.	Rekwiżit ġenerali	318
4.2.2.7.2.	Dejta meħtieġa	318
4.2.3.	Speċifikazzjonijiet relatati ma' attivitajiet ferrovjarji	318
4.2.3.1.	Ippjanar ferrovjarju	318
4.2.3.2.	Identifikazzjoni ta' ferroviji	318
4.2.3.3.	Tluq tal-ferroviji	318
4.2.3.3.1.	Verifiki u testijiet qabel it-tluq	318
4.2.3.3.2.	Informazzjoni lill-Mexxej tal-Infrastruttura dwar l-istat operattiv tal-ferrovija	318
4.2.3.4.	Maniġment tat-traffiku	318

4.2.3.4.1.	Rekwiżiti ġenerali	318
4.2.3.4.2.	Rappurtaġġ tal-ferroviji	319
4.2.3.4.2.1.	Dejta meħtieġa għar-rappurtaġġ tal-pożizzjoni tal-ferroviji	319
4.2.3.4.2.2.	Żmien previst għat-trasferiment	319
4.2.3.4.3.	Merkanzija perikoluża	319
4.2.3.4.4.	Kwalità operattiva	320
4.2.3.5.	Reġistrazzjoni tad-dejta	320
4.2.3.5.1.	Reġistrazzjoni ta' dejta tas-sorveljanza barra l-ferrovija	320
4.2.3.5.2.	Reġistrazzjoni ta' dejta tas-sorveljanza abbord il-ferrovija	321
4.2.3.6.	Operat degradat	321
4.2.3.6.1.	Pariri lil utenti oħra	321
4.2.3.6.2.	Pariri għax-xufiera tal-ferroviji	321
4.2.3.6.3.	Pjanijiet ta' kontinġenza	321
4.2.3.7.	Maniġment ta' sitwazzjoni ta' emerġenza	322
4.2.3.8.	Għajnuna għall-ekwipaġġ tal-ferroviji f'każ ta' inċident jew ta' falliment ewlieni fil-vetturi ferrovjarji	322
4.3.	**Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tal-interfejsis**	322
4.3.1.	Interfejsis mat-TSI tal-Infrastruttura	322
4.3.2.	Interfejsis mat-TSI tal-Kontroll/Kmand u s-Sinjalar	322
4.3.2.1.	Reġistrazzjoni tad-dejta tas-sorveljanza	322
4.3.2.2.	Viġilanza tax-xufier	322
4.3.2.3.	Regoli operattivi ERTMS/ETCS u ERTMS/GSM-R	323
4.3.2.4.	Vista tas-sinjal u tal-markaturr fil-ġenb tal-binarji	323
4.3.2.5.	Ibbrejkjar tal-ferroviji	323
4.3.2.6.	Użu ta' sanding. Elementi minimi rilevanti għall-kwalifiki professjonali meħtieġa għas-sewqan ta' ferrovija	323
4.3.2.7.	Reġistrazzjoni tad-dejta u ditezzjoni tal-kaxxa tal-fus sħuna	323
4.3.3.	Interfejsis mat-TSI Vetturi Ferrovjarji	323
4.3.3.1.	Identifikazzjoni tal-vetturi	323
4.3.3.2.	Ibbrejkjar	323
4.3.3.3.	Rekwiżiti għall-vetturi tal-passiġġieri	323
4.3.3.4.	Viżibbiltà tal-ferroviji	324
4.3.3.4.1.	Dwar il-vettura ewlenija ta' ferrovija li tħares fid-direzzjoni tal-ivvjaġġar	324
4.3.3.4.2.	Fuq it-tarf ta' wara	324
4.3.3.5.	Kemm jinstmegħu l-ferroviji	324
4.3.3.6.	Vista tas-sinjali	325
4.3.3.7.	Viġilanza tax-xufier	325
4.3.3.8.	Kompożizzjoni tal-ferrovija u l-Anness B	325

4.3.3.9.	Tagħbija tal-Vetturi ferrovjarji	325
4.3.3.10.	Żgurar li l-ferrovija qed taħdem sew u Oġġetti Perikolużi	325
4.3.3.11.	Kompożizzjoni ferrovjarja, Annessi H u L	325
4.3.3.12.	Arranġamenti ta' kontinġenza u Maniġment ta' sitwazzjoni ta' emerġenza	325
4.3.3.13.	Reġistrazzjoni tad-dejta	325
4.3.4.	Interfejsis mat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi	326
4.3.4.1.	Identifikazzjoni tal-ferroviji	326
4.3.4.2.	Kompożizzjoni tal-ferroviji	326
4.3.4.3.	Tluq tal-ferrovija	326
4.3.4.4.	Mixi tal-ferroviji	326
4.3.4.5.	Identifikazzjoni tal-vetturi	326
4.4.	**Regoli operattivi**	326
4.5.	**Regoli ta' manutenzjoni**	326
4.6.	**Kwalifiki professjonali**	326
4.6.1.	Kompetenza professjonali	326
4.6.1.1.	Għarfien professjonali	327
4.6.1.2.	Kapaċità li dan l-għarfien jitpoġġa fil-prattika	327
4.6.2.	Kompetenza lingwistika	327
4.6.2.1.	Prinċipji	327
4.6.2.2.	Livell ta' għarfien	327
4.6.3.	Valutazzjoni tal-bidu u kontinwa tal-persunal	328
4.6.3.1.	Elementi bażiċi	328
4.6.3.2.	Analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ	328
4.6.3.2.1.	Żvilupp tal-analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ	328
4.6.3.2.2.	Aġġornament tal-analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ	329
4.6.3.2.3.	Elementi speċifiċi għall-ekwipaġġ tal-ferrovija u l-persunal awżiljarju	329
4.6.3.2.3.1.	Għarfien tar-rotta	329
4.6.3.2.3.2.	Għarfien tal-vetturi ferrovjarji	329
4.6.3.2.3.3.	Persunal awżiljarju	329
4.7.	**Kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà**	329
4.7.1.	Introduzzjoni	329
4.7.2.	Kriterji għall-approvazzjoni ta' tobba tax-xogħol u organizzazzjonijiet mediċi	330
4.7.3.	Kriterji għall-approvazzjoni ta' psikoloġi involuti fil-valutazzjoni psikoloġika u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni psikoloġika	330
4.7.3.1.	Ċertifikazzjoni ta' psikoloġi	330
4.7.3.2.	Kontenut u interpretazzjoni tal-valutazzjoni psikoloġika	330
4.7.3.3.	Għażla ta' għodod tal-valutazzjoni	330

4.7.4.	Eżamijiet mediċi u valutazzjonijiet psikoloġiċi	330
4.7.4.1.	Qabel il-ħatra	330
4.7.4.1.1.	Kontenut minimu tal-eżami mediku	330
4.7.4.1.2.	Valutazzjoni psikoloġika	330
4.7.4.2.	Wara l-ħatra	331
4.7.4.2.1.	Perjodiċità tal-eżamijiet mediċi perjodiċi	331
4.7.4.2.2.	Kontenut minimu tal-eżami mediku perjodiku	331
4.7.4.2.3.	Eżamijiet mediċi addizzjonali u/jew valutazzjonijiet psikoloġiċi	331
4.7.5.	Rekwiżiti mediċi	332
4.7.5.1.	Rekwiżiti ġenerali	332
4.7.5.2.	Rekwiżiti tal-vista	332
4.7.5.3.	Rekwiżiti tas-smigħ	332
4.7.5.4.	Tqala	333
4.7.6.	Rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompitu tas-sewqan ta' ferrovija	333
4.7.6.1.	Perjodiċità tal-eżamijiet mediċi perjodiċi	333
4.7.6.2.	Kontenut addizzjonali tal-eżami mediku	333
4.7.6.3.	Rekwiżiti addizzjonali tal-vista	333
4.7.6.4.	Rekwiżiti addizzjonali tas-smigħ u t-taħdit	333
4.7.6.5.	Antropometriċi	333
4.7.6.6.	Konsulenza f'każ ta' Trawma	333
4.8.	**Reġistri tal-Infrastruttura u l-Vetturi ferrovjarji**	333
4.8.1.	Infrastruttura	334
4.8.2.	Vetturi ferrovjarji	334
5.	KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABBILTÀ	334
5.1.	**Definizzjoni**	334
5.2.	**Lista ta' kostitwenti**	334
5.3.	**Prestazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tal-kostitwenti**	334
6.	VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U/JEW L-ADATTAMENT GĦALL-UŻU TAL-KOSTITWENTI U L-VERIFIKA TAS-SUBSISTEMA	334
6.1.	**Kostitwenti tal-interoperabbiltà**	334
6.2.	**Subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku**	334
6.2.1.	Prinċipji	334
6.2.2.	Dokumentazzjoni tar-regoli u l-proċeduri	335
6.2.3.	Proċedura ta' valutazzjoni	335
6.2.3.1.	Deċiżjoni mill-Awtorità Kompetenti	335
6.2.3.2.	Jekk tkun meħtieġa valutazzjoni	335

6.2.4.	Prestazzjoni tas-sistema	335
7.	IMPLIMENTAZZJONI	335
7.1.	**Prinċipji**	335
7.2.	**Linji gwida tal-implimentazzjoni**	337
7.3.	**Każijiet speċifiċi**	337
7.3.1.	Introduzzjoni	337
7.3.2.	Lista ta' każijiet speċifiċi	337
ANNESS A1	REGOLI OPERATTIVI	338
ANNESS A2	ERTMS/GSM-R REGOLI OPERATTIVI ERTMS/ETCS	367
ANNESS B	REGOLI OĦRA LI JIPPERMETTU OPERAT KOERENTI TA' SUBSISTEMI STRUTTURALI ĠODDA	368
ANNESS C	METODOLOĠIJA TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET RELATATI MAS-SIGURTÀ	369
ANNESS D	INFORMAZZJONI LI GĦANDU JKOLLHA AĊĊESS GĦALIHA L-IMPRIŻA FERROVJARJA B'RABTA MAR-ROTTA(ROTOT) LI FUQHA GĦANDHA L-INTENZJONI LI TOPERA	380
ANNESS E	LIVELL TA' LINGWA U KOMUNIKAZZJONI	385
ANNESS F	LINJI GWIDA TAL-VALUTAZZJONI TAS-SUBSISTEMA TAL-OPERAT U L-MANIĠMENT TAT-TRAFFIKU	386
ANNESS G	LISTA INFORMATTIVA U MHUX OBBLIGATORJA TA' ELEMENTI LI GĦANDHOM JIĠU VERIFIKATI GĦAL KULL PARAMETRU BAŻIKU	388
ANNESS H	ELEMENTI MINIMI RILEVANTI GĦAL KWALIFIKA PROFESSJONALI GĦALL-KOMPITU TAS-SEWQAN TA' FERROVIJA	392
ANNESS 1	MHUX UŻAT	394
ANNESS J:	ELEMENTI MINIMI RILEVANTI GĦALL-KWALIFIKA PROFESSJONALI GĦAX-XOGĦOL ASSOĊJAT MA' FERROVIJI LI JAKKOMPANJAW	395
ANNESS K	MHUX UŻAT	396
ANNESS L	ELEMENTI MINIMI RILEVANTI GĦAL KWALIFIKA PROFESSJONALI GĦALL-KOMPITU TAT-TĦEJJIJA TA' FERROVIJI	397
ANNESS M	MHUX UŻAT	398
ANNESS N	LINJI GWIDI TAL-IMPLIMENTAZZJONI	399
ANNESS O	MHUX UŻAT	403
ANNESS P	IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA	404
ANNESS Q	MHUX UŻAT	448
ANNESS R	IDENTIFIKAZZJONI TAL-FERROVIJI	448
ANNESS S	VIŻIBBILTÀ TAL-FERROVIJA – TARF TA' WARA	449
ANNESS T	PRESTAZZJONI TAL-BREJK	449
ANNESS U	LISTA TA' PUNTI MIFTUĦA	450
ANNESS V	TĦEJJIJA U AĠĠORNAMENT TA' REGOLI TAD-DOKUMENTAZZJONI GĦAX-XUFIERA	451
GLOSSARJU		452

SPEĊIFIKAZZJONI TEKNIKA GĦALL-INTEROPERABBILTÀ

SUBSISTEMA TAL-OPERAT U L-MANIĠMENT TAT-TRAFFIKU

1. INTRODUZZJONI

1.1. *AMBITU TEKNIKU*

Din it-TSI (Technical Specification Interoperability) tikkonċerna s-subsistema għall-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku li tidher fil-lista fil-Punt 1 tal-Anness II tad-Direttiva 2001/16/KE.

Iżjed informazzjoni dwar din is-subsistema tinsab fil-Kapitolu 2.

1.2. *AMBITU ĠEOGRAFIKU*

L-ambitu ġeografiku ta' din it-TSI hu s-sistema ferrovjarja konvenzjonali transEwropea kif deskritt fl-Anness I tad-Direttiva 2001/16/KE.

Kontenut ta' din it-TSI

Skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2001/16/KE, din it-TSI:

(a) tindika l-ambitu maħsub tas-subsistema għall-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku – il-Kapitolu 2;

(b) tistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali għal kull subsistema kkonċernata u l-interfejsis tagħha fil-konfront ta' subsistemi oħra – il-Kapitolu 3;

(c) tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi li għandhom jintlaħqu mis-subsistema fil-mira u l-interfejsis tagħha fil-konfront ta' subsistemi oħra. Jekk ikun meħtieġ, dawn l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jvarjaw skont l-użu tas-subsistema, pereżempju skont il-kategoriji tal-binarji, il-pernijiet u/jew il-vetturi ferrovjarji provduti fl-Anness I tad-Direttiva – il-Kapitolu 4;

(d) tiddetermina l-kostitwenti tal-interoperabbiltà u l-interfejsis koperti mill-ispeċifikazzjonijiet Ewropej, inklużi standards Ewropej, li huma meħtieġa biex tinkiseb l-interoperabbiltà fi ħdan is-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea – il-Kapitolu 5;

(e) tagħti, f'kull każ li qed jiġi kkunsidrat, il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità jew l-adattatezza għall-użu. Dan jinkludi b'mod partikolari l-moduli definiti fid-Deċiżjoni 93/465/KEE jew, fejn ikun xieraq, il-proċeduri speċifiċi li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni jew tal-konformità jew l-adattatezza għall-użu tal-kostitwenti tal-interoperabbilta u l-verifika "KE" tas-subsistemi. Fejn hemm dokumenti li jistgħu jintużaw bħala referenzi biex jassistu fl-implimentazzjoni ta' din it-TSI, dawn jitniżżlu – il-Kapitolu 6;

(f) tindika l-istrateġija għall-implimentazzjoni tat-TSI. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-istadji li għandhom jitlestew u l-elementi li jistgħu jiġu applikati sabiex issir tranżizzjoni gradwali mis-sitwazzjoni eżistenti għas-sitwazzjoni finali li fiha l-konformità mat-TSI għandha tkun in-norma – il-Kapitolu 7;

(g) tindika, għall-persunal ikkonċernat, il-kwalifiki professjonali u l-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol meħtieġa għall-operat u l-manutenzjoni tas-subsistema kkonċernata, kif ukoll għall-implimentazzjoni tat-TSI – il-Kapitolu 4.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(5), tista' ssir provviżjoni għal każijiet speċifiċi għal kull TSI; dawn huma indikati fil-Kapitolu 7.

Din it-TSI fiha wkoll, fil-Kapitolu 4, ir-regoli operattivi u tal-manutenzjoni speċifiċi għall-ambitu indikat fis-Subartikoli 1.1. u 1.2. imsemmija qabel.

2. DEFINIZZJONI TA' SUBSISTEMA/AMBITU

2.1. *SUBSISTEMA*

Is-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku hi definita permezz tal-Anness II tad-Direttiva 2001/16/KE, Artikolu 2.4.

Dan jinkludi b'mod partikolari:

— "Il-proċeduri u t-tagħmir relatat li jippermetti operat koerenti tas-subsistemi strutturali differenti, kemm waqt l-operat normali u dak degradat, inkluż b'mod partikolari waqt is-sewqan tal-ferroviji, l-ippjanar u l-maniġment tat-traffiku.

— Il-kwalifiki professjonali li jistgħu jkunu meħtieġa għat-twettiq ta' servizzi transkonfinali".

2.2. *AMBITU*

L-ambitu ta' din it-TSI japplika għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku ta' Mexxejja tal-Infrastruttura u Impriżi Ferrovjarji relatati mal-operat ta' ferroviji fuq il-binarji ferrovjarji konvenzjonali TEN.

L-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fit-TSI dwar l-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku jistgħu jintużaw bħala dokument ta' referenza għall-operat ta' ferroviji anki jekk dawn ma jkunux koperti mill-ambitu ta' din it-TSI.

2.2.1. PERSUNAL U FERROVIJI

Is-Subartikoli 4.6. u 4.7. japplikaw għal dak il-persunal li jwettaq ix-xogħol kritiku tas-sigurtà ta' sewqan ta' ferrovija u l-akkompanjament ta' ferrovija, meta dawn jinvolvu l-qsim ta' fruntiera(i) bejn l-istati u l-ħidma lil hinn minn kwalunkwe post(ijiet) stabbilit(i) bħala l-"fruntiera" fid-Dikjarazzjoni tan-Netwerk ta' Mexxej tal-Infrastruttura u inkluż(i) fl-awtorizzazzjoni tas-sigurtà tiegħu.

Membru tal-persunal ma jitqiesx li jaqsam fruntiera jekk l-attività tinvolvi biss ħidma sa kwalunkwe postijiet ta' "fruntiera" kif huma deskritti qabel.

Għal dak il-persunal li jwettaq ix-xogħol kritiku tas-sigurtà ta' kunsinna ta' ferroviji u l-awtorizzazzjoni ta' movimenti tal-ferrovija, għandhom japplikaw ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali u l-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà bejn l-Istati Membri.

Għal dak il-persunal li jwettaq ix-xogħol kritiku tas-sigurtà assoċjat mal-aħħar tħejjija ta' ferrovija qabel ma tkun skedata li taqsam fruntiera(i) u li taħdem lil hinn minn kwalunke post(ijiet) ta' "fruntiera" kif deskritt qabel, is-Subartikolu 4.6. għandu japplika b'rikonoxximent reċiproku tal-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà bejn l-Istati Membri. Ferrovija ma titqiesx li tkun servizz transkonfinali, jekk il-vaguni kollha tal-ferrovija li li tkun qed taqsam il-fruntiera tal-istat taqsam biss sal-post(ijiet) tal-"fruntiera" kif deskritt qabel.

Dan jista' jitqassar f'dawn it-tabelli:

Il-persunal involut fil-ħidma ta' ferroviji li se jaqsmu l-fruntieri ta' stati u jipproċedu lil hinn mill-post tal-fruntiera

Kompitu	Kwalifiki Professjonali	Rekwiżiti Mediċi
Sewqan ta' Ferrovija u Akkompanjament ta' Ferrovija	4.6.	4.7.
Awtorizzazzjoni ta' movimenti tal-ferrovija	Rikonoxximent reċiproku	Rikonoxximent reċiproku
Tħejjija tal-ferrovija	4.6.	Rikonoxximent reċiproku
Kunsinna tal-Ferroviji	Rikonoxximent Reċiproku	Rikonoxximent reċiproku

Persunal li jkunu qed iħaddmu ferroviji li ma jaqsmux fruntieri statali jew jagħmlu hekk biss sa postijiet tal-fruntieri

Kompitu	Kwalifiki professjonali	Rekwiżiti Mediċi
Sewqan ta' Ferrovija u Akkompanjament ta' Ferrovija	Rikonoxximent reċiproku	Rikonoxximent reċiproku
Awtorizzazzjoni ta' movimenti tal-ferrovija	Rikonoxximent reċiproku	Rikonoxximent reċiproku
Tħejjija tal-Ferrovija	Rikonoxximent reċiproku	Rikonoxximent reċiproku
Kunsinna tal-Ferrroviji	Rikonoxximent reċiproku	Rikonoxximent reċiproku

Fil-qari ta' dawn it-tabelli, għandu jiġi osservat li l-prinċipji tal-komunikazzjonijiet deskritti fil-Kapitolu 4.2.1. huma rekwiżit obbligatorju.

2.2.2. PRINĊIPJI OPERATTIVI

Id-differenzi Ewropej eżistenti fit-tfassil u l-kunċetti tal-infrastruttura, li huma mill-inqas parzjalment responsabbli għad-differenzi eżistenti fir-regoli u l-proċeduri, ħafna drabi jistgħu jingħelbu biss bħala riżultat ta' investiment kbir.

B'konsegwenza, l-għan ġenerali tal-verżjoni attwali ta' din it-TSI, li hi l-ewwel waħda wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2001/16/KE, mhuwiex li jinħoloq ktieb tar-regoli wieħed Ewropew għall-operat u l-maniġment tat-traffiku ferrovjarju konvenzjonali. Madankollu, ir-regoli u l-proċeduri li jippermettu operat koerenti tas-subsistemi strutturali ġodda intiżi li jintużaw fit-TEN, u b'mod partikolari dawk li huma konnessi direttament mal-operat ta' sistema ġdida tal-kontroll u s-sinjalar ta' ferrovija, għandhom ikunu identiċi meta jeżistu sitwazzjonijiet identiċi.

Fil-bidu, din it-TSI kienet tkopri biss dawk l-elementi (kif stabbiliti fil-Kapitolu 4) tas-subsistema tal-"Operat u l-Maniġment tat-Traffiku" ferrovjarja konvenzjonali, fejn prinċipalment hemm interfejsis operattivi bejn Impriżi Ferrovjarji u Mexxejja tal-Infrastruttura jew fejn ikun hemm benefiċċju partikolari għall-interoperabbiltà. Biex isir dan, ġew ikkunsidrati r-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/49/KE (id-Direttiva tas-Sigurtà Ferrovjarja),

Sussegwentament, hu maħsub li jiġu speċifikati regoli operattivi dettaljati għas-Sistema Ewropea tal-Maniġment tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) fl-Anness (A1 għal ERTMS/ETCS, A2 għal ERTMS/GSMR) għal din it-TSI meta jsiru disponibbli. Fil-preżent, l-anness mehmuż A1 hu biss informattiv u mhux obbligatorju, għax ir-regoli għadhom ma ġewx finalizzati.

2.2.3. APPLIKABBILTÀ GĦALL-VETTURI EŻISTENTI U L-INFRASTRUTTURA

Filwaqt li l-maġġoranza tar-rekwiżiti msemmija f'din it-TSI huma relatati ma' proċessi u proċeduri, numru minnhom huma relatati wkoll ma' elementi fiżiċi, ferroviji u vetturi li huma importanti għall-operat.

Il-kriterji tad-disinn għal dawn l-elementi huma deskritti fit-TSIs li jkopru subsistemi oħra bħall-vetturi ferrovjarji. Fil-kuntest tat-TSI tal-OPE, hija l-funzjoni operattiva tagħhom li tiġi kkunsidrata.

F'dawn il-każijiet, jiġi rikonoxxut li l-modifika ta' vetturi ferrovjarji/faċilitajiet tal-infrastruttura eżistenti biex jintlaħqu r-rekwiżiti sħaħ ta' din it-TSI tista' ma tkunx effettiva għall-ispejjeż. Ir-rekwiżiti kkonċernati għaldaqstant għandhom jiġu applikati biss għal elementi ġodda jew meta l-element jiġi aġġornat jew rinnovat u jirrikjedu awtorizzazzjoni ġdida għat-tqegħid fis-servizz skont it-tifsira tad-Direttiva 2001/16/KE Artikolu 14.3.

2.3. *KONNESSJONI BEJN DIN IT-TSI U D-DIRETTIVA 2004/49/KE*

Għalkemm din it-TSI hi żviluppata skont id-Direttiva tal-Interoperabbiltà 2001/16/KE, tindirizza rekwiżiti relatati mill-qrib mal-proċeduri u l-proċessi operattivi meħtieġa minn Mexxej tal-Infrastruttura jew Impriża Ferrovjarja meta dawn japplikaw għal ċertifikat tas-sigurtà skont id-Direttiva tas-Sigurtà 2004/49/KE

3. **REKWIŻITI ESSENZJALI**

3.1. *KONFORMITÀ MAR-REKWIŻITI ESSENZJALI*

Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/16/KE, is-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, is-subsistemi tagħha u l-kostitwenti tal-interoperabbiltà tagħhom għandhom jilħqu r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti f'termini ġenerali fl-Anness III tad-Direttiva.

3.2. *REKWIŻITI ESSENZJALI – ĦARSA ĠENERALI*

Ir-rekwiżiti essenzjali jkopru:

— is-sigurtà,

— il-kredibbiltà u d-disponibbiltà,

— is-saħħa,

— il-ħarsien ambjentali,

— il-kompatibbiltà teknika.

Skont id-Direttiva 2001/16/KE, ir-rekwiżiti essenzjali jistgħu jkunu ġeneralment applikabbli għas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea kollha jew ikunu speċifiċi għal kull subsistema u l-kostitwenti tagħha.

3.3. *ASPETTI SPEĊIFIĊI B'RABTA MA' DAWN IR-REKWIŻITI*

Ir-rilevanza tar-rekwiżiti ġenerali għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku hi determinata f'dawn il-klawżoli:

3.3.1. SIGURTÀ

Skont l-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE, ir-rekwiżiti essenzjali relatati mas-sigurtà li japplikaw għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku huma dawn:

Ir-rekwiżit essenzjali 1.1.1. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"Id-disinn, il-kostruzzjoni jew l-armar, il-manutenzjoni u l-monitoraġġ ta' komponenti kritiċi għas-sigurtà u, b'mod aktar partikolari, tal-komponenti involuti fil-movimenti tal-ferroviji għandhom ikunu tali li jiggarantixxu s-sigurtà fil-livell korrispondenti għall-għanijiet stabbiliti għan-netwerk, inklużi dawk għal sitwazzjonijiet degradadi speċifiċi."

Safejn is-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku hi kkonċernata, dan ir-rekwiżit essenzjali hu ndirizzat bl-ispeċifikazzjoni tas-Subsezzjoni "il-viżibbiltà tal-ferroviji (is-Subartikoli 4.2.2.1. u 4.3.) u 'kemm tinstema' l-ferrovija" fis-Subartikoli 4.2.2.2.u 4.3.

Rekwiżit essenzjali 1.1.2. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"Il-parametri involuti fil-kuntatt tar-roti mal-binarju għandhom jilħqu r-rekwiżiti tal-istabbiltà meħtieġa sabiex jiggarantixxu l-moviment sigur fil-veloċità massima awtorizzata".

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

Rekwiżit essenzjali 1.1.3. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"Il-komponenti użati għandhom ikunu jifilħu kwalunkwe tensjonijiet normali jew eċċezzjonali li jkunu ġew speċifikati matul il-perjodu tal-użu tagħhom. Ir-riperkussjonijiet tas-sigurtà ta' kwalunkwe nuqqasijiet aċċidentali għandhom ikunu limitati b'mezzi xierqa."

Safejn hi kkonċernata s-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku, dan ir-rekwiżit essenzjali hu ndirizzat mill-ispeċifikazzjoni tas-Subtaqsima "viżibbiltà tal-ferrovija" (is-Subartikoli 4.2.2.1. u 4.3.).

Ir-rekwżiti essenzjali 1.1.4. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"Id-disinn tal-installazzjonijiet fissi u l-vetturi ferrovjarji u l-għazla tal-materjali użati għandhom ikunu ndirizzati biex jillimitaw il-ġenerazzjoni, it-tixrid u l-effetti tan-nar u d-duħħan f'każ ta' nar."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

Ir-rekwiżit essenzjali 1.1.5. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"Kwalunkwe tagħmir maħsub li jiġi ġestit mill-utenti għandu jkun disinjat biex ma jfixkilx l-operat sigur tat-tagħmir jew is-saħħa u s-sigurtà tal-utenti jekk jintuża' prevedibbilment b'mod mhux skont l-istruzzjonijiet indikati."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

3.3.2. AFFIDABBILTÀ U DISPONIBBILTÀ

Ir-rekwiżit essenzjali 1.2. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE

"Il-monitoraġġ u l-manutenzjoni ta' komponenti fissi jew mobbli li huma involuti fil-movimenti tal-ferroviji għandhom ikunu organizzati, jitwettqu u jiġu kwantifikati b'mod li jżonnu l-operat tagħhom fil-kundizzjonijiet intiżi."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

3.3.3. SAĦĦA

Rekwiżit essenzjali 1.3.1. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"Materjali li aktarx, minħabba kif jintużaw, jikkostitwixxu periklu għas-saħħa għal dawk li għandhom aċċess għalihom ma għandhomx jintużaw f'ferroviji u infrastruttura tal-ferrovija."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

Rekwiżit essenzjali 1.3.2. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"Dawk il-materjali għandhom jintgħażlu, jitqegħdu u jintużaw b'mod li jirristrinġu l-emissjoni ta' dħaħen jew gassijiet li jagħmlu l-ħsara u perikolużi, partikolarment f'każ ta' nar."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

3.3.4. ĦARSIEN AMBJENTALI

Rekwiżit essenzjali 1.4.1. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"L-impatt ambjentali tat-twaqqif u l-operat tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea għandhu jiġi valutat u kkunsidrat fl-istadju tad-disinn tas-sistema skont id-dispożizzjonijiet tal-Komunità fis-seħħ."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

Rekwiżiti essenzjali 1.4.2. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"Il-materjali użati fil-ferroviji u l-infrastruttura għandhom jimpedixxu l-emissjoni ta' dħaħen jew gassijiet li jagħmlu l-ħsara u li huma perikolużi għall-ambjent, b'mod partikolari f'każ ta' nar."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

Rekwiżit essenzjali 1.4.3. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"Is-sistemi tal-vetturi ferrovjarji u tal-provvista tal-enerġija għandhom ikunu ddisinjati u manifatturati b'mod li jkunu elettromanjetikament kompatibbli mas-sistemi, it-tagħmir u n-netwerks pubbliċi jew privati li magħhom jistgħu jinterferixxu."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

Rekwiżit essenzjali 1.4.4. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"L-operat tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea għandu jirrispetta r-regolamenti eżistenti dwar it-tniġġis bl-istorbju".

Filwaqt li dan hu prinċipalment Rekwiżit Essenzjali kopert mit-TSI tal-Istorbju, is-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku tispeċifika ċerti elementi fis-Subartikoli 4.2.2.2. u 4.3. fir-rigward ta' "kemm tinstema' ferrovija".

Rekwiżit essenzjali 1.4.5. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"L-operat tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea ma għandux iwassal għal livell mhux permissibbli ta' vibrazzjonijiet tal-art għall-attivitajiet u ż-żoni viċin l-infrastruttura u fi stat normali ta' manutenzjoni."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

3.3.5. KOMPATIBBILTÀ TEKNIKA

Ir-rekwiżit essenzjali 1.5. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE

"Il-karatteristiċi tekniċi tal-infrastruttura u s-sistemi fissi għandhom ikunu kompatibbli ma' xulxin u ma' dawk tal-ferroviji li għandhom jintużaw fuq is-sistema ferrovjarja konvenzjonali transEwropea.

Jekk il-konformità ma' dawn il-karatteristiċi tkun diffiċli fuq ċerti taqsimiet tan-netwerk, jistgħu jiġu mplimentati soluzzjonijiet temporanji, li jiżguraw l-kompatibbiltà fil-ġejjieni."

Dan ir-rekwiżit essenzjali mhuwiex rilevanti għas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku.

3.4. *ASPETTI RELATATI SPEĊIFIKAMENT MAS-SUBSISTEMA TAL-OPERAT U L-MANIĠMENT TAT-TRAFFIKU*

3.4.1. SIGURTÀ

Rekwiżit essenzjali 2.6.1. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"L-allinjament tar-regoli operattivi tan-netwerk u l-kwalifiki tax-xufiera u l-persunal abbord u tal-persunal fiċ-ċentri tal-kontroll għandhom ikunu tali li jiżguraw l-operat sigur, meta wieħed jikkunsidra r-rekwiżiti differenti tas-servizzi transkonfinali u domestiċi.

L-operazzjonijiet u l-intervalli tal-manutenzjoni, it-taħriġ u l-kwalifiki tal-persunal taċ-ċentru tal-manutenzjoni u l-kontroll u s-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità stabbiliti mill-operaturi kkonċernati fiċ-ċentri tal-kontroll u l-manutenzjoni għandhom ikunu tali li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà."

Ir-rekwiżit essenzjali hu ndirizzat minn dawn is-Subartikoli ta' din l-ispeċifikazzjoni:

— Identifikazzjoni tal-Vetturi (is-Subartikolu 4.2.2.3.)

— Ibbrejkjar tal-ferrovija (is-Subartikolu 4.2.2.6.)

— Kompożizzjoni tal-ferrovija (is-Subartikolu 4.2.2.5.)

— Tagħbija ta' vettura tal-merkanzija (is-Subartikolu 4.2.2.4.)

— Żgurar li l-ferrovija tkun qed taħdem sew (is-Subartikolu 4.2.2.7.)

— Viżibbiltà tal-ferrovija (is-Subartikoli 4.2.2.1. u 4.3.)

— Kemm tinstema' l-ferrovija (is-Subartikoli 4.2.2.2. u 4.3.)

— Tluq tal-ferrovija (is-Subartikolu 4.2.3.3.)

— Maniġment tat-traffiku (is-Subartikolu 4.2.3.4.)

— Strument li jara s-sinjali u tal-viġilanza (is-Subartikolu 4.3.)

— Komunikazzjoni relatata mas-sigurtà (is-Subartikoli 4.2.1.5. u 4.6.)

— Dokumentazzjoni għax-xufiera (is-Subartikolu 4.2.1.2.)

— Dokumentazzjoni għall-persunal tal-Impriża Ferrovjarja minbarra xufiera (is-Subartikolu 4.2.1.3.)

— Dokumentazzjoni għall-persunal tal-Mexxej tal-Infrastruttura li jawtorizza l-movimenti tal-ferrovija (is-Subartikolu 4.2.1.4.)

— Operat degradat (is-Subartikolu 4.2.3.6.)

— Maniġment ta' sitwazzjoni ta' emerġenza (is-Subartikolu 4.2.3.7.)

— Regoli operattivi ERTMS (is-Subartikolu 4.4.)

— Kwalifiki professjonali (is-Subartikolu 4.6.)

— Kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà (is-Subartikolu 4.7.)

3.4.2. KREDIBBILTÀ U DISPONIBBILTÀ

Ir-rekwiżit essenzjali 2.6.2. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"L-attivitajiet u l-perjodi ta' manutenzjoni, it-taħriġ u l-kwalifiki tal-persunal tal-manutenzjoni u taċ-ċentru tal-kontroll u s-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità mwaqqfa mill-operaturi kkonċernati fiċ-ċentri tal-kontroll u l-manutenzjoni għandhom ikunu tali li jiżguraw livell għoli ta' affidabbiltà u disponibbiltà tas-sistema."

Ir-rekwiżit essenzjali hu żgurat minn dawn is-Subartikoli ta' din l-ispeċifikazzjoni:

— Kompożizzjoni tal-ferrovija (is-Subartikolu 4.2.2.5.)

— Żgurar li l-ferrovija qed taħdem sew (is-Subartikolu 4.2.2.7.)

— Maniġment tat-Traffiku (is-Subartikolu 4.2.3.4.)

— Komunikazzjoni Relatata mas-Sigurtà (is-Subartikolu 4.2.1.5.)

— L-operat degradat (is-Subartikolu 4.2.3.6.)

— Maniġment ta' sitwazzjoni ta' emerġenza (is-Subartikolu 4.2.3.7.)

— Kwalifiki professjonali (is-Subartikolu 4.6.)

— Kundizzjonijiet ta' saħħa u sigurtà (is-Subartikolu 4.7.)

3.4.3. KOMPATIBBILTÀ TEKNIKA

Ir-rekwiżit essenzjali ta' 2.6.3. tal-Anness III tad-Direttiva 2001/16/KE:

"L-allinjament tar-regoli operattivi tan-netwerk u tal-kwalifiki tax-xufiera, tal-persunal abbord u tal-mexxejja tat-traffiku għandu jkun tali li jiżgura effiċjenza operattiva fuq is-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, meta wieħed jikkunsidra r-rekwiżiti differenti ta' servizzi transkonfinali u domestiċi."

Ir-rekwiżit essenzjali hu indirizzat minn dawn is-Subartikolu ta' din l-ispeċifikazzjoni:

— L-Identifikazzjoni tal-vettura (is-Subartikolu 4.2.2.3.)

— L-Ibbrejkjar tal-Ferroviji (is-Subtaqsima 4.2.2.6.)

— Il-Kompożizzjoni tal-ferrovija (is-Subartikolu 4.2.2.5.)

— Tagħbija ta' vagun tal-merkanzija (is-Subartikolu 4.2.2.4.)

— Komunikazzjoni Relatata mas-Sigurtà (is-Subartikolu 4.2.1.5.)

— Operat degradat (is-Subartikolu 4.2.3.6.)

— Maniġment ta' sitwazzjoni ta' emerġenza (is-Subartikolu 4.2.3.7.)

4. KARATTERISTIĊI TAS-SUBSISTEMA

4.1. *INTRODUZZJONI*

Is-sistema ferrovjarja konvenzjali trans-Ewropea (TEN), li għaliha tapplika d-Direttiva 2001/16/KE u li minnha tagħmel parti s-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku, hi sistema integrata li l-konsistenza tagħha għandha tiġi vverifikata. Din il-konsistenza għandha tiġi vverifikata b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tas-subsistema, l-interfejsis tagħha fir-rigward tas-sistema li magħha hi integrata, kif ukoll ir-regoli operattivi.

Meta wieħed iqis ir-rekwiżiti essenzjali rilevanti kollha, is-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku, kif deskritt fis-Subartikolu 2.2., tkopri biss l-elementi speċifikati fit-taqsima li jmiss.

B'konformità mad-Direttiva 2001/14/KE, hi r-responsabbiltà ġenerali tal-Mexxej tal-Infrastruttura li jipprovdi r-rekwiżiti xierqa kollha li għandhom jintlaħqu minn ferroviji permessi li jaħdmu fuq in-netwerk tiegħu, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-partikolaritajiet ġeografiċi tal-binarji individwali u l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali jew tekniċi stabbiliti isfel.

4.2. *SPEĊIFIKAZZJONIJIET FUNZJONALI U TEKNIĊI TAS-SUBSISTEMA*

L-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku jinkludu dan li ġej:

— l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-persunal

— l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-ferroviji

— l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-attivitajiet ferrovjarji

4.2.1. SPEĊIFIKAZZJONIJIET RELATATI MAL-PERSUNAL

4.2.1.1. ***Rekwiżiti ġenerali***

Din it-taqsima titratta l-persunal li jikkontribwixxi għall-operat tas-subsistema billi jwettaq xogħol kritiku tas-sigurezza li jinvolvi interfejs dirett bejn Impriża Ferrovjarja u Mexxej tal-Infrastruttura.

— Persunal ta' Impriża Ferrovjarja:

  — li jwettqu x-xogħol tas-sewqan ta' ferroviji (imsemmija f'dan id-dokument bħala "xufier") u li jiffurmaw parti mill-"ekwipaġġ tal-ferrovija",

  — li jwettqu xogħol abbord (minbarra sewqan) u li jiffurmaw parti mill-"ekwipaġġ tal-ferrovija",

  — li jwettqu x-xogħol tat-tħejjija tal-ferroviji.

— Il-persunal tal-Mexxej tal-Infrastruttura li jwettaq ix-xogħol tal-awtorizzazzjoni tal-moviment tal-ferroviji

L-oqsma koperti huma:

— Dokumentazzjoni

— Komunikazzjoni

u, fl-ambitu speċifikat fl-Artikolu 2.2. ta' din it-TSI:

— Kwalifiki (ara l-Artikolu 4.6. u l-Annessi H, J u L)

— Kundizzjonijiet tas-Saħħa u s-Sigurtà (ara s-Subartikolu 4.7.)

4.2.1.2. ***Dokumentazzjoni għax-xufiera***

L-Impriża Ferrovjarja li topera l-ferrovija għandha tipprovdi lix-xufier bl-informazzjoni kollha meħtieġa għat-twettiq tal-obbligi tiegħu.

Din l-informazzjoni għandha tqis l-elementi meħtieġa għall-operat f'sitwazzjonijiet normali, degradati u ta' emerġenza għar-rotot li fuqhom għandhom jitħaddmu u l-vetturi ferrovjarji użati fuq dawn ir-rotot.

4.2.1.2.1. **Ktieb tar-Regoli**

Il-proċeduri kollha meħtieġa għax-xufier għandhom jiġu inklużi f'dokument jew mezz tal-kompjuter imsejjaħ il-"Ktieb tar-Regoli tax-Xufier".

Il-"Ktieb tar-Regoli tax-Xufier" għandu jistipula r-rekwiżiti għar-rotot kollha maħduma u l-vetturi ferrovjarji użati fuq dawn ir-rotot skont is-sitwazzjonijiet tal-operat normali, l-operat degradat u f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza li x-xufier jista' jiltaqa' magħhom.

Il-"Ktieb tar-Regoli tax-Xufier" għandu jkopri żewġ aspetti distinti:

— wieħed li jiddeskrivi s-sett ta' regoli komuni u l-proċeduri validi fuq it-TEN (li jqisu l-kontenut tal-Annessi A, B u C)

— ieħor li jistabbilixxi kwalunkwe regoli u proċeduri meħtieġa speċifiċi għal kull Mexxej tal-Infrastruttura

Għandu jinkludi proċeduri li jkopru, bħala minimu, dawn l-aspetti:

— Is-Sigurtà tal-Persunal

— Is-Sinjalar u Kmand tal-Kontroll

— L-Operat Ferrovjarju inkluż modulu degradat

— Il-forza tal-ġbid u l-Vetturi Ferrovjarji

— L-Inċidenti u aċċidenti

L-Impriża Ferrovjarja hi responsabbli għall-kumpilazzjoni ta' dan id-dokument.

L-Impriża Ferrovjarja għandha tippreżenta l-Ktieb tar-Regoli tax-Xufier fl-istess format għall-infrastruttura sħiħa li fuqha għandhom jaħdmu x-xufiera tagħha.

Għandu jkollha żewġ appendiċijiet:

— Appendiċi 1: Manwal tal-proċeduri ta' komunikazzjoni;

— Appendiċi 2: Ktieb tal-Forom

L-Impriża Ferrovjarja għandha tikteb il-ktieb tar-regoli tax-xufier jew fil-lingwa ta' wieħed mill-Istati Membri jew il-lingwa "operattiva" ta' wieħed mill-Mexxejja tal-Infrastruttura li għalih japplikaw ir-regoli. Dan ma jkunx jgħodd għall-messaġġi u l-formoli li għandhom jibqgħu fil-lingwa "operattiva" tal-Mexxej tal-Infrastruttura.

Il-proċess għat-tħejjija u l-aġġornament tal-Ktieb tar-Regoli tax-Xufier għandu jinkludi dawn il-passi:

— il-Mexxej tal-Infrastruttura (jew l-organizzazzjoni responsabbli għat-tħejjija tar-regoli operattivi) għandu jipprovdi lill-Impriża Ferrovjarja l-informazzjoni xierqa fil-lingwa operattiva tal-Mexxej tal-Infrastruttura,

— l-Impriża Ferrovjarja għandha tfassal id-dokument inizjali jew aġġornat:

— jekk il-lingwa magħżula mill-Impriża Ferrovjarja għall-Ktieb tar-Regoli tax-Xufier ma tkunx il-lingwa li fiha l-informazzjoni xierqa tkun ġiet provduta oriġinarjament, tkun ir-responsabbiltà tal-Impriża Ferrovjarja li tirranġa għal kwalunkwe traduzzjoni meħtieġa.

B'konformità mal-Anness III, il-Paragrafu 2 tad-Direttiva 2004/49/KE, is-Sistema tal-Maniġment tas-Sigurtà tal-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jkun fiha proċess ta' validazzjoni biex jiżgura li l-kontenut tad-dokumentazzjoni provduta lill-Impriża(i) Ferrovjarja(i) tkun kompluta u preċiża.

B'konformità mal-Anness III, il-Paragrafu 2 tad-Direttiva 2004/49/KE, is-Sistema tal-Maniġment tas-Sigurtà tal-Impriża Ferrovjarja għandu jkun fiha proċess ta' validazzjoni li jiżgura li l-kontenut tal-Ktieb tar-Regoli jkun komplut u preċiż.

L-Anness V jiddeskrivi dan il-proċess f'forma ta' flowchart u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proċess.

4.2.1.2.2. **Deskrizzjoni tal-binarji u t-tagħmir rilevanti ma' ġenb il-binarji assoċjat mal-binarji li jitħaddmu**

Ix-xufiera għandhom jiġu provduti b'deskrizzjoni tal-binarji u t-tagħmir assoċjat ma' ġenb il-binarji għall-binarji li fuqhom għandhom joperaw u li huma rilevanti għax-xogħol tas-sewqan. Din l-informazzjoni għandha tiġi stabbilita f'dokument wieħed imsejjaħ "il-Ktieb tar-Rotta" (li jista' jkun jew dokument tradizzjonali jew ibbażat fuq kompjuter).

Din li ġejja hi lista ta' informazzjoni li għandha tiġi provduta bħala minimu:

— il-karatteristiċi operattivi ġenerali

— indikazzjoni ta' gradjenti li jitilgħu u jinżlu

— dijagramma dettaljata tal-binarji

4.2.1.2.2.1. *Tħejjija tal-Ktieb tar-Rotot*

Il-Ktieb tar-Rotot għandu jitħejja jew fil-lingwa ta' wieħed mill-Istati Membri magħżula mill-Impriża Ferrovjarja jew il-lingwa "operattiva" użata mill-Mexxej tal-Infrastruttura.

Din l-informazzjoni għandha tiġi inkluża (din il-lista mhix eżawrjenti):

— il-karatteristiċi operattivi ġenerali:

  — it-tip ta' sinjalar u sistema ta' mixi korrispondenti (trekk doppju, jaħdem b'lura, mixi fuq in-naħa tax-xellug jew tal-lemin, eċċ.)

  — it-tip ta' provvista tal-enerġija

  — it-tip ta' tagħmir tar-radju mill-art għall-ferrovija.

— l-indikazzjoni tal-gradjenti li jitilgħu u jinżlu:

  — il-valuri tal-gradjenti u l-post preċiż tagħhom

— dijagramma dettaljata tal-binarji:

  — l-ismijiet tal-istazzjonijiet fuq il-linja u l-postijiet ewlenin u l-pożizzjonijiet tagħhom;

  — il-mini, inklużi l-pożizzjoni, l-isem, it-tul, informazzjoni speċifika bħall-eżistenza ta' passaġġi u punti ta' ħruġ sigur kif ukoll il-pożizzjoni ta' postijiet siguri fejn tista' sseħħ l-evakwazzjoni tal-passiġġieri

  — postijiet essenzjali bħal sezzjonijiet newtrali

  — il-limiti tal-veloċità permissibbli għal kull linja, inklużi, fejn meħtieġa, veloċitajiet divrenzjali relatati ma' ċerti tipi ta' ferroviji,

  — l-isem tal-organizzazzjoni responsabbli għall-kontroll tal-maniġment tat-traffiku u l-isem (l-ismijiet) taż-żoni tal-kontroll tal-maniġment tat-traffiku;

  — l-ismijiet u ż-żoni tal-kontroll taċ-ċentri tal-maniġment tat-traffiku bħall-kaxex tas-sinjali;

  — l-identifikazzjoni tal-istazzjonijiet tar-radju li għandhom jintużaw;

Il-format tal-Ktieb tar-Rotot għandu jitħejja bl-istess mod għall-infrastrutturi kollha maħduma mill-ferroviji ta' Impriża Ferrovjarja individwali.

L-Impriża Ferrovjarja hi responsabbli għat-tħejjija tal-Ktieb tar-Rotot bl-użu tal-informazzjoni provduta mill-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura.

B'konformità mal-Anness III, il-Paragrafu 2 tad-Direttiva 2004/49/KE, is-Sistema tal-Maniġment tas-Sigurtà tal-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jkun fiha proċess ta' validazzjoni li jiżgura li l-kontenut tad-dokumentazzjoni provduta lill-Impriża(i) Ferrovjarja(i) tkun kompluta u preċiża.

B'konfromità mal-Anness III, il-Paragrafu 2 tad-Direttiva 2004/49/KE, is-Sistema tal-Maniġment tas-Sigurtà tal-Impriża Ferrovjarja għandu jkun fiha proċess ta' validazzjoni li jiżgura li l-kontenut tal-Ktieb tar-Rotot ikun komplut u preċiż.

4.2.1.2.2.2. *Elementi modifikati*

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu javża lill-Impriża Ferrovjarja bi kwalunkwe elementi modifikati jew b'mod permanenti jew temporanji. Dawn il-bidliet għandhom jinġabru mill-Impriża Ferrovjarja f'dokument dedikat jew mezz tal-kompjuter li l-format tiegħu għandu jkun l-istess għall-infrastrutturi kollha maħduma mill-ferroviji ta' Impriża Ferrovjarja individwali.

B'konformità mal-Anness III, il-Paragrafu 2 tad-Direttiva 2004/49/KE, is-Sistema tal-Maniġment tas-Sigurezza tal-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jkun fiha proċess ta' validazzjoni li jiżgura li l-kontenut tad-dokumentazzjoni provduta lill-Impriża Ferrovjarja ikun komplut u preċiż.

B'konformità mal-Anness III, il-Paragrafu 2 tad-Direttiva 2004/49/KE, is-Sistema tal-Maniġment tas-Sigurtà tal-Impriża Ferrovjarja għandu jkun fiha proċess ta' validazzjoni li tiżgura l-kontenut tad-dokument tal-elementi modifikati jkun komplut u preċiż.

4.2.1.2.2.3. *Informazzjoni lix-xufier f'ħin reali*

Il-proċedura li tavża lix-xufiera f'ħin reali dwar il-modifiki kollha fl-arranġamenti tas-sigurtà fuq ir-rotta għandha tiġi definita mill-Mexxej tal-Infrastruttura kkonċernat (il-proċess għandu jkun uniku meta jintuża l-ERTMS/ETCS).

4.2.1.2.3. **Orarji**

Il-provvista ta' faċilitajiet ta' informazzjoni dwar l-orarji tal-ferroviji tiffaċilita l-ħidma puntwali tal-ferroviji u tgħin fil-prestazzjoni tas-servizz.

L-Impriża Ferrovjarja għandha tipprovdi lix-xufiera l-informazzjoni meħtieġa għall-ħidema normali tal-ferrovija u bħala minimu għandha tinkludi:

— l-identifikazzjoni tal-ferrovija;

— il-jiem tal-ħidma tal-ferrovija (jekk dan ikun meħtieġ);

— il-punti ta' waqfien u l-attivitajiet assoċjati magħhom;

— punti oħra taż-żamma tal-ħin;

— il-ħinijiet tal-wasla/it-tluq/il-passaġġ f'kull wieħed minn dawn il-postijiet.

Din l-informazzjoni tal-mixi tal-ferrovija, li għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni provduta mill-Mexxej tal-Infrastruttura, għandha tkun provduta jew elettronikament jew b'mod stampat.

Il-preżentazzjoni lix-xufier għandha tkun konsistenti fuq il-binarji kollha li fuqhom topera l-Impriża Ferrovjarja.

4.2.1.2.4. **Vetturi ferrovjarji**

L-Impriża Ferrovjarja għandha tipprovdi lix-xufier l-informazzjoni kollha rilevanti għall-ħidma tal-vetturi ferrovjarji matul sitwazzjonijiet degradati (pereżempju ferroviji li jeħtieġu l-assistenza). Din id-dokumentazzjoni għandha tiffoka wkoll fuq l-interfejs speċifiku mal-persunal tal-Mexxej tal-Infrastruttura f'dawn il-każijiet.

4.2.1.3. ***Dokumentazzjoni għal persunal tal-Impriżi Ferrovjarji minbarra xufiera***

L-Impriża Ferrovjarja għandha tipprovdi lill-membri kollha tal-persunal tagħha (jew fuq ferrovija jew mod ieħor) li jwettqu xogħol kritiku tas-sigurtà li jinvolvu kuntatt dirett mal-persunal, tagħmir jew sistemi tal-Mexxej tal-Infrastruttura bir-regoli, il-proċeduri, il-vetturi ferrovjarji u l-informazzjoni speċifika tar-rotta meqjusa addattata għal dan ix-xogħol. Din l-informazzjoni għandha tkun applikabbli kemm f'operat normali kif ukoll dak degradat.

Għall-persunal abbord ferroviji, l-istruttura, il-format, il-kontenut u l-proċess għat-tħejjija u l-aġġornament ta' din l-informazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-ispeċifikazzjoni stabbilita fis-Subartikolu 4.2.1.2. ta' din it-TSI.

4.2.1.4. ***Dokumentazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-movimenti tal-ferroviji mill-persunal tal-Mexxej tal-Infrastruttura***

L-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiżgura komunikazzjoni relatata mas-sigurtà bejn persunal li jawtorizza l-moviment ta' ferroviji u ekwipaġġi tal-ferroviji għandha tiġi stabbilita f':

— dokumenti li jiddeskrivu l-Prinċipji tal-Komunikazzjonijiet (l-Anness C);

— id-dokument intitolat Ktieb tal-Formoli.

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jfassal dawn id-dokumenti fil-lingwa "operattiva" tiegħu.

4.2.1.5. ***Komunikazzjonijiet relatati mas-sigurtà bejn l-ekwipaġġ tal-ferroviji, persunal ieħor tal-Impriża Ferrovjarja u persunal li jawtorizza l-movimenti tal-ferrovija***

Il-lingwa użata għall-komunikazzjoni relatata mas-sigurtà bejn l-ekwipaġġ tal-ferroviji, persunal ieħor tal-Impriża Ferrovjarja (kif definit fl-Anness L) u l-persunal li jawtorizza movimenti tal-ferroviji għandha tkun il-lingwa "operattiva" (ara l-glossarju) użata mill-Mexxej tal-Infrastruttura fuq ir-rotta kkonċernata.

Il-prinċipji għall-komunikazzjoni relatata mas-sigurtà bejn l-ekwipaġġ tal-ferroviji u l-persunal responsibbli għall-awtorizzazzjoni tal-moviment tal-ferroviji jinsabu fl-Anness C.

B'konformità mad-Direttiva 2001/14/KE, il-Mexxej tal-Infrastruttura hu responsabbli għall-pubblikazzjoni tal-"lingwa operattiva" użata mill-persunal tiegħu fl-użu operattiv ta' kuljum.

Fejn madankollu, il-prassi lokali tirrikjedi li tiġi provduta wkoll lingwa oħra, tkun ir-responsabbiltà tal-Mexxej tal-Infrastruttura biex jiġu determinati l-fruntieri ġeografiċi għall-użu tagħha.

4.2.2. SPEĊIFIKAZZJONIJIET RELATATI MAL-FERROVIJI

4.2.2.1. ***Il-Viżibbiltà tal-ferrovija***

4.2.2.1.1. **Rekwiżit ġenerali**

L-Impriża Ferrovjarja (IF) għandha tiżgura li l-ferroviji jkunu mgħammra b'mezzi għall-indikazzjoni tal-parti ta' quddiem u ta' wara tal-ferrovija.

4.2.2.1.2. **It-tarf ta' quddiem**

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiżgura li ferrovija li tkun qed tavviċina tkun tidher ċara u tkun rikonoxxibbli bħala tali, bil-preżenza u t-tfassil tad-dwal bojod mixgħula ta' quddiem. Dan biex jippermettilha li tingħaraf bħala ferrovija li qed tavviċina minn vetturi tat-triq tal-madwar jew oġġetti oħra li jkunu mexjin.

L-ispeċifikazzjoni dettaljata tinsab fis-Subartikolu 4.3.3.4.1.

4.2.2.1.3. **It-tarf ta' wara**

Dawn ir-rekwiżiti huma speċifikati fl-Anness S.

4.2.2.2. ***Kemm tinstema' l-ferrovija***

4.2.2.2.1. **Rekwiżit ġenerali**

L-Impriża Ferrovjara għandha tiżgura li l-ferroviji jkunu mgħammra bi strument ta' twissija li jinstema' biex jiġi indikat li tkun qed tavviċina ferrovija.

4.2.2.2.2. **Kontroll**

Il-kapaċità li jindaqq l-istrument tat-twissija li jinstema' għandu jkun possibbli mill-pożizzjonijiet tas-sewqan kollu.

4.2.2.3. ***L-Identifikazzjoni tal-vetturi***

Kull vettura għandu jkollha numru li jidentifikaha b'mod uniku minn kwalunkwe vettura oħra ferrovjarja. Dan in-numru għandu jintwera b'mod prominenti mill-inqas fuq kull naħa fit-tul tal-vettura.

Għandu jkun possibbli wkoll li jiġu identifikati restrizzjonijiet operattivi applikabbli għall-vettura.

Rekwiżiti addizzjonali huma speċifikati fl-Anness P.

4.2.2.4. ***Tagħbija ta' vettura tal-merkanzija***

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiżgura li l-vetturi jitgħabbew b'mod sigur u ċert u jibqgħu hekk matul il-vjaġġ, filwaqt li jitqies dan:

4.2.2.4.1. **Id-distribuzzjoni tal-piż**

Il-vetturi għandhom jitgħabbew b'mod li jitqassam b'mod uniformi l-piż tat-tagħbija fuq il-fusien kollha. Meta, minħabba d-daqs jew il-forma ta' tagħbija partikolari, dan ma jkunx possibbli, l-Impriża Ferrovjarja għandha tapplika kundizzjonijiet speċjali tal-ivvjaġġar għat-tagħbija għall-vjaġġ sħiħ.

4.2.2.4.2. **Tagħbija tal-fus**

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiżgura li l-vetturi ma jitgħabbewx iżjed mil-limitu tat-tagħbija tal-fus tagħhom. Għandhom jiżguraw ukoll li l-vetturi ma jitgħabbewx iżjed mil-limitu tat-tagħbija tal-fus ta' kwalunkwe parti tar-rotta ppjanata (sakemm il-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura kkonċernati ma jkunux awtorizzaw il-moviment).

4.2.2.4.3. **Żgurar tat-tagħbija**

L-Impriżi Ferrovjarji għandhom jiżguraw li t-tagħbijiet u kwalunkwe tagħmir tal-iżgurar tat-tagħbija mhux użat fuq jew f'vetturi jiġu żgurati b'mod sigur biex jiġi evitat il-moviment mhux meħtieġ waqt il-vjaġġ.

4.2.2.4.4. **Envelopp kinematiku**

Il-gejġ kinematiku ta' kull vettura (inklużiva ta' kwalunkwe tagħbija) fil-ferrovija għandu jkun skont il-massimu permissibbli għas-sezzjoni tar-rotta.

4.2.2.4.5. **Kopertura tat-tagħbija**

L-IF għandhom jiżguraw li kwalunkwe materjali użati biex jgħattu tagħbija fuq vettura għandhom jitwaħħlu b'mod sigur jew mal-vettura jew mat-tagħbija Dawn il-kavers għandhom ikunu magħmula minn materjali li huma adattati biex jgħattu t-tagħbija inkwistjoni b'kunsiderazzjoni tal-forzi li jistgħu jiġu ffaċċjati matul il-vjaġġ.

4.2.2.5. **Il-kompożizzjoni ferrovjarja**

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiddefinixxi r-regoli u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-persunal tagħhom sabiex jiżguraw li l-ferrovija tkun konformi mal-mogħdija allokata.

Ir-rekwiżiti tal-Kompożizzjoni Ferrovjarja għandhom iqisu dawn l-elementi:

- il-vetturi
  - il-vetturi kollha fil-ferrovija għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti kollha applikabbli fuq ir-rotot li fuqhom għandha timxi l-ferrovija;
  - il-vetturi kollha fuq il-ferrovija għandhom ikunu mgħammra biex jimxu bil-veloċità massima li fiha l-ferrovija tkun skedata li timxi;

  - il-vetturi kollha fuq il-ferrovija għandhom ikunu attwalment fl-intervall tal-manutenzjoni speċifikata tagħhom u għandhom jibqgħu hekk għat-tul taż-żmien (f'termini kemm ta' ħin kif ukoll ta' distanza) tal-vjaġġ li jkun se jsir;

- il-ferrovija

  - il-kombinazzjoni tal-vetturi li jiffurmaw ferrovija għandha tikkonforma mar-restrizzjonijiet tekniċi tar-rotta kkonċernata u għandha tkun skont it-tul massimu permissbbli għat-terminali tal-kunsinna u tar-riċeviment.

  - l-Impriża Ferrovjarja hi responsabbli għall-iżgurar li l-ferrovija tkun teknikament lesta għall-vjaġġ li se jsir u tibqa' hekk matul il-vjaġġ

- il-piż u t-tagħbija tal-fus

  - il-piż tal-ferrovija għandu jkun fil-limitu massimu permissibbli għas-sezzjoni tar-rotta, is-saħħa tal-konnetturi, il-forza tal-ġbid u karatteristiċi oħra rilevanti tal-ferrovija. Il-limitazzjonijiet tat-tagħbija tal-fus għandhom jiġu rispettati.

- il-veloċità massima tal-ferrovija

  - il-veloċità massima li biha tista' tiġri l-ferrovija għandha tqis kwalunkwe restrizzjonijiet fuq ir-rotta (rotot) kkonċernata(i), il-prestazzjoni tal-ibbrejkjar, it-tagħbija tal-fus u t-tip tal-vettura.

- l-envelopp kinematiku

  - il-gejġ kinematiku ta' kull vettura (inklużiva ta' kwalunkwe tagħbija) fil-ferrovija għandu jkun fil-limitu permissibbli għas-sezzjoni tar-rotta

Restrizzjonijiet addizzjonali jistgħu jenħtieġu jew jiġu imposti minħabba t-tip ta' sistema tal-ibbrejkjar jew it-tip ta' ġbid fuq ferrovija partikolari.

Il-kompożizzjoni tal-ferrovija għandha tiġi deskritta f'dokument armonizzat tal-kompożizzjoni tal-ferrovija (ara l-Anness U)

4.2.2.6. ***L-ibbrejkjar tal-ferrovija***

4.2.2.6.1. **Ir-rekwiżiti minimi tas-sistema tal-ibbrejkjar**

Il-vaguni kollha f'ferrovija għandhom ikunu konnessi mas-sistema tal-ibbrejkjar awtomatika kontinwa kif definit fl-RST TSI.

L-ewwel u l-aħħar vaguni (inklużi kwalunkwe unitajiet tal-ġbid) għandu jkollhom il-brejk awtomatiku operattiv.

Fil-każ li ferrovija aċċidentalment tinqasam f'żewġ partijiet, iż-żewġ settijiet ta' vaguni separati għandhom awtomatikament jieqfu b'konsegwenza ta' applikazzjoni massima'tal-brejk.

4.2.2.6.2. **Il-prestazzjoni tal-brejk**

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jiddeċiedi jekk:

- jipprovdi lill-Impriża Ferrovjarja l-informazzjoni meħtieġa għall-kalkolu tal-prestazzjoni tal-ibbrejkjar meħtieġa għar-rotta(rotot) konċernata(i), inkluża l-informazzjoni dwar is-sistemi tal-ibbrejkjar li jistgħu jiġu aċċettati, u dwar il-kundizzjonijiet tal-użu tagħohm, jew

- alternattivament jipprovdix il-prestazzjoni attwali meħtieġa.

L-Impriża Ferrovjarja hi responsabbli għall-iżgurar li l-ferrovija jkollha prestazzjoni tal-ibbrejkjar suffiċjenti billi tipprovdi regoli tal-ibbrejkjar li għandhom jiġu segwiti mill-persunal tagħha.

L-informazzjoni meħtieġa mill-Impriża Ferrovjarja għall-kalkolu tal-prestazzjoni tal-ibbrejkjar li tippermetti li l-ferroviji tagħha jieqfu u jibgqħu wieqfa għandhom iqisu l-ġeografika tar-rotot kollha involuti, il-mogħdija allokata u l-iżvilupp tal-ERTMS/ETCS.

Rekwiżiti addizzjonali huma speċifikati fl-Anness T.

4.2.2.7. ***L-iżgurar li l-ferrovija tkun qed taħdem sew***

4.2.2.7.1. **Rekwiżit ġenerali**

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiddefinixxi l-proċess biex tiżgura li t-tagħmir kollu relatat mas-sigurtà fuq il-ferrovija ikun fi stat kompletament funzjonali u li l-ferrovija tista' taħdem b'mod sigur.

L-Impriża Ferrovjarja għandha tavża lill-Mexxej tal-Infrastruttura bi kwalunkwe modifika fil-karatteristiċi tal-ferrovija li jaffettwaw il-prestazzjoni tagħha jew kwalunkwe modifika li tista' taffettwa l-kapaċità li tiġi akkomodata l-ferrovija fil-mogħdija allokata tagħha.

Il-Mexxej tal-Infrastruttura u l-Impriża Ferrovjarja għandhom jiddefinixxu u jżommu aġġornati l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għat-tħaddim tal-ferrovija f'mod degradat.

4.2.2.7.2. **Id-dejta meħtieġa**

Id-dejta meħtieġa għal operat sigur u effiċjent u l-proċess li permezz tiegħu din id-dejta li għandha tiġi trażmessa għandu jkun fihom:

- l-identifikazzjoni tal-ferrovija
- l-identità tal-Impriża Ferrovjarja responsabbli għall-ferrovija
- it-tul attwali tal-ferrovija
- jekk ferrovija ġġorrx passiġġieri jew annimali meta ma tkunx skedata li tagħmel hekk
- kwalunkwe restrizzjonijiet operattivi b'indikazzjoni tal-vettura(i) kkonċernata(i) (gejġ, restrizzjonijiet tal-veloċità, eċċ.)
- l-informazzjoni li l-Mexxej tal-Infrastruttura jeħtieġ għat-trasport tal-oġġetti perikolużi

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiddefinixxi proċess sabiex tiżgura li din id-dejta tkun disponibbli għall-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura qabel it-tluq tal-ferrovija.

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiddefinixxi proċess biex il-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura jiġi (jiġu) avżat(i) jekk ferrovija ma tkunx se tokkupa l-mogħdija allokata tagħha jew tiġi kkanċellata.

4.2.3. SPEĊIFIKAZZJONIJIET RELATATI MA' ATTIVITAJIET FERROVJARJI

4.2.3.1. ***L-ippjanar tal-ferroviji***

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu javża liema d-dejta tkun meħtieġa meta tintalab mogħdija ferrovjarja. Aspetti addizzjonali ta' dan l-element huma stabbiliti fid-Direttiva 2001/14/KE.

4.2.3.2. ***L-identifikazzjoni tal-ferroviji***

Għandha teżisti identifikazzjoni mhux ambigwa għall-ferroviji kollha.

Dawn ir-rekwiżiti huma speċifikati fl-Anness R.

4.2.3.3. ***It-tluq tal-ferrovija***

4.2.3.3.1. **Verifiki u testijiet qabel it-tluq**

L-Impriża Ferrovjarja għandha, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fit-tielet paragrafu tas-Subartikolu 4.1. ta' din it-TSI, tiddefinixxi l-verifiki u t-testijiet (b'mod speċjali b'rabta mal-brejkijiet) li għandhom jitwettqu qabel it-tluq.

4.2.3.3.2. **Għoti lill-Mexxej tal-Infrastruttura tal-istatoperattiv tal-ferrovija**

L-Impriża Ferrovjarja għandha tavża lill-Mexxej tal-Infrastruttura bi kwalunkwe anomalija li taffettwa l-ferrovija jew l-operat tagħha li jkollha riperkussjonijiet possibbli fuq il-mixi tal-ferrovija qabel it-tluq u matul il-vjaġġ.

4.2.3.4. ***Il-maniġment tat-traffiku***

4.2.3.4.1. **Rekwiżiti ġenerali**

Il-maniġment tat-traffiku għandha tiżgura l-operat sigur, effiċjenti u puntwali tal-ferrovija, inkluż l-irkuprar effettiv minn tfixkil fis-servizz.

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jiddetermina l-proċeduri u l-mezzi għal:

— il-maniġment f'ħin reali tal-ferroviji,

— il-miżuri operattivi biex tinżamm l-aħjar prestazzjoni possibbli tal-infrastruttura f'każ ta' dewmien jew inċidenti, sew jekk attwali jew antiċipati, u

— il-provvista ta' informazzjoni lill-Impriża(i) Ferrovjarja(i) f'dawn il-każijiet.

Kwalunkwe proċessi addizzjonali meħtieġa mill-Impriża Ferrovjarja u li jaffettwaw ir-relazzjoni mal-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura jistgħu jiġu introdotti wara li jiġu maqbula mal-Mexxej tal-Infrastruttura.

4.2.3.4.2. **Ir-rappurtaġġ dwar il-ferrovija**

4.2.3.4.2.1. *Id-dejta meħtieġa għar-rappurtaġġ tal-pożizzjoni tal-ferrovija*

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu:

— jipprovdi mezz ta' reġistrazzjoni f'ħin reali tal-ħinijiet li fihom il-ferroviji jitilqu minn, jaslu fi jew jgħaddu minn punti xierqa tar-rappurtaġġ definiti minn qabel fuq in-netwerks tagħhom u l-valur tal-ħin delta;

— jipprovdi d-dejta speċifika meħtieġa b'rabta mar-rappurtaġġ tal-pożizzjoni tal-ferrovija. Din l-informazzjoni għandha tinkludi:

  — L-identifikazzjoni tal-ferrovija

  — L-identità tal-punt tar-rappurtaġġ

  — Il-binarju li fuqu tkun qed timxi l-ferrovija

  — Il-ħin skedat fil-punt tar-rappurtaġġ

  — Il-ħin attwali fil-punt tar-rappurtaġġ (u jekk tkunx qed titlaq, tasal jew tgħaddi– il-ħinijiet separati tal-wasla u tat-tluq għandhom jiġu provduti fir-rigward ta' punti tar-rappurtaġġ intermedjarji li fihom tgħaddi l-ferrovija)

  — In-numru ta' minuti kmieni jew tard fil-punt tar-rappurtaġġ

  — Spjegazzjoni inizjali ta' kull dewmien li jaqbeż l-10 minuti jew kif mitlub mod ieħor mis-sistema tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni

  — Indikazzjoni li rapport għal ferrovija jkun tard u n-numru ta' minuti li jkunu għaddew

  — Identifikazzjoni(jiet) tal-ferrovija ta' qabel, jekk disponibbli

  — Il-ferrovija kkanċellata għal vjaġġ sħiħ jew parti minnu.

4.2.3.4.2.2. *Il-ħin maħsub tat-trasferiment*

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jkollu proċess, li jippermetti indikazzjoni tan-numru stmat ta' minuti ta' dev-jazzjoni mill-ħin skedat li ferrovija tkun skedata li tingħadda minn Mexxej wieħed tal-Infrastruttura għal ieħor.

Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar it-tfixkil tas-servizz (deskrizzjoni u post tal-problema).

4.2.3.4.3. **Oġġetti perikolużi**

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiddefinixxi l-proċeduri għas-sorveljanza tat-trasport ta' oġġetti perikolużi.

Dawn il-proċeduri għandhom jinkludi:

— standards Ewropej eżistenti kif speċifikat fid-Direttiva 96/49/KE għall-identifikazzjoni tal-oġġetti perikolużi abbord ferrovija

— pariri lix-xufier dwar il-preżenza u l-pożizzjoni ta' oġġetti perikolużi fuq il-ferrovija

— informazzjoni li l-Mexxej tal-Infrastruttura jirrikjedi għat-trasport ta' oġġetti perikolużi

— determinazzjoni, flimkienmal-Mexxej tal-Infrastruttura, tal-linji tal-komunikazzjoni u l-ippjanar ta' miżuri speċifiki f'każ ta' sitwazzjonijiet tal-emerġenza li jinvolvu l-oġġetti

4.2.3.4.4. **Il-kwalità operattiva**

Il-Mexxej tal-Infrastruttura u l-Impriża Ferrovjarja għandu jkollhom il-proċessi f'posthom għas-sorveljanza tal-operat effiċjenti tas-servizzi kollha kkonċernati.

Il-proċessi tas-sorveljanza għandhom ikunu ddisinjati biex janalizzaw id-dejta u jiskopru t-tendenzi warajha, kemm f'termini ta' żbalji tal-bniedem u żbalji fis-sistema. Ir-riżultati ta' din l-analiżi għandhom jntużaw biex jiġġeneraw azzjonijiet ta' titjib, iddisinjati biex jeliminaw jew inaqqsu l-avvenimenti li jistgħu jikkompromettu l-operat effiċjenti tal-TEN.

Meta dawn l-azzjonijiet ta' titjib ikollhom benefiċċji fin-netwerk, li jinvolvu Mexxejja tal-Infrastruttura u Impriżi Ferrovjarji oħra, imbagħad, skont il-kunfidenzjalità kummerċjali, għandhom jiġu komunikati kif suppost.

L-avvenimenti li jkunu fixklu l-attivitajiet b'mod sinifikanti għandhom jiġu analizzati mill-aktar fis possibbli mill-Mexxej tal-Infrastruttura. Meta xieraq, u b'mod partikolari meta wieħed mill-persunal ikun ikkonċernat, il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jistieden lill-Impriża(i) Ferrovjarja(i) involuta(i) fl-avveniment ikkonċernat biex jipparteċipa(w) fl-analiżi. Meta r-riżultat ta' din l-analiżi twassal għal rakkomandazzjonijiet ta' titjib fin-netwerk iddisinjati biex jeliminaw jew inaqqsu kawżi ta' aċċidenti/inċidenti, dawn għandhom jintbagħtu lill-Mexxejja tal-Infrastruttura rilevanti kollha u lill-Impriżi Ferrovjarji kkonċernati.

Dawn il-proċessi għandhom jiġu dokumentati u jkunu soġġetti għal verifika interna.

4.2.3.5. ***Ir-reġistrazzjoni tad-dejta***

Id-dejta li tappartjeni għall-mixi tal-ferrovija għandha tiġi rreġistrata u miżmuma għall-finijiet ta':

— Appoġġ sistematiku ta' sorveljanza tas-sigurtà bħala mezz tal-prevenzjoni tal-inċidenti u l-aċċidenti.

— Identifikazzjoni tal-prestazzjoni tax-xufier, il-ferrovija u l-infrastruttura fil-perjodu li jwassal sa u (fejn xieraq) minnufih wara inċident jew aċċident), li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kawżi relatati mas-sewqan tal-ferroviji jew mat-tagħmir tal-ferrovija, u l-appoġġ għall-każ għal miżuri ġodda jew mibdula biex jiġi evitat li dan jerġa' jseħħ.

— Għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni relatata mal-prestazzjoni kemm tal-unità lokomotiva/tal-ġbid kif ukoll tas-sewwieq, inkluż iż-żmien tal-ħidma.

Għandu jkun possibbli li tiġi mqabbla d-dejta reġistrata ma':

— id-data u l-ħin tar-reġistrazzjoni

— il-pożizzjoni ġeografika preċiża tal-avvveniment li jkun qed jiġi rreġistrat (distanza f'kilometri minn post rikonoxxibbli)

— l-identifikazzjoni tal-ferrovija

— l-identità tax-xufier

Ir-rekwiżiti fir-rigward tal-ħżin, il-valutazzjoni perjodika ta' u l-aċċess għal din id-dejta huma speċifikati fil-liġijiet nazzjonali rilevanti tal-Istat Membru:

— li fih l-Impriża Ferrovjarja tkun liċenzjata (fir-rigward tad-dejta rreġistrata abbord), jew

— tal-Istat Membru li fih tinsab l-infrastruttura (fir-rigward ta' dejta rreġistrata barra l-ferrovija).

4.2.3.5.1. **Ir-reġistrazzjoni tad-dejta tas-sorveljanza barra l-ferrovija**

Bħala minimu, il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jirreġistra din id-dejta:

— il-falliment ta' tagħmir ma' ġenb il-binarju assoċjat mal-mixi tal-ferroviji (sinjalar, punti eċċ.);

— l-iskoperta ta' bering tal-fus li jkun qed jisħon wisq,

— komunikazzjoni bejn ix-xufier tal-ferrovija u l-persunal tal-Mexxej tal-infrastruttura li jawtorizza l-movimenti tal-ferrovija.

4.2.3.5.2. **Reġistrazzjoni ta' dejta tas-sorveljanza abbord il-ferrovija**

Bħala minimu, l-Impriża Ferrovjarja għandha tirreġistra din id-dejta:

— il-mogħdija minn sinjali ta' periklu jew "awtorità tat-tmiem tal-moviment" mingħajr awtorità

— l-applikazzjoni tal-brejk tal-emerġenza

— il-veloċità li biha tkun miexja l-ferrovija

— kwalunkwe iżolament jew overriding tas-sistemi (sinjalar) tal-kontroll tal-ferrovija abbord

— l-operat tal-istrument tat-twissija bil-ħoss (ħorn)

— l-perat tal-kontrolli tal-bibien (rilaxx, għeluq)

— id-ditezzjoni minn ditekters abbord tal-kaxxa tal-fus sħun, jekk ikunu mwaħħla

— l-identità tal-kabina li dwarha tkun qed tiġi rreġistrata d-dejta biex tiġi vverifikata

— id-dejta sabiex jiġi rreġistrat il-ħin tal-ħidma.

4.2.3.6. ***L-operat degradat***

4.2.3.6.1. **Pariri lill-utenti l-oħra**

Il-Mexxej tal-Infrastruttura flimkein mal-Impriża(i) Ferrovjarja(i) għandu jiddefinixxi proċess biex minnufih jinfurmaw lil xulxin bi kwalunkwe sitwazzjoni li tostakola s-sigurtà, il-prestazzjoni u/jew id-disponibbiltà tan-netwerk ferrovjarju jew tal-vetturi ferrovjarji.

4.2.3.6.2. **Pariri lix-xufiera tal-ferroviji**

Fi kwalunkwe każ ta' operat degradat assoċjat maż-żona tar-responsabbiltà tal-Mexxej tal-Infrastruttura, il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jagħti struzzjonijiet formali lix-xufiera dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex tingħeleb id-degradazzjoni b'mod sigur.

4.2.3.6.3. **Arranġamenti ta' kontinġenza**

Il-Mexxej tal-Infrastruttura flimkien mal-Impriżi Ferrovjarji kollha li joperaw fuq l-infrastruttura tiegħu, u l-Mexxejja tal-Infrastrutturi tal-madwar kif xieraq, għandhom jiddefinixxu, jippubblikaw u jagħmlu disponibbli xierqa miżuri ta' kontinġenza u jassenjaw responsabbiltajiet ibbażati fuq ir-rekwiżit għat-tnaqqis ta' kwalunkwe impatt negattiv b'konsegwenza tal-operat degradat.

Ir-rekwiżiti tal-ippjanar u r-reazzjoni għal dawn l-avvenimenti għandhom ikunu proporzjonali man-natura u s-severità potenzjali tad-degradazzjoni.

Dawn il-miżuri, li bħala minimu għandhom jinkludu pjanijiet għall-irkuprar ta' netwerk għal stat "normali", jistgħu jindirizzaw ukoll:

— il-fallimenti fil-vetturi ferrovjarji (pereżempju, dawk li jistgħu jirriżultaw fi tfixkil sostanzjali fit-traffiku, il-proċeduri għas-salvataġġ tal-ferroviji falluti);

— il-fallimenti fl-infrastruttura (pereżempju, meta jkun hemm falliment fl-elettrika jew il-kundizzjonijiet li fiom il-ferroviji jistgħu jiġu devjati mir-rotta bbukkjata);

— kundizzjonijiet tat-temp estremi.

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jistabbilixxi u jżomm informazzjoni tal-kuntatt aġġornata għall-l-persunal ewlieni tal-Mexxej tal-Infrastruttura u tal-Impriża Ferrovjarja li jistgħu jiġu kuntattjati f'każ ta' tfixkil fis-servizz li jwassal għal operat degradat. Din l-informazzjoni għandha tinkludi dettalji tal-kuntatt kemm matul u wara l-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-Impriża Ferrovjarja għandha tissottometti din l-informazzjoni lill-Mexxej tal-Infrastruttura u tavża lill-Mexxej tal-Infrastruttura bi kwalunkwe bidliet f'dawn id-dettalji tal-kuntatt.

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu javża lill-Impriżi Ferrovjarji kollha bi kwalunkwe bidliet fid-dettalji tiegħu.

4.2.3.7. ***Il-maniġment ta' sitwazzjoni ta' emerġenza***

Il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu, b'konsultazzjoni ma':

— l-Impriżi Ferrovjarji kollha li joperaw fuq l-infrastruttura tiegħu, jew

— fejn xieraq, korpi rappreżentattivi tal-Impriżi Ferrovjarji li joperaw fuq l-infrastruttura tiegħu, u

— mexxej tal-Infrastruttura tal-madwar, fejn xieraq, kif ukoll

— awtoritajiet lokali u

— korpi rappreżentattivi jew fuq livell lokali jew nazzjonali kif xieraq, bis-servizzi ta' emerġenza inklużi tifi tan-nar u salvataġġ

u b'konformità mad-Direttiva 2004/49/KE, jiddefinixxi, jippubblika u jagħmel disponibbli miżuri xierqa għall-maniġment ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza u jerġa' jġib il-binarju lura għal operat normali.

Dawn il-miżuri għandhom tipikament ikopru:

— il-ħabtiet,

— in-nirien fuq il-ferroviji,

— l-evakwazzjoni tal-ferroviji,

— l-aċċidenti f'mini,

— l-inċidenti li jinvolvu oġġetti perikolużi,

— it-tluq mil-linja.

L-Impriża Ferrovjarja għandha tipprovdi lill-Mexxej tal-Infrastruttura kwalunkwe informazzjoni speċifika fir-rigward ta' dawn iċ-ċirkostanzi, b'mod speċjali fir-rigward tal-irkuprar jew it-tqegħid lura fuq il-linji tal-ferroviji tiegħu. (Ara wkoll il-Klawżola 4.2.7.1. TSI dwar il-Miżuri ta' emerġenza fil-Vagun Ferrovjarju Konvenzjonali tal-Merkanzija).

Barra minn hekk, l-Impriża Ferrovjarja għandu jkollha proċessi li jinfurmaw lill-passiġġieri dwar proċeduri ta' emerġenza u sigurtà abbord."

4.2.3.8. ***L-għajnuna lill-ekwipaġġ tal-ferroviji f'każ ta' inċident jew ta' difett ewlieni fil-vetturi ferrovjarji***

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiddefinixxi proċeduri xierqa biex jassistu lill-ekwipaġġ tal-ferrovija f'sitwazzjonijiet degradati sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas dewmien ikkawżat minn fallimenti tekniċi jew oħrajn tal-vetturi ferrovjarji (eż. linji tal-komunikazzjoni, miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' evakwazzjoni ta' ferrovija).

4.3. *SPEĊIFIKAZZJONIJIET FUNZJONALI U TEKNIĊI TAL-INTERFEJSIS*

Fid-dawl tar-rekwiżiti essenzjali fil-Kapitolu 3, l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tal-interfejssi huma dawn:

4.3.1. INTERFEJSIS MAT-TSI TAL-INFRASTRUTTURA

RIŻERVAT

4.3.2. INTERFEJSIS MAT-TSI TAL-KONTROLL/KMAND U TAS-SINJALAR

4.3.2.1. ***Ir-reġistrazzjoni ta' dejta tas-sorveljanza***

Is-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku tiddetermina r-rekwiżiti operattivi għar-reġistrazzjoni tad-dejta tas-sorveljanza (ara s-Subartikolu 4.2.3.5. ta' din it-TSI) li magħhom għandha tikkonforma s-subsistema tal-Kontroll/Kmand (ara l-Artikolu 4.2.15. tas-CR CCS TSI).

4.3.2.2. ***Il-viġilanza tax-xufier***

Mezz tas-sorveljanza tar-reazzjonijiet tax-xufier, li jintervjeni biex iwaqqaf il-ferrovija jekk ix-xufier ma jirreaġix f'ħin li għandu jiġi speċifikat u fejn l-infrastruttura tappoġġja l-faċilità, billi tirrapporta dan awtomatikament liċ-ċentru tas-sinjalar li jikkontrolla. Hemm interfejs bejn dan ir-rekwiżit operattiv u s-Subartikolu 4.2.2. fit-TSI tas-CR CCS assoċjata mal-ERTMS.

4.3.2.3. ***Regoli operattivi ERTMS/ETCS u ERTMS/GSM-R***

L-Anness A (A1 u A2) ta' din it-TSI) hu interfejs mal-ERTMS/ETCS FRS u l-SRS, l-ERTMS/GSM-R FRS u l-SRS dettaljati fl-Anness A tas-CR CCS TSI Hemm ukoll interfejs mal-ispeċifikazzjonijiet tax-Xufier/Magna/Interfejs ETCS (DMI) (Artikolu 4.2.13. tas-CR CCS TSI) u l-ispeċifikazzjonijiet EIRENE DMI (l-Artikolu 4.2.14. tas-CR CCS TSI). Hemm interfejs bejn l-Anness A1 ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.2.2. tas-CR CCS TSI fir-rigward tal-iżolament tal-funzjonalità ETCS Abbord.

4.3.2.4. ***Id-dehra tal-markatur tas-sinjali u tal-ġenb tal-binarji***

Ix-xufier għandu jkun jista' josserva s-sinjali u l-markaturi tal-ġenb tal-binarji, u dawn għandhom ikunu jistgħu jiġu nnotati mix-xufier mill-pożizzjoni tas-sewqan normali tiegħu. L-istess jgħodd għal tipi oħra ta' sinjali tal-ġenb tal-binarji jekk ikunu relatati mas-sigurtà.

Il-markaturi tal-ġenb tal-binarji, is-sinjali u l-pannelli ta' informazzjoni għandhom ikunu ddisinjati b'mod konsisteni biex dan jiġi faċilitat. Il-kwistjonijiet li għandhom jitqiesu jinkludu:

— li jkunu qegħdin f'mod xieraq sabiex id-dwal ta' quddiem tal-ferroviji jippermettu lix-xufier jaqra l-informazzjoni,

— l-adattatezza u l-intensità tad-dawl, fejn ikun jenħtieġ li tiddawwal l-informazzjoni,

— meta tintuża r-retro-riflessività, il-karatteristiċi riflessivi tal-materjal użat ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet xierqa u s-sinjali jkunu manifatturati sabiex id-dwal ta' quddiem tal-ferroviji jippermettu li x-xufier jaqra l-informazzjoni faċilment.

Hemm interfejs mas-Subartikolu 4.2.16. tat-TSI tas-CR CCS fir-rigward tal-vista esterna tax-xufier. Se jkun hemm ukoll oġġett ġdid f'verżjoni fil-ġejjieni tal-Anness A tat-TSI tas-CR CCS fir-rigward tal-markaturi tal-ġenb tal-binarji fuq binarji mgħammra bl-ETCS.

4.3.2.5. ***L-ibbrejkjar tal-ferrovija***

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.2.6.2. ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.3.1.5. (Prestazzjoni garantita tal-ibbrejkjar tal-ferrovija u karatteristiċi) tat-TSI tas-CR CCS.

4.3.2.6. ***L-użu ta' sanding. Elementi minimi rilevanti għall-kwalifiki professjonali għax-xogħol tas-sewqan ta' ferrovija***

Jeżisti interfejs bejn l-Anness H (u l-Anness B(C1)) ta' din it-TSI minn naħa, u s-Subartikolu 4.2.11. (kompatibbiltà ma' Sistemi tad-Ditezzjoni tal-Ferroviji fil-ġenb tal-binarj) u l-Artikolu 4.1. tal-Appendiċi 1 tal-Anness A (kif ikkwotat fis-Subartikolu 4.3.1.10.) tat-TSI tas-CR CCS min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-użu tas-sanding.

4.3.2.7. ***Ir-reġistrazzjoni tad-dejta u d-ditezzjoni tal-kaxxa tal-fus sħuna***

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.3.5. ta' din it-TSI minn naħa, u s-Subartikolu 4.2.2. (Funzjonalità ETCS abbord), indiċijiet 5, 7 u 55 fl-Anness A, u s-Subartikolu 4.2.10. (HABD (Ditekter tal-Kaxxa tal-Fus Sħuna)) tat-TSI tas-CR CCS min-naħa l-oħra. Se jkun hemm interfejs fil-ġejjieni mal-Anness B tat-TSI tal-OPE, meta l-punt miftuħ CR CCS jiġi riżolt.

4.3.3. INTERFEJSIS MAT-TSI VETTURI FERROVJARJI

4.3.3.1. ***L-identifikazzjoni tal-vetturi***

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.2.3. ta' din it-TSI tal-OPE u l-Anness B tat-TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija RST.

Dan l-interfejs għandu jeżisti wkoll ma' TSIs oħra tas-CR RST meta jinħolqu.

4.3.3.2. ***Ibbrejkjar***

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.2.6.1. ta' din it-TSI tal-OPE, is-Subartikolu 4.2.4. u l-Anness B tat-TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija RST.

Dan l-interfejs għandu jeżisti wkoll ma' TSIs oħra tas-CR RS meta jinħolqu.

4.3.3.3. ***Ir-rekwiżiti għall-vaguni tal-passiġġieri***

Għandu jiġi osservat li jeżisti interfejs, fir-rigward ta' dan li ġej, ma' TSIs oħra tas-CR RST meta dawn jinħolqu.

— Il-kompatibbiltà bejn vaguni tal-passiġġieri u pjattaformi fil-waqfiet skedati tal-passiġġieri għandha tkun suffiċjenti sabiex jiġi żgurat l-aċċess u l-ħruġ sigur.

— Il-passiġġieri ma għandhomx ikunu jistgħu jiftħu bibien fil-ġenb tal-bodì maħsuba għall-użu minnhom sakemm tieqaf il-ferrovija u l-bibien ikunu nfetħu minn membru tal-ekwipaġġ tal-ferrovija.

— Ir-rilaxx tal-bibien għandu jkun separat għal kull naħa tal-ferrovija. L-integrità tal-għeluq u l-imblukkar tal-bibien fuq il-ferroviji tal-passiġġieri għandhom jiġu ndikati b'mod permanenti.

— L-attivazzjoni tar-rilaxx tal-bibien għandha timpedixxi li tiġi applikata l-forza tal-ġbid.

— Il-vetturi kollha li jġorru l-passiġġieri għandhom ikunu mgħammra b'bibien li jiffaċilitaw il-ħruġ f'każ ta' emerġenza.

— Il-vaguni intiżi għall-użu mill-passiġġieri għandu jkollhom jew allarm attivat mill-passiġġieri jew brejk tal-emerġenza. F'każ li dan jinxtegħel, ix-xufier għandu minnufih jiġi mwissi iżda dan għandu jkun jista' jżomm il-kontroll tal-ferrovija.

4.3.3.4. ***Il-viżibbiltà tal-ferroviji***

Is-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku tiddetermina li r-rekwiżiti bażiċi għall-viżibbiltà tal-ferroviji, li s-subsistema tal-Vetturi Ferrovjarji għandha tiddefinixxi, jidhru f'dawn il-klawżoli.

4.3.3.4.1. **Fuq il-vettura ewlenija ta' ferrovija li tħares fid-direzzjoni tal-ivvjaġġar**

It-tarf ta' quddiem ta' ferrovija li jħares 'il quddiem għandu jkun mgħammar bi tliet dwal, fil-forma ta' triangolu isosċelis, kif jidher iseel. Dawn id-dwal għandhom dejjem ikunu mixgħula meta l-ferrovija tkun qed tinstaq minn dak it-tarf.



Id-dwal ta' quddiem għandhom itejbu d-direzzjoni tal-ferrovija (eż. għall-intraċċar tal-ħaddiema u dawk li jużaw il-mogħdijiet pubbliċi), jipprovdu biżżejjed viżibbiltà għax-xufier tal-ferrovija (illuminazzjoni tal-binarju 'l quddiem, markaturi/pannelli tal-informazzjoni fil-ġenb tal-binarji, eċċ.) billejl u f'kundizzjonijiet ta' dawl baxx u ma għandhomx jgħammxu lix-xufiera tal-ferroviji ta' faċċata.

L-ispazjar, l-għoli 'l fuq mill-binarji, id-dijametru, l-intensità tad-dwal, id-dimensjonijiet u l-forma tar-raġġ ta' dawl mitfugħ kemm fl-operat matul il-ġurnata kif ukoll billejl għandhom ikunu standardizzati.

Għandu jkun hemm interfejs ma' verżjonijiet fil-ġejjieni tat-TSI tal-RST meta din tittratta l-kabini tas-sewqan u mas-Subartikolu 4.2.2.1.2. ta' din it-TSI.

4.3.3.4.2. **Fuq it-tarf ta' wara**

Għandu jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.2.1.3. ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.2.7.4. u l-Anness BB tas-CR RST (Vaguni tal-Merkanzija), jekk il-punt miftuħ fl-Anness S tat-TSI tal-OPE jiġi konkluż billi jiġi speċifikat sinjal ta' wara li jirrikjedi saljatura.

4.3.3.5. ***Kemm tinstema' ferrovija***

Is-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku tiddetermina li r-rekwiżiti bażiċi biex tinstema' ferrovija li magħhom għandha tikkonforma s-subsistema tal-Vetturi Ferrovjarji hi li ferrovija għandha tkun kapaċi tipprovdi twissija bil-ħoss tal-preżenza tagħha.

Il-ħsejjes mitfugħa minn dan it-twissija, il-frekwenza u l-intensità ta' dawn il-ħsejjes u l-metodu tal-attivazzjoni mix-xufier għandhom ikunu standardizzati.

Se jkun hemm interfejs ma' verżjonijiet fil-ġejjieni tat-TSI tal-RST meta din tittratta kabini tas-sewqan u mas-Subartikolu 4.2.2.2. ta' din it-TSI.

4.3.3.6. ***Vista tas-sinjali***

Ix-xufier għandu jkun jista' josserva s-sinjali, u s-sinjali għandhom ikunu osservabbli mix-xufier. L-istess jgħodd għal sinjali ma' ġenb il-binarji jekk ikunu relatati mas-sigurtà.

Il-vaguni tas-sewqan għandhom ikunu ddisinjati b'mod konsistenti sabiex ix-xufier ikun jista' faċilment jara l-informazzjoni murija lilu mill-pożizzjoni tas-sewqan tas-soltu tiegħu.

Għandu jkun hemm interfejs bejn is-Subartikolu 4.3.2.4. ta' din it-TSI u verżjoni fil-ġejjieni tat-TSI tal-RST meta tittratta l-vaguni tas-sewqan.

4.3.3.7. ***Il-viġilanza tax-xufier***

Mezz għas-sorvaljanza tar-reazzjonijiet tax-xufier, li jintervjeni sabiex iwaqqaf il-ferrovija jekk ix-xufier ma jirreaġixxix fi żmien li għandu jiġi speċifikat u meta l-infrastruttura tappoġġja l-faċilità, biex b'hekk dan jiġi awtomatikament rappurtat liċ-ċentru tas-sinjalar tal-kontroll.

Għandu jkun hemm interfejs ma' verżjonijiet fil-ġejjieni tat-TSI tal-RST meta din tittratta l-vaguni tas-sewqan.

4.3.3.8. ***Il-kompożizzjoni tal-ferroviji u l-Anness B***

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.2.5. ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.2.2.1.2.2. (il-ger tal-ġbid) tat-TSI tas-CR RST (Vaguni tal-Merkanzija) fir-rigward tal-piż massimu permissibbli tal-ferrovija. Jista' jkun hemm interfejs fil-ġejjieni bejn l-Anness B ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.2.2.1.2.1. (ilqugħ) tat-TSI tas-CR RST (Vaguni tal-Merkanzija) fir-rigward tal-veloċità taċ-ċaqliq.

4.3.3.9. ***It-tagħbija tal-Vetturi tal-Merkanzija***

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.2.4. ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.2.2.3.5. (żgurar tal-merkanzija) u l-Anness UU tat-TSI tas-CR RST (Vaguni tal-Merkanzija).

4.3.3.10. ***Żgurar li l-ferrovija tkun qed taħdem sew u Oġġetti Perikolużi***

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikoli 4.2.2.7. u 4.2.3.4.3. ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.2.2.6. (Oġġetti Perikolużi) tat-TSI tas-CR RST (Vaguni tal-Merkanzija).

4.3.3.11. ***Il-kompożizzjoni tal-ferrovija, Annessi H u L***

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.2.5. u l-Annessi H u L ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.2.3.5. (Forzi kompressivi lonġitudinali) tat-TSI tas-CR RST (Vaguni tal-Merkanzija) fir-rigward tas-sewqan tal-ferroviji, il-maniġment tal-ferroviji u d-distribuzzjoni tal-vetturi fil-ferrovija.

Għandu jkun hemm interfejs ma' verżjonijiet fil-ġejjieni tat-TSI tal-RST meta din titratta unitajiet tal-ġbid u vetturi tal-passiġġieri.

4.3.3.12. ***Pjanijiet ta' kontinġenza u Maniġment ta' sitwazzjoni ta' emerġenza***

Hemm interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.3.6.3. ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.2.6.1.2. (speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi fir-rigward tal-kundizzjonijiet ambjentali) tat-TSI tas-CR RST (Vaguni tal-Merkanzija), fir-rigward tal-kundizzjonijiet klimatiċi estremi.

Jeżisti wkoll interfejs bejn is-Subartikoli 4.2.3.6. u 4.2.3.7. ta' din it-TSI u s-Subartikolu 4.2.7.1. (Miżuri ta' emerġenza) u 4.2.7.2. (Sigurtà kontra n-nar) tat-TSI tas-CR RST (Vaguni tal-Merkanzija).

Għandu jkun hemm interfejs ma' verżjonijiet fil-ġejjieni tat-TSI tal-RST meta din tittratta unitajiet tal-ġbid u vetturi tal-passiġġieri.

4.3.3.13. ***Reġistrazzjoni tad-dejta***

Għandu jkun hemm interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.3.5.2. (Reġistrazzjoni ta' dejta tas-sorveljanza abbord il-ferrovija) ta' din it-TSI tas-CR OPE u verżjonijiet fil-ġejjieni tat-TSI tas-CR RST meta din tittratta unitajiet tal-ġbid u vaguni b'kabini tas-sewqan.

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.3.5.1. (Reġistrazzjoni ta' dejta tas-sorveljanza barra l-ferrovija) ta' din it-TSI tas-CR OPE u s-Subartikolu 4.2.3.3.2. (Ditezzjoni ta' kaxxa tal-fus sħuna) tat-TSI tal-Vaguni tal-Merkanzija CR RST. Għandu jkun hemm ukoll interfejs bejn l-istess subartikolu ta' din it-TSI tas-CR OPE u verżjonijiet fil-ġejjieni tat-TSI tas-CR RST meta din tittratta unitajiet tal-ġbid u vaguni dwar id-ditezzjoni tal-kaxxa tal-fus permezz ta' tagħmir ma' ġenb il-binarji.

4.3.4. INTERFEJSIS MAT-TSI TAL-APPLIKAZZJONIJIET TELEMATIĊI

4.3.4.1. ***L-identifikazzjoni tal-ferroviji***

Il-mezz tal-provvista ta' identifikazzjoni mhux ambigwa għall-ferroviji kollha li joperaw fuq it-TEN għad irid jiġi speċifikat (ara s-Subartikolu 4.2.3.2. u l-Anness R). Jeżisti interfejs f'dan l-aspett mat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-merkanzija fis-Subartikolu 4.2.2. Għandu jkun hemm interfejs ukoll mat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-passiġġieri meta din tinħoloq.

4.3.4.2. ***Il-kompożizzjoni tal-ferrovija***

Is-Subartikoli 4.2.2.5. u 4.2.2.7.2. ta' din it-TSI għandhom interfejs fir-rigward tad-dejta tal-formazzjoni tal-ferrovija mas-Subartikolu 4.2.3.2. tat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-merkanzija. Għandu jkun hemm ukoll interfejs mat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-passiġġieri meta din tinħoloq.

4.3.4.3. ***It-tluq tal-ferroviji***

Is-Subartikolu 4.2.3.3. ta' din it-TSI fih interfejs fir-rigward tal-informazzjoni dwar it-tluq tal-ferroviji mas-Subartikolu 4.2.3. tat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-merkanzija. Għandu jkun hemm ukoll interfejs mat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-passiġġieri meta din tinħoloq.

4.3.4.4. ***Il-mixi tal-ferroviji***

Is-Subartikolu 4.2.3.4. ta' din it-TSI għandu interfejs fir-rigward tad-dejta tal-mixi tal-ferroviji mas-Subartikoli 4.2.4., 4.3.5. u 4.3.6. tat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-merkanzija. Għandu jkun hemm ukoll interfejs mat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-passiġġieri meta din tinħoloq.

4.3.4.5. ***L-identifikazzjoni tal-vetturi***

Jeżisti interfejs bejn is-Subartikolu 4.2.2.3. ta' din it-TSI tal-OPE u s-Subartikolu 4.2.11.3. "Id-Databases ta' Referenza tal-Vetturi Ferrovjarji" u l-Anness A, l-Indiċi 1 ("Definizzjonijiet tad-dejta u messaġġi" Artikolu 1.18. "Element lokali: WagonIdent") tat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-merkanzija. Għandu jkun hemm ukoll interfejs mat-TSI tal-Applikazzjonijiet Telematiċi tal-passiġġieri meta din tinħoloq.

4.4. *REGOLI OPERATTIVI*

Ir-regoli u l-proċeduri li jippermettu operat koerenti ta' subsistemi strutturali ġodda u differenti intiżi li jintużaw fit-TEN, u b'mod partikolari dawk direttament konnessi mal-operat ta' sistema ġdida ferrovjarja tal-kontroll u s-sinjalar ta', għandhom ikunu identiċi meta jkunu jeżistu sitwazzjonijiet identiċi.

Għal dan il-għan, ir-regoli operattivi għas-Sistema Ewropea tal-Maniġment tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS/ETCS) huma speċifikati fl-Anness A1. Dawk għas-sistema tar-radju ERTMS/GSM-R għandhom jiġu speċifikati fl-Anness A2.

Regoli operattivi oħra, li jistgħu jiġu standardizzati fuq it-TEN, għandhom jiġu speċifikati fl-Anness B.

Billi dawn ir-regoli huma ddisinjati biex jiġu applikat fuq it-TEN sħiħ, hu importanti li jkun hemm konsistenza kompluta. L-unika organizzazzjoni li tista' tagħmel emendi f'dawn ir-regoli għandha tkun l-entità responsabbli għall-maniġment tal-Annessi A, B u C ta' din it-TSI.

4.5. *REGOLI TA' MANUTENZJONI*

Mhux applikabbli

4.6. *KWALIFIKI PROFESSJONALI*

Skont is-Subartikolu 2.2.1. ta' din it-TSI, din it-taqsima tittratta l-kompetenza professjonali u lingwistika u l-proċess ta' valutazzjoni meħtieġ biex il persunal jikseb din il-kompetenza.

4.6.1. KOMPETENZA PROFESSJONALI

Il-persunal (inklużi l-kuntratturi) tal-Impriża Ferrovjarja u l-Mexxej tal-Infrastruttura għandhom ikunu kisbu kompetenza professjonali xierqa biex iwettqu l-obbligi kollha meħtieġa relatati mas-sigurtà f'sitwazzjonijiet

normali, degradati u tal-emerġenza. Din il -kompetenza tinkludi għarfien professjonali u l-kapaċità li dan l-għarfien jitpoġġa fil-prattika.

L-elementi minimi rilevanti għall-kwalifika professjonali għal xogħol individwali jinsabu fl-annessi H, J u L.

4.6.1.1. ***Għarfien professjonali***

Meta wieħed iqis dawn l-annessi u skont id-doveri tal-membru individwali kkonċernat tad-dejta, l-għarfien meħtieġ għandu jinkludi dan li ġej:

— l-operat ferrovjarju ġenerali b'enfażi partikolari fuq attività kritika għas-sigurtà:

  — il-prinċipji tal-operat tas-sistema tal-maniġment tas-sigurtà tal-organizzazzjoni tagħhom;

  — ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-parteċipanti ewlenin involuti fl-attivitajiet interoperabbli;

  — l-apprezzament tal-perikli, b'mod speċjali b'rabta mar-riskji involuti fl-operat ferrovjarju u l-provvista tal-ġibda elettriku

— l-għarfien xieraq tax-xogħol relatat mas-sigurtà fir-rigward ta' proċeduri u interfejsis għall-:

  — binarji u t-tagħmir ma' ġenb il-binarji;

  — vetturi ferrovjarji;

  — ambjent.

4.6.1.2. ***Il-kapaċità li dan l-għarfien jitqiegħed fil-prattika***

Il-kapaċità li dan l-għarfien jiġi applikat f'sitwazzjonijiet ta' rutina, degradati u ta' emerġenza tirrikjedi li l-persunal ikunu kompletament familjari ma':

— il-metodu u l-prinċipji għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli u proċeduri

— il-proċess għall-użu tat-tagħmir ma' ġenb il-binarji u l-vetturi ferrovjarji, kif ukoll kwalunkwe tagħmir speċifiku relatat mas-sigurtà

— il-prinċipji tas-sistema tal-maniġment tas-sigurtà biex tiġi evitata l-introduzzjoni ta' kwalunkwe riskju bla bżonn għan-nies u għall-proċess

kif ukoll kapaċità ġenerali li l-individwu jadatta għaċ-ċirkostanzi differenti li jista' jiltaqa' magħhom.

B'konformità mal-Anness III, il-Klawżola 2 tad-Direttiva 2004/49/KE, jenħtieġ li l-Mexxejja tal-Impriżi Ferrovjarji u tal-Infrastruttura jistabbilixxu sistema ta' maniġment tal-kompetenza biex jiżguraw li l-kompetenza individwali tal-persunal tagħhom involut tiġi valutata u miżmuma. Barra minn hekk, għandu jiġi provdut taħriġ, fejn meħtieġ, biex jiġi żgurat li l-għarfien u l-ħiliet jinżammu aġġornati, b'mod speċjali b'rabta mad-difetti jew in-nuqqasijiet fil-prestazzjoni tas-sistema jew individwali.

4.6.2. KOMPETENZA LINGWISTIKA

4.6.2.1. ***Prinċipji***

Jenħtieġ li l-Mexxej tal-Infrastruttura u l-Impriża Ferrovjarja jiżguraw li l-persunal rilevanti tagħhom ikun kompetenti fl-użu tal-protokolli tal-komunikazzjoni u l-prinċipji stabbiliti f'din it-TSI.

Meta l-lingwa "operattiva" użata mill-Mexxej tal-Infrastruttura tvarja minn dik normalment użata mill-persunal tal-Impriża Ferrovjarja, dan it-taħriġ lingwistiku u fil-komunikazzjonijiet għandu jifforma parti kritika tas-sistema tal-maniġment tal-kompetenza ġenerali tal-Impriża Ferrovjarja.

Il-persunal tal-Impriża Ferrovjarja li l-obbligi tiegħu jirrikjedi li jikkomunikaw mal-persunal tal-Mexxej tal-Infrastruttura b'rabta ma' kwistjonijiet kritiċi tas-sigurtà, sew f'sitwazzjonijiet ta' rutina, degradati jew ta' emerġenza, għandhu jkollu livell suffiċjenti ta' għarfien tal-lingwa "operattiva" tal-Mexxej tal-Infrastruttura.

4.6.2.2. ***Livell ta' għarfien***

Il-livell ta' għarfien fil-lingwa tal-Mexxej tal-Infrastruttura għandu jkun biżżejjed għal skopijiet ta' sigurtà:

— Bħala minimu dan għandu jinkludi li x–xufier ikun kapaċi:

  — jibgħat u jifhem il-messaġġi kollha speċifikati fl-Anness C ta' din it-TSI;

  - jikkomunika effettivament f'sitwazzjonijiet ta' rutina, degradati u ta' emerġenza;
  - jimla l-formoli assoċjati mal-użu tal-Ktieb tal-Formoli
- Membri oħra tal-ekwipaġġ tal-ferrovija li l-obbligi tagħhom jirrikjedu li jikkomunikaw mal-Mexxej tal-Infrastruttura dwar kwistjonijiet kritiċi tas-sigurtà, għandhom bħala minimu, ikunu kapaċi li jibgħatu u jifhmu informazzjoni li tiddeskrivi l-ferrovija u l-istat operattiv tagħha.

Il-gwida dwar il-livelli xierqa ta' kompetenza hi definita fl-Anness E. Il-livell tal-għarfien għax-xufiera għandu jkun mill-inqas fil-livell 3. Il-livell tal-għarfien għall-persunal li jakkompanja l-ferrovija għandu jkun mill-inqas fil-livell 2.

4.6.3. VALUTAZZJONI INIZJALI U KONTINWA TAL-PERSUNAL

4.6.3.1. ***Elementi bażiċi***

B'konformità mal-Anness III, il-Klawżola 2 tad-Direttiva 2004/49/KE, l-Impriżi Ferrovjarji u l-Mexxejja tal-Infrastruttura huma mitluba li jiddefinixxu l-proċess ta' valutazzjoni għall-persunal tagħhom.

Hu rakkomandat li jiġi kkunsidrat kull wieħed minn dawn li ġejjin:

A L-għażla tal-persunal

- valutazzjoni tal-esperjenza u l-kompetenza individwali
- valutazzjoni tal-kompetenza individwali fl-użu ta' kwalunkwe lingwa(i) barranija (barranin) meħtieġa jew il-kapaċità li wieħed jitgħallimhom.

B Taħriġ professjonali inizjali

- analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ;
- riżorsi tat-taħriġ
- taħriġ ta' min iħarreġ

C Valutazzjoni inizjali

- kundizzjonijiet bażiċi (l-età minima tax-xufiera, …);
- programm ta' valutazzjoni, inkluż wiri prattiku;
- kwalifika ta' min iħarreġ.
- għoti ta' ċertifikat tal-kompetenza.

D Żamma tal-kompetenza

- prinċipji għaż-żamma tal-kompetenza
  - b'mod partikolari, għal dak il-persunal li jwettaq ix-xogħol tas-sewqan ta' ferrovija, ir-rivalutazzjoni tal-kompetenza għandha titwettaq mill-inqas fuq bażi annwali
- metodi li għandhom jiġu segwiti
- formalizzazzjoni tal-proċess taż-żamma tal-kompetenza.
- proċess ta' valutazzjoni.

E Taħriġ ta' Aġġornament

- prinċipji għal taħriġ kontinwu (inkluż fil-lingwa)

4.6.3.2. ***Analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ***

4.6.3.2.1. **Żvilupp tal-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ**

L-Impriża Ferrovjarja u l-Mexxej tal-Infrastruttura għandhom iwettqu analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ għall-persunal rilevanti tagħhom.

Din l-analiżi għandha tistabbilixxi kemm l-ambitu kif ukoll il-kumplessità u tqis ir-riskji assoċjati mal-operat tal-ferroviji fuq it-TEN, b'mod speċjali b'rabta mal-kapaċitajiet umani u l-limitazzjonijiet (fatturi umani) li jistgħu jirriżultaw b'konsegwenza ta':

— differenzi fi prattiċi operattivi bejn il-Mexxejja tal-Infrastruttura u r-riskji assoċjati mal-bidla bejniethom;

— id-differenza bejn xogħol, proċeduri operattivi u protokolli tal-komunikazzjoni;

— kwalunkwe differenza fil-lingwa "operattiva" użata mill-persunal tal-Mexxej tal-Infrastruttura;

— struzzjonijiet operattivi lokali li jistgħu jinkludu proċeduri speċjali jew tagħmir partikolari li għandhom jiġu applikati f'ċerti każijiet, pereżempju mina speċifika.

Gwida dwar l-elementi li għandhom jitqiesu tinsab fl-annessi msemmija fis-Subartikolu 4.6.1. imsemmi qabel. Kif jixraq, elementi tat-taħriġ għall-persunal għandhom jitqegħdu f'postijiet li jqisu dawn.

Hu possibbli li minħabba t-tip tal-operat maħsub minn Impriża Ferrovjarja jew in-natura tan-netwerk li jkun qed jitmexxa minn Mexxej tal-Infrastruttura, uħud mill-elementi f'dawn l-annessi ma jkunux xierqa. L-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ għandha tiddokumenta dawk li jitqiesu mhux xierqa u r-raġunijiet warajhom.

4.6.3.2.2. **Aġġornament tal-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ**

L-Impriża Ferrovjarja u l-Mexxej tal-Infrastruttura għandhom jiddefinixxu proċess għar-reviżjoni u l-aġġornament tal-ħtiġijiet tat-taħriġ individwali tagħhom, filwaqt li jikkunsidraw kwistjonijiet bħall-verifiki preċedenti, ir-reazzjonijiet dwar is-sistema u bidliet magħrufa fir-regoli u l-proċeduri, l-infrastruttura u t-teknoloġija.

4.6.3.2.3. **Elementi speċifiċi għall-ekwipaġġ ferrovjarju u l-persunal awżiljarju**

4.6.3.2.3.1. *Għarfien tar-rotta*

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiddefinixxi l-proċess li permezz tiegħu jinkiseb u jinżamm l-għarfien tal-ekwipaġġ ferrovjarju dwar ir-rotot użati. Dan il-proċess għandu jkun:

— ibbażat fuq l-informazzjoni dwar ir-rotta provduta mill-Mexxej tal-Infrastruttura u

— skont il-proċess deskritt fis-Subartikolu 4.2.1. ta' din it-TSI.

Ix-xufiera għandhom jitgħallmu dawn ir-rotot kemm permezz ta' elementi teoretiċi kif ukoll prattiċi.

4.6.3.2.3.2. *Għarfien tal-vetturi ferrovjarji*

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiddefinixxi l-proċess għall-kisba u ż-żamma tal-għarfien dwar il-ġibda u l-vetturi ferrovjarji mill-ekwipaġġ ferrovjarju tagħha.

4.6.3.2.3.3. *Persunal awżiljarju*

L-Impriża Ferrovjarja għandha tiżgura li l-persunal awżiljarju (eż. tal-forniment u tat-tindif) li ma jiffurmax parti mill-"ekwipaġġ ferrovjarju", flimkien mal-istruzzjoni bażika tiegħu, ikun imħarreġ biex jirreaġixxi għall-istruzzjonijiet tal-membri kompletament imħarrġa tal-"ekwipaġġ ferrovjarju".

4.7. *KUNDIZZJONIJIET TAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ*

4.7.1. INTRODUZZJONI

Il-persunal speċifikat fis-Subartikolu 4.2.1. bħala persunal li jwettaq xogħol kritiku tas-sigurtà skont is-Subartikolu 2.2. ta' din it-TSI għandu jkollu kapaċità xierqa li tiżgura li jintlaħqu l-istandards ġenerali operattivi u tas-sigurtà.

B'konformità mad-Direttiva 2004/49/KE, l-Impriżi Ferrovjarji u l-Mexxejja tal-Infrastruttura għandhom iwaqqfu u jiddokumentaw il-proċess użat biex jintlaħqu r-rekwiżiti mediċi, psikoloġiċi u tas-saħħa għall-persunal tagħhom fi ħdan is-Sistema tal-Maniġment tas-Sigurtà.

L-eżamijiet mediċi kif speċifikati fis-Subartikolu 4.7.4. u kwalunkwe deċiżjonijiet assoċjati dwar il-kapaċità individwali tal-persunal għandhom jitwettqu minn tabib tax-xogħol rikonoxxut.

Il-persunal ma għandux iwettaq xogħol kritiku tas-sigurtà filwaqt li l-viġilanza tkun imfixkla minħabba sustanzi bħall-alkoħol, id-drogi jew medikazzjoni psikotropika. Għaldaqstant, l-Impriża Ferrovjarja u l-Mexxej tal-Infrastruttura għandhom jimplimentaw proċeduri biex jikkontrollaw ir-riskju li l-persunal imorru għax-xogħol taħt l-influwenza ta' dawn is-sustanzi, jew li jikkunsmaw dawn is-sustanzi fuq ix-xogħol.

Japplikaw ir-regoli nazzjonali tal-Istat Membru fejn jopera servizz ferrovjarju fir-rigward tal-limiti definiti tas-sustanzi msemmija.

4.7.2. KRITERJI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' TOBBA TAX-XOGĦOL U ORGANIZZAZZJONIJIET MEDIĊI [1]

L-Impriżi Ferrovjarji u l-Mexxejja tal-Infrastruttura għandhom jagħżlu t-tobba tax-xogħol u l-organizzazzjonijiet involuti f'eżamijiet mediċi skont ir-regoli nazzjonali u l-prattiki tal-pajjiż li fih ikunu liċenzjati jew reġistrati l-Impriża Ferrovjarja jew il-Mexxej tal-Infrastruttura.

It-tobba tax-xogħol li jwettqu l-eżamijiet mediċi kif speċifikati fis-Subartikolu 4.7.4. għandu jkollhom dan li ġej:

— Għarfien espert fil-mediċina tax-xogħol

— Għarfien tal-perikli tax-xogħol ikkonċernat u tal-ambjent ferrovjarju;

— Fehim ta' kif il-miżuri intiżi biex jeliminaw jew inaqqsu r-riskji minn dawk il-perikli jistgħu jintlaqtu b'nuqqas ta' kapaċità medika.

It-tabib tax-xogħol li jikkonforma ma' dawn il-kriterji jista' jfittex assistenza medika jew paramedika biex jappoġġja l-konsultai u l-valutazzjoni mediċi tiegħu jew tagħha, eż. oftalmologi.

4.7.3. KRITERJI GĦALL-APPROVAZZJONI TAL-PSIKOLOGI INVOLUTI FIL-VALUTAZZJONI PSIKOLOĠIKA U REKWIŻITI TAL-VALUTAZZJONI PSIKOLOĠIKA

4.7.3.1. ***Ċertifikazzjoni tal-psikologi***

Il-psikologiku għandu jkollu l-kwalifika universitarja rilevanti u jkun ċertifikat u rikonoxxut bħala kompetenti skont ir-regoli u l-prassi nazzjonali tal-pajjiż li fih ikunu liċenzjati jew reġistrati l-Impriża Ferrovjarja jew il-Mexxej tal-Infrastruttura.

4.7.3.2. ***Kontenut u interpretazzjoni tal-valutazzjoni psikoloġika***

Il-kontenut u l-proċedura għall-interpretazzjoni tal-valutazzjoni psikoloġika għandhom jiġu determinati minn persuna ċċertifikata skont it-taqsima 4.7.3.1., filwaqt li jitqiesu x-xogħol u l-ambjent ferrovjarju.

4.7.3.3. ***Għażla tal-għodod ta' valutazzjoni***

Il-valutazzjoni għandha tinkludi biss għodod tal-valutazzjoni li huma bbażati fuq prinċipji psikoloġiċi-xjentifiċi.

4.7.4. EŻAMIJIET MEDIĊI U VALUTAZZJONIJIET PSIKOLOĠIĊI

4.7.4.1. ***Qabel il-ħatra:***

4.7.4.1.1. **Kontenut minimu tal-eżami mediku**

L-eżamijiet mediċi għandhom ikopru:

— Eżami mediku ġenerali;

— Eżamijiet tal-funzjonijiet tas-sensi (viżjoni, smigħ, perċezzjoni tal-kulur);

— Analiżi tal-awrina jew tad-demm għad-ditezzjoni tad-dijabete u kundizzjonijiet oħra kif indikai permezz tal-eżami kliniku;

— Skrinjar għad-drogi.

4.7.4.1.2. **Valutazzjoni psikoloġika**

L-għan tal-valutazzjoni psikoloġika hu li tiġi appoġġjata l-Impriża Ferrovjarja fil-ħatra u l-maniġment tal-persunal li jkollhom il-kapaċitajiet konoxxitivi, psikomottivi, tal-imġiba u tal-personalità biex iwettqu ir-rwoli tagħhom b'mod sigur.

Fid-determinazzjoni tal-kontenut tal-valutazzjoni psikoloġika, il-psikologu għandu, bħala minimu, iqis dawn il-kriterji rilevanti għar-rekwiżiti ta' kull funzjoni tas-sigurtà:

— Konoxxitivi:

   — Attenzjoni u konċentrazzjoni

[1] L-Artikolu 4.7.2. hu rakkomandazzjoni

  - Memorja
  - Kapaċità perċettiva
  - Raġunar
  - Komunikazzjoni
- Psikomottiv:
  - Veloċità tar-reazzjoni
  - Koordinazzjoni bil-mossi
- Imġiba u personalità
  - Awto-kontroll emozzjonali
  - Affidabbiltà tal-imġiba
  - Awtonomija
  - Kuxjenzożità

Jekk il-psikologu jħalli barra xi ħaġa minn dawn, id-deċiżjoni rispettiva għandha tiġi ġustifikata u dokumentata.

4.7.4.2. ***Wara l-ħatra***

4.7.4.2.1. **Perjodiċità tal-eżamijiet mediċi perjodiċi**

Għandu jitwettaq mill-inqas eżami mediku sistematiku wieħed:

- Kull ħames snin għall-persunal sa 40 sena;
- Kull tliet snin għall-persunal ta' bejn il-41 u t-62 sena;
- Kull sena għall-persunal 'il fuq minn 62 sena.

Il-perjodiċità miżjuda tal-eżami għandha tiġi stabbilita mit-tabib tax-xogħol jekk l-istat tas-saħħa tal-membru tal-persunal jirrikjedi dan.

4.7.4.2.2. **Kontenut minimu tal-eżami mediku perjodiku**

Jekk il-ħaddiem jikkonforma mal-kriterji meħtieġa fl-eżami, li jitwettaq qabel il-prattika ta' tax-xogħol, l-eżamijiet speċjalizzati perjodiċi għandhom jinkludu bħala minimu:

- Eżami mediku ġenerali;
- Eżami tal-funzjonijiet tas-sensi (vista, smigħ, perċezzjoni tal-kulur);
- L-analiżi tal-awrina jew id-demm għad-ditezzjoni tad-dijabete u kundizzjonijiet oħra kif indikat mill-eżami kliniku;
- Skrinjar għad-drogi fejn klinikament indikat.

4.7.4.2.3. **Eżamijiet mediċi addizzjonali u/jew valutazzjonijiet psikoloġiċi**

Minbarra l-eżami mediku perjodiku, għandu jitwettaq eżami mediku speċifiku u/jew valutazzjoni psikoloġika fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli li jpoġġu fid-dubju l-kapaċità medika jew psikoloġika ta' membru tal-persunal jew suspett raġonevoli ta' użu ta' drogi jew abbuż jew użu mhux xieraq tal-alkoħol. Dan ikun il-każ b'mod speċjali wara li jkun ġie ikkawżat inċident jew aċċident minħabba żball uman min-naħa tal-individwu.

Min iħaddem għandu jitlob eżami mediku wara kull assenza minħabba mard li taqbeż it-30 jum. F'każijiet xierqa, dan l-eżami jista' jiġi limitat għal valutazzjoni mit-tabib tax-xogħol bbażata fuq informazzjoni medika disponibbli li tindika li l-kapaċità tal-impjegat għax-xogħol ma ġietx affettwata.

L-Impriża Ferrovjarja u l-Mexxej tal-Infrastruttura għandhom idaħħlu sistemi li jiżguraw li dawn l-eżamijiet u valutazzjonijiet addizzjonali jitwettqu kif xieraq.

4.7.5. REKWIŻITI MEDIĊI

4.7.5.1. ***Rekwiżiti ġenerali***

Il-persunal ma għandux ikun ibati minn kundizzjonijiet mediċi jew jieħu trattament mediku li aktarx li jikkawża:

— Telfien f'daqqa tas-sensi;

— Tfixkil fl-għarfien jew il-konċentrazzjoni;

— Inkapaċità f'daqqa;

— Tfixkil fil-bilanċ jew il-koordinazzjoni;

— Limitazzjoni sinifikanti tal-mobilità.

Għandhom jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti tal-vista u s-smigħ:

4.7.5.2. ***Rekwiżiti tal-vista***

— Akutezza tal-vista mill-bogħod megħjuna jew mhux megħjuna: 0,8 (għajn tal-lemin + għajn tax-xellug — imkejla separatament); Minimu ta' 0,3 għall-agħar għajn.

— Lentijiet massimi korrettivi: ipermetropja + 5/myopia — 8. It-tabib tax-xogħol rikonoxxut (kif definit fis-Subartikolu 4.7.2.) jista' jippermetti valuri lil hinn minn din il-firxa f'każijiet eċċezzjonali u wara li jkun talab l-opinjoni ta' speċjalista tal-għajnejn.

— Vista intermedjarja u mill-qrib: biżżejjed sew jekk megħjuna jew le.

— Il-lentijiet tal-kuntatt huma permessi.

— Vista tal-kulur normali: bl-użu ta' test rikonoxxut, bħal Ishihara, kompletat b'test ieħor rikonoxxut jekk meħtieġ.

— Kamp viżiv: normali (nuqqas ta' kull anormalità li taffettwa x-xogħol li għandu jitwettaq)

— Vista għaż-żewġ għajnejn: preżenti

— Vista binokulari: preżenti

— Sensittività tal-kuntrast: tajba

— Nuqqas ta' mard tal-għajnejn progressiv

— Impjanti tal-lentijiet, keratotomiji u keratektomiji huma permissibbli biss bil-kundizzjoni li jiġu vverifikati fuq bażi annwali jew skont is-sett ta' perjodiċità stabbilit mit-tabib tax-xogħol.

4.7.5.3. ***Rekwiżiti tas-smigħ***

Smigħ suffiċjenti kkonfermat bl-awdjogramma tat-ton, jiġifieri:

— Smigħ tajjeb biżżejjed li tinżamm konverżazzjoni telefonika u li wieħed ikun jista' jisma' toni ta' twissija u messaġġi tar-radju.

— Dawn il-valuri mogħtija għall-informazzjoni għandhom jingħataw bħala linji gwida:

— Id-defiċjenza fis-smigħ ma għandhiex tkun aktar minn 40 dB f'500 u 1 000 Hz;

— Id-defiċjenza fis-smigħ ma għandhiex tkun ogħla minn 45 dB f'2 000 Hz għall-widna bl-agħar konduttività tal-arja tal-ħsejjes.

4.7.5.4. ***Tqala***

It-tqala għandha titqies bħala kawża temporanja għall-esklużjoni fir-rigward tax-xufiera f'każ ta' tolleranza baxxa jew kundizzjoni patoloġika. Min iħaddem għandu jiżgura li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet legali li jipproteġu l-ħaddiema tqal.

4.7.6. REKWIŻITI SPEĊIFIĊI LI JIRRIGWARDAW IX-XOGĦOL TAS-SEWQAN TA' FERROVIJA

4.7.6.1. ***Perjodiċità ta' eżamijiet mediċi perjodiċi***

Fir-rigward tal-persunal li jwettaq ix-xogħol tas-sewqan ta' ferrovija, is-Subartikolu 4.7.4.2.1. ta' din it-TSI tiġi emendata hekk:

Għandha jitwettaq mill-inqas eżami mediku sistematiku wieħed:

— Kull tliet snin għall-persunal sa 60 sena;

— Kull sena għall-persunal 'il fuq minn 60 sena.

4.7.6.2. ***Kontenut addizzjonali tal-eżami mediku***

Fir-rigward tax-xogħol tas-sewqan tal-ferrovija, l-eżami mediku qabel il-ħatra kif ukoll kull eżami mediku perjodiku li jikkonċerna persunal 'il fuq minn 40 sena u iżjed għandu addizzjonalment jinvolvi s-sorveljanza bl-ECG waqt is-serħan.

4.7.6.3. ***Rekwiżiti tal-vista addizzjonali***

— Akutezza viżiva mill-bogħod megħjuna jew mhux megħjuna 1,0 (binokularment); mill-inqas 0,5 għall-agħar għajn.

— Lentijiet tal-kuntatt ikkuluriti u lentijiet fotokromatiċi mhumiex permessi. Lentijiet bil-filtru UV huma permessi.

4.7.6.4. ***Rekwiżiti addizzjonali tas-smigħ u tat-taħdit***

— L-ebda anomalija fis-sistema vestibulari.

— L-ebda difett kronika fit-taħdit (meta wieħed iqis il-ħtieġa għall-iskambju ta' messaġġi b'ħoss għoli u ċar).

— Ir-rekwiżiti tas-smigħ kif stabbiliti fis-Subartikolu 4.7.5.3. għandhom jinkisbu mingħajr l-użu ta' tagħmir għall-għajnuna fis-smigħ. Skont l-opinjoni medika, l-użu ta' tagħmir għall-għajnuna fis-smigħ jiġi permess f'każijiet speċjali.

4.7.6.5. ***Antropometriċi***

Il-miżuri antropometriċi tal-persunal għandhom ikunu adattati għall-użu sigur tal-vetturi ferrovjarji. Ix-xufiera ma għandhomx jintalbu jew jiġu permessi li joperaw tipi partikolari ta' vetturi ferrovjarji jekk it-tul, il-piż jew karatteristiċi fiżiċi oħra tagħhom jagħmlu dan perikoluż.

4.7.6.6. ***Konsulenza għat-Trawma***

Il-persunal li, waqt li jkun qed isuq ferrovija, jiġi affettwat minn aċċidenti trawmatizzanti li jikkawżaw il-mewt jew feriti serji ta' persuni, għandu jiġi soġġett għal kura xierqa minn min iħaddem.

4.8. *REĠISTRI TAL-INFRASTRUTTURA U TAL-VETTURI FERROVJARJI*

Skont l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2001/16/KE, "l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri tal-infrastruttura u tal-vetturi ferrovjarji jiġu pubblikati u aġġornati kull sena. Dawk ir-reġistri għandhom jindikaw il-karatteristika ewlenija ta' kull subsistema jew parti minn subsistema involuta u l-korrelazzjoni tagħhom mal-karatteristiċi stabbiliti mit-TSIs applikabbli. Għal dan il-għan, kull TSI għandha tindika preċiżament liema informazzjoni għandha tiġi inkluża fir-reġistri tal-infrastruttura u tal-vetturi ferrovjarji".

Minħabba l-aġġornament annwali u l-pubblikazzjoni ta' dawn ir-reġistri, mhumiex adattati għar-rekwiżiti partikolari tas-subsistema tal-"Attivitajiet u l-Maniġment tat-Traffiku". Għaldaqstant din it-TSI ma tispeċifika xejn fir-rigward ta' dawn ir-reġistri.

Madankollu, hemm rekwiżit operattiv għal ċerti oġġetti tad-dejta relatati mal-infrastruttura li għandhom isiru disponibbli għal Impriża Ferrovjarja u bil-kontra għal ċerti oġġetti relatati mal-vetturi ferrovjarji li għandhom isiru disponibbli għal Mexxej tal-Infrastruttura. Fiż-żewġ każijiet, id-dejta kkonċernata għandha tkun kompluta u preċiża.

4.8.1. INFRASTRUTTURA

Ir-rekwiżiti għall-oġġetti tad-dejta relatati mal-infrastruttura ferrovjarja konvenzjonali fir-rigward tas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku, u li għandhom isiru disponibbli għall-impriżi ferrovjarji, huma speċifikati fl-Anness D. Il-Mexxej tal-Infrastruttura hu responsabbli għall-korrettezza tad-dejta.

4.8.2. VETTURI FERROVJARJI

Dawn l-oġġetti tad-dejta relatati mal-vetturi ferrovjarji għandhom ikunu disponibbli għall-mexxejja tal-infrastruttura. Il-keeper (sid il-vettura) hu responsabbli għall-korrettezza tad-dejta:

— jekk il-vettura tkun mibnija minn materjali li jistgħu jkunu perikolużi f'każ ta' aċċidenti jew nar (eż. ażbestos)

— tul fuq l-ilqugħ

5. KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABBILTÀ

5.1. *DEFINIZZJONI*

Skont l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2001/16/KE:

Il-kostitwenti tal-interoperabbiltà huma "kwalunkwe komponent elementari, grupp ta' komponenti, subarmar jew armar komplut ta' tagħmir inkorporat jew intiżi li jiġu inkorporati f'subsistema li fuqha tiddependi direttament jew indirettament l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea. Il-kunċett ta' kostitwent ikopri kemm oġġetti tanġibbli kif ukoll intanġibbli bħas-softwer".

Kostitwent tal-interoperabbiltà hu:

— prodott li jista' jitpoġġa fuq is-suq qabel l-integrazzjoni u l-użu fis-subsistema; f'dan ir-rigward, għandu jkun possibbli li tiġi vverifikata l-konformità tiegħu indipendentement mis-subsistema li fiha jkun se jiġi inkorporat,

— jew oġġett intanġibbli bħal softwer jew proċess, organizzazzjoni, proċedura, eċċ. li jkollu funzjoni fis-subsistema u li l-konformità tiegħu għandha tiġi vverifikata sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti essenzjali jintlaħqu.

5.2. *LISTA TA' KOSTITWENTI*

Il-kostitwenti tal-interoperabbiltà huma koperti mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2001/16/KE. Fir-rigward tas-Subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku, fil-preżent m'hemm l-ebda kostitwenti tal-interoperabbiltà.

5.3. *PRESTAZZJONIJIET U SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-KOSTITWENTI*

Ladarba tkun ġiet stabbilita soluzzjoni għall-indikazzoni tat-tarf ta' wara tal-ferrovija, hu possibbli li dan isir kostitwent tal-interoperabbiltà. Jista' mbagħad ikun il-każ li anness addizzjonali jkun meħtieġ biex jiddefinixxi l-luminiżotà, ir-retroriflessività u l-arranġamenti tat-twaħħil. Jista' wkoll ikun hemm xi interfejsis addizzjonali mat-TSIs tal-RST f'verżjoni fil-ġejjieni.

6. VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U/JEW L-ADATTAMENT GĦALL-UŻU TAL-KOSTITWENTI U L-VERIFIKA TAS-SUBSISTEMA

6.1. *KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABBILTÀ*

Billi din it-TSI għadha ma tispeċifika l-ebda kostitwenti tal-interoperabbiltà, ma jiġu diskussi l-ebda arranġamenti tal-valutazzjoni

Jekk madankollu l-kostitwenti tal-interoperabbiltà jiġu sussegwentament definiti u għaldaqstant jistgħu jiġu valutati minn Korp Notifikat, il-proċedura(i) tal-valutazzjoni rilevanti tista' (jistgħu) mbagħad tiġi(jiġu) miżjuda ma' verżjoni riveduta.

6.2. *SUBSISTEMA TAL-OPERAT U L-MANIĠMENT TAT-TRAFFIKU*

6.2.1. PRINĊIPJI

Is-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku hi subsistema strutturali skont l-Anness II tad-Direttiva 2001/16/KE.

Madankollu, l-elementi individwali huma allinjati mill-viċin mal-proċeduri u l-proċessi operattivi meħtieġa minn Mexxej tal-Infrastruttura jew Impriża Ferrovjarja (IF) għall-għoti ta' awtorizzazzjoni/ċertifikat tas-sigurtà

skont it-termini tad-Direttiva 2004/49/KE. L-Impriżi Ferrovjarji u l-Mexxejja tal-Infrastruttura għandhom juru konformità mar-rekwiżiti ta' din it-TSI. Jistgħu jagħmlu dan billi jużaw is-Sistema tal-Maniġment tas-Sigurtà kif deskritta fid-Direttiva 2004/49/KE. Għandu jiġi osservat li fil-preżent l-ebda wieħed mill-elementi msemmija f'din it-TSI ma jeħtieġ valutazzjoni separata minn Korp Notifikat.

L-Awtorità Kompetenti rilevanti għandha twettaq valutazzjoni ta' kwalunkwe proċeduri u proċessi operattivi ġodda jew emendati, qabel l-implimentazzjoni, qabel l-għoti ta' awtorizzazzjoni/ċertifikat tas-sigurtà ġodda jew riveduti. Din il-valutazzjoni għandha tkun parti mill-proċess għall-għoti taċ-ċertifikat/l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà. Meta l-ambitu ta' dan l-SMS jolqot Stat(i) Membru(i) ieħor (oħra), għandha tiġi żgurata l-koordinazzjoni ma' dak l-Istat Membru fir-rigward tal-valutazzjoni.

Skont it-tlestija sodisfaċenti tal-proċess ta' valutazzjoni deskritt hawn taħt, l-Awtorità Kompetenti għandha tawtorizza lill-Mexxej tal-Infrastruttura jew l-Impriża Ferrovjarja li jimplimentaw l-elementi rilevanti tas-Sistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku tagħha b'rabta mal-għoti tal-Awtorizzazzjoni tas-Sigurtà jew iċ-Ċertifikat tas-Sigurtà meħtieġa skont l-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 2004/49/KE.

Kull fejn Mexxej tal-Infrastruttura jew Impriża Ferrovjarja jintroduċu proċess(i) operattiv(i) ġdid(ġodda)/aġġornat(i)/imġedded(a) (jew jekk materjalment jibdlu dawk eżistenti) kopert(i) mir-rekwiżiti ta' din it-TSI, għandhom ifasslu obbligu li jindika li dan(dawn) il-proċess(i) ikun(u) konformi mat-TSI tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku (jew parti minnha fil-perjodu tranżitorju – ara l-Kapitolu 7).

6.2.2. DOKUMENTAZZJONI TAR-REGOLI U TAL-PROĊEDURI

Fir-rigward tal-valutazzjoni tad-dokumentazzjoni deskritta fis-Subartikolu 4.2.1 ta' din it-TSI, l-iżgurar li l-proċess għat-tħejjija tad-dokumentazzjoni provduta kemm mill-Mexxej tal-Infrastruttura kif ukoll mill-Impriża Ferrovjarja tkun biżżejjed f'termini tal-kompletezza u l-preċiżjoni, ikun ir-responsabbiltà tal-Awtorità Kompetenti.

6.2.3. PROĊEDURA TAL-VALUTAZZJONI

6.2.3.1. ***Deċiżjoni mill-Awtorità Kompetenti***

B'rabta mal-Anness G, il-Mexxej tal-Infrastruttura u l-Impriża Ferrovjarja għandhom jissottomettu deskrizzjoni ta' kwalunkwe proċess(i) operattiv(i) ġdid (ġodda) jew emendat(i) propost(i).

Fir-rigward ta' dawk l-oġġetti murija taħt il-Parti A taċ-Ċertifikat/l-Awtorizzazzjoni tas-Sigurtà kif definiti mid-Direttiva 2004/49/KE, dawn għandhom jiġu preżentati lill-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-kumpanija.

Fir-rigward ta' dawn l-oġġetti murija li jaqgħu taħt il-Parti B taċ-Ċertifikat/l-Awtorizzazzjoni tas-Sigurtà kif definit mid-Direttiva 2004/49/KE, dawn għandhom jiġu preżentati lill-Awtorità Kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat.

Dan għandu jiġi provdut f'biżżejjed dettall li jippermetti lill-Awtorità(jiet) Kompetenti jgħaddi(u) ġudizzju dwar jekk tkunx meħtieġa valutazzjoni formali.

6.2.3.2. ***Jekk tkun meħtieġa valutazzjoni***

Meta l-Awtorità(jiet) Kompetenti tiddeċiedi (jiddeċiedu) li din il-valutazzjoni tkun meħtieġa, allura din għandha titwettaq bħala parti mill-valutazzjoni li twassal għall-għoti/it-tiġdid taċ-ċertifikat/l-awtorizzazzjoni tas-sigurtà b'konformità mad-Direttiva 2004/49/KE.

Il-proċeduri tal-valutazzjoni għandhom ikunu konformi mal-Metodu tas-Sigurtà Komuni li għandhom jiġu stabbiliti għall-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni/l-awtorizzazzjoni tas-Sistemi tal-Maniġment tas-Sigurtà meħtieġa skont l-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 2004/49/KE.

Xi linji gwida dwar kif għandha titwettaq din il-valutazzjoni jinsabu fl-Anness F.

6.2.4. PRESTAZZJONI TAS-SISTEMA

L-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/16/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jivverifikaw f'intervalli regolari li s-subsistemi tal-interoperabbiltà jkunu qed jitħaddmu u jinżammu skont ir-rekwiżiti essenzjali. Fir-rigward tas-subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku, dawn il-verifiki għandhom jitmexxew b'konformità mad-Direttiva 2004/49/KE.

7. IMPLIMENTAZZJONI

7.1. *PRINĊIPJI*

L-implimentazzjoni ta' din it-TSI u l-konformità mat-taqsimiet rilevanti ta' din it-TSI għandhom jiġu determinati skont pjan ta' implimentazzjoni li għandu jitfassal minn kull Stat Membru għall-binarji li għalihom huma responsabbli.

Dan il-pjan għandu jikkunsidra:

— il-kwistjonijiet tal-fatturi umani speċifiċi assoċjati mal-operat ta' kwalunkwe binarju speċifikat;

— l-elementi operattivi u tas-sigurtà individwali ta' kull binarju involut; u

— jekk l-implimentazzjoni tal-element(i) taħt kunsiderazzjoni għandhiex tkun:

  — għall-ferroviji kollha fuq il-binarju, jew le,

  — għal ċerti binarji biss,

  — applikabbli fuq il-binarji kollha TEN,

  — applikabbli għall-ferroviji kollha li jaħdmu fuq binarji TEN

— ir-relazzjoni mal-implimentazzjoni mas-subsistemi l-oħra (CCS, RST, TAF, …);

F'dan iż-żmien kwalunkwe eċċezzjonijiet speċifiċi li jistgħu jkunu applikabbli għandhom jiġu kkunsidrati u dokumentati bħala parti mill-pjan.

Il-pjan tal-implimentazzjoni għandu jqis id-diversi livelli ta' potenzjal għall-implimentazzjoni minn kull meta:

— Impriża Ferrovjarja jew Mexxej tal-Infrastruttura jibda l-operat, jew

— jiġi introdott tiġdid jew aġġornament fis-sistemi operattivi eżistenti ta' Impriża Ferrovjarja jew Mexxej tal-Infrastruttura, jew

— jibdew jintużaw subsistemi ġodda jew aġġornati tal-infrastruttura, tal-enerġija, tal-vetturi ferrovjarji jew tal-kmand tal-kontroll u tas-sinjalar, li jirrikjedu sett korrispondenti ta' proċeduri operattivi.

Meta l-aġġornament ta' sistemi operattivi eżistenti jaffettwa kemm il-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura kif ukoll l-Impriżi Ferrovjarji, l-Istat Membru jkun responsabbli li jiżgura li dawn il-proġetti jiġu valutati u jibdew jintużaw fl-istess żmien.

Hu mifhum b'mod ġenerali li l-implimentazzjoni sħiħa tal-elementi kollha ta' din it-TSI ma tistax tkun kompluta sakemm il-ħardwer (infrastruttura, kontroll u kmand, eċċ.) li għandu jiġi operat ikun ġie armonizzat. Il-linji gwida stabbiliti f'dan il-kapitolu għandhom għaldaqstant jitqiesu bħala fażi temporanja li tappoġġja l-migrazzjoni għas-sistema fil-mira.

B'konformità mal-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 2004/49/KE, iċ-ċertifikazzjoni/l-awtorizzazzjoni hi meħtieġa li tiġġedded kull ħames snin. Ladarba din it-TSI tkun daħlet fis-seħħ u bħala parti mill-proċess tar-reviżjoni li jwassal għat-tiġdid taċ-ċertifikazzjoni/l-awtorizzazzjoni, l-Impriża Ferrovjarja u l-Mexxej tal-Infrastruttura għandhom ikunu jistgħu juru li jkunu qisu l-kontenut ta' din it-TSI u jipprovdu ġustifikazzjoni għal kwalunkwe elementi tiegħu li ma jkunux konformi magħhom.

Filwaqt li l-konformità sħiħa mas-sistema fil-mira deskritta f'din it-TSI hi evidentement il-pożizzjoni aħħarija, il-migrazzjoni tista' sseħħ fi stadji permezz tal-iżvilupp ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali nazzjonali jew internazzjonali. Dawn il-ftehimiet, li jistgħu jintużaw minn u bejn kombinazzjoni ta' MI — MI, IM — IF, IF — IF, għandhom dejjem jinvolvu input mill-Awtoritajiet tas-Sigurtà kkonċernati.

Meta l-ftehimiet eżistenti ikun fihom rekwiżiti relatati mal-operat u l-maniġment tat-traffiku, l-Istati Membri allura għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din it-TSI, b'dawn il-ftehimiet:

(a) ftehimiet nazzjonali, bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati Membri u l-Impriżi Ferrovjarji jew il-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura, miftiehma jew fuq bażi permanenti jew temporanja u meħtieġa minħabba n-natura verament speċifika jew lokali tas-servizz tal-ferrovija intiża;

(b) ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn l-Impriżi Ferrovjarji, Mexxej(ja) tal-Infrastruttura jew l-Istati Membri li jipprovdu livelli sinifikanti ta' interoperabbiltà lokali jew reġjonali;

(c) ftehimiet internazzjonali bejn Stat Membru wieħed jew iżjed u mill-inqas pajjiż terz wieħed, jew bejn Impriżi Ferrovjarji jew Mexxej(ja) tal-Infrastruttura tal-Istati Membri u mill-inqas Impriża Ferrovjarja waħda jew Mexxej tal-Infrastruttura wieħed ta' pajjiż terz, li joffru livelli sinifikanti ta' interoperabbiltà lokali jew reġjonali.

Il-kompatibbiltà ta' dawn il-ftehimiet mal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż il-karattru mhux diskriminatorju tagħhom u, b'mod partikolari, din it-TSI, għandhom jiġu valutati u l-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa bħar-reviżjoni ta' din it-TSI biex tinkludi każijiet speċifiċi possibbli jew miżuri tranżizzjonali.

Il-Ftehimiet RIV, RIC u PPW u l-istrumenti COTIF ma għandhomx jiġu notifikati, għax huma magħrufa.

It-tiġdid ta' dawn il-ftehimiet għandu jkun possibbli, iżda biss fl-interessi ta' arranġamenti kontinwati permezz tal-ħidma u biss meta ma jeżistux alternattivi oħra. Kwalunkwe emenda fil-ftehimiet eżistenti jew fi kwalunkwe ftehim fil-ġejjieni għandu jikkunsidra l-leġiżlazzjoni tal-UE u, b'mod partikolari, din it-TSI. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn l-emendi jew il-ftehimiet ġodda. Għandha tapplika l-istess proċedura kif intwera qabel.

7.2. *LINJI GWIDA TAL-IMPLIMENTAZZJONI*

It-tabella murija fl-Anness N, li hi informattiva u mhix mandatarja, ġiet imħejjija bħala gwida għal dak li l-Istat Membru jista' jidentifika bħala l-punt li jwassal għall-implimentazzjoni ta' kull wieħed mill-elementi fil-Kapitolu 4.

Hemm tliet elementi distinti għall-implimentazzjoni:

— Il-konferma li kwalunkwe sistemi u proċessi eżistenti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din it-TSI.

— L-adattament ta' kwalunkwe sistemi u proċessi eżistenti biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din it-TSI

— Is-sistemi u l-proċessi ġodda li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' subsistemi oħra

  — Il-binarji konvenzjonali ġodda/aġġornati (INS/ENE)

  — Sistemi tas-sinjalar ETCS ġodda jew aġġornati, sistemi tar-radju GSM-R, Ditekters ta' Kaxxa tal-Fus Sħuna, … (CCS)

  — Vetturi ferrovjarji ġodda (RST)

  — Applikazzjonijiet telematiċi għall-maniġment tat-traffiku (TAF)

7.3. *KAŻIJIET SPEĊIFIĊI*

7.3.1. INTRODUZZJONI

Dawn id-dispożizzjonijiet speċjali huma permessi fil-każijiet speċifiċi msemmija isfel.

Dawn il-każijiet speċifiċi jappartjenu għal żewġ kategoriji:

— id-dispożizzjonijiet japplikaw jew b'mod permanenti (każ "P"), jew temporanjament (każ "T").

— F'każijiet temporanji, hu rakkomandat li l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonformaw mas-subsistema rilevanti jew sal-2010 (każ "T1"), għan stabbilit fid-Deċiżjoni 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 dwar il-linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew, jew sal-2020 (każ "T2").

7.3.2. LISTA TA' KAŻIJIET SPEĊIFIĊI

Każ Speċfiku Temporanju (T2) Irlanda

Għall-implimentazzjoni tal-Anness P ta' din it-TSI fir-Repubblika Irlandiża, il-vetturi li għandhom jintużaw biss fi traffiku domestiku jistgħu jiġu eżentati milli jkollhom numru standard bi 12-il figura. Dan jista' japplika wkoll għal traffiku transkonfinali bejn l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika Irlandiża.

Każ Speċfiku Temporanju (T2) Renju Unit

Għall-implimentazzjoni tal-Anness P ta' din it-TSI fir-Renju Unit, il-vaguni tal-passiġġieri u lokomottivi li jintużaw biss fit-traffiku domestiku jistgħu jiġu eżentati milli jkollhom numru standard bi 12-il figura. Dan jista' jgħodd ukoll għal traffiku transkonfinali bejn l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika Irlandiża.

ANNESS A1:

REGOLI OPERATTIVI ERTMS/ETCS

Din l-Anness fih l-abbozz tar-regoli għall-ERTMS/ETCS. Dawn qed jiġu inklużi hawn biex jipprovdu ħarsa ġenerali wiesgħa lejn l-istruttura u l-ambitu ta' dawn ir-regoli. B'mod partikolari, ir-regoli li jikkonċernaw il-livell ETCS 2 għandhom jiġu konsolidati wara testijiet prattiċi. Is-sett komplut ta' regoli għandu jiġi adattat ukoll għal-linja bażi aġġornata tal-FRS u l-SRS li jinsabu fit-TSI tas-CR CCS u intiżi li jiġu ntrodotti sal-aħħar tal-2005.

1. INTRODUZZJONI

Dan id-dokument hu kumpilazzjoni tar-regoli ERTMS għall-operat ta' binarji mgħammra b'linji tal-livell 1, jew il-livell 2 mingħajr kwalunkwe sistema sottostanti.

2. GLOSSARJU

Riservat

3. **DOKUMENTI**

3.1. *ORDNIJIET MIKTUBA U MESSAĠĠI BIL-MIKTUB*

L-ordnijiet miktuba differenti li għandhom jintużaw skont ir-regoli huma dawn.

L-informazzjoni li tinsab f'dawn l-ordnijiet miktuba hi mandatarja, il-preżentazzjoni hi informattiva.

3.1.1. ORDNI MIKTUBA ERTMS 01

Ordni Miktuba ERTMS **01**

PERMESS BIEX JINBEDA SR/GĦAL QBIŻ TA' EOA

Kaxxa tas-Sinjalar .... Data ...... /....../....... Ħin .... : ....

Xufier tal-Ferrovija Nru .... f' .... fuq il-binarju ....
(km/bord/sinjal)

1 ☐ Jitħalla jibda f'SR wara t-tqabbid

2 ☐ Jitħalla jaqbeż ....
(bord/sinjal)

3 ☐ Jimxi b'veloċità massima ta' .... km/h minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

u .... km/h minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

u .... km/h minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

4 ☐ Struzzjonijiet addizzjonali ....

....

Nru. tal-awtorizzazzjoni ....

Imla l-vojt fil-linji mmarkati. Aqta' barra test mhux validu fil-parentesi (eżempju km/~~bord~~/sinjal)
Il-linji bil-kaxxi li mmarkajt biss huma validi (☒).

3.1.2. ORDNI MIKTUBA ERTMS 02

Ordni Miktuba ERTMS **02**

PERMESS GĦALL-PROĊEDIMENT WARA L-VJAĠĠ FERROVJARJU

Kaxxa tas-Sinjalar .... **Data** ...... /...... / ...... **Ħin** .... : ....

Xufier tal-Ferrovija Nru .... **f'** .... **fuq il-binarju** ....
(km/bord/sinjal)

1 ☐ Jitħalla jinbeda f'SR, jekk ma jiġi rċevut l-ebda MA

2 ☐ Jimxi b'veloċità massima ta' .... km/h minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

u .... km/h minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

u .... km/h minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

3 ☐ Jeżamina l-binarju, għal din ir-raġuni: ....
....

4 ☐ Irrapporta s-sejbiet lil ....

5 ☐ Struzzjonijiet addizzjonali ....

Awtorizzazzjoni Nru ....

Imla l-vojt fil-linji mmarkati. Aqta' barra test mhux validu fil-parentesi (eżempju km/~~bord/sinjal~~)
Il-linji bil-kaxxi li tkun mmarkajt biss huma validi (☒).

3.1.3. ORDNI MIKTUBA ERTMS 03

Ordni Miktuba ERTMS **03**

OBBLIGU LI JIBQA' WIEQAF

Kaxxa tas-Sinjalar .... Data ...... /...... / .... Ħin .... : ....

Xufier tal-Ferrovija Nru .... f' .... fuq il-binarju ....
(km/bord/sinjal)

1 ☐ Ibqa' wieqaf f' ....
(km/bord/sinjal)

2 ☐ Struzzjonijiet addizzjonali ....
....

Awtorizzazzjoni Nru ....

Imla l-vojt fil-linji mmarkati. Aqta' barra test mhux valid fil-parentesi (eżempju km/~~bord~~/~~sinjal~~)
Il-linji bil-kaxxi li mmarkajt biss huma validi (☒).

3.1.4. ORDNI MIKTUBA ERTMS 04

Ordni Miktuba ERTMS **04**

PERMESS GĦAT-TQABBID MILL-ĠDID WARA ORDNI LI JIBQA' WIEQAF

Kaxxa tas-Sinjalar .... Data ...... /...... / .... Ħin .... : ....

Xufier tal-Ferrovija Nru .... f' .... fuq il-binarju................
(km/bord/sinjal)

1 ☐ Awtorizzat li jerġa'jqabbad

2 ☐ Struzzjonijiet addizzjonali ....
....

Awtorizzazzjoni Nru ....

Imla l-vojt fil-linji mmarkati. Aqta' barra test mhux validu fil-parentesi (eżempju km/~~bord/sinjal~~)
Il-linji bil-kaxxi li mmarkajt biss huma validi (☒).

3.1.5. ORDNI MIKTUBA ERTMS 05

Ordni Miktuba ERTMS **05**

OBBLIGU TAL-MIXI B'RESTRIZZJONIJIET

Kaxxa tas-Sinjalar .... Data ...... /...... /....... Ħin .... : ....

Xufier tal-Ferrovija Nru .... f' .... fuq il-binarju ....
(km/bord/sinjal)

1 ☐ Jimxi bil-vista minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

2 ☐ Jimxi b'veloċità massima ta'................. km/h minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

u .... km/h minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

u .... km/h minn .... sa ....
(km/bord/sinjal) (km/bord/sinjal)

3 ☐ Jeżamina l-binarju, għal din ir-raġuni ....

....

4 ☐ Jirraporta s-sejbiet lil ....

5 ☐ Struzzjonijiet addizzjonali ....

....

Awtorizzazzjoni Nru ....

Imla l-vojt fil-linji mmarkati. Aqta' barra test mhux validu fil-parentesi (eżempju km/~~bord/sinjal~~)
Il-linji bil-kaxxi li mmarkajt biss huma validi (☒).

3.1.6. ORDNI MIKTUBA ERTMS 06

Ordni Miktuba ERTMS **06**

PERMESS LI JIĠI INJORAT IN-NUQQAS TA' ADATTEZZA TAR-ROTTA

Kaxxa tas-Sinjaliar .... **Data ...... /...... / ....** **Ħin .... : ....**

Xufier tal-Ferrovija Nru .... f' .... fuq il-binarju ....
(km/bord/sinjal)

1 ☐ Injora n-nuqqas ta' adattament tar-rotta

2 ☐ Struzzjonijiet addizzjonali ....
....

Awtorizzazzjoni Nru ....

Imla l-vojt fil-linji mmarkati. Aqta' barra test mhux validu fil-parentesi (eżempju km/~~bord/sinjal~~)
Il-linji bil-kaxxi li mmarkajt biss huma validi (☒).

3.1.7. MESSAĠĠI ERTMS BIL-MIKTUB

Messaġġ fiss li għandu jintwera	Messaġġ li jixgħel	Referenzi
Ack UN	X	SRS: 4.6.3., 4.7.2., 5.4.3.7.3.
Ack OS	X	SRS: 4.6.3., 4.7.2., 5.9.1.2., 5.9.2.3., 5.9.2.4., 5.9.3.2., 5.9.3.4., 5.9.3.5., 5.9.3.6.
Ack SH	X	SRS: 4.4.8.1.9., 4.6.3., 5.7.1.4., 5.7.2.3., 5.7.2.4., 5.7.3.2., 5.7.3.3., 5.7.3.4., 5.7.3.5.
Ack SR	X	SRS: 4.7.2.
Ack RV	X	SRS: 5.13.1.4.
Ack STM …	X	SRS: 4.4.16., 4.4.17.
Vjaġġ ferrovjarju Ack	X	SRS: 3.14.1., 4.4.13.1.4., 4.4.14.1.1., 4.6.3., 4.7.2., 5.11.1.1.
Tranżizzjoni Ack sal-livell ………….…	X	SRS: 4.7.2., 5.10.4.1., 5.10.4.3., 5.10.4.4.
Sessjoni tal-komunikazzjoni terminata		SRS: 3.5.5., 5.15.4.
L-ebda konnessjoni tar-radju mal-RBC		SRS: 3.5.3.7.
Rotta mhux adattata		SRS 3.12.2.4.
SF minħabba x		SRS: 4.4.5.
SH miċħud		SRS 5.6.3., 4.7.2.
SH mogħti iżda mhux irċevut		SRS 5.6.4.1.1.
Tranżizzjoni għal-livell ……………..…		SRS: 4.7.2., 5.10.4.1., 5.10.4.3., 5.10.4.4.
Stennija għall-SH		SRS: 5.6.3., 4.7.2.

Messaġġ bil-miktub li għandu jiġi kkonfermat:

Messaġġ fiss li għandu jintwera	Messaġġ li jixgħel	Referenzi
Falliment tal-LTM		SRS:
Falliment tal-Euroradio		SRS:

3.2. *SITWAZZJONIJIET — REGOLI*

Intenzjonalment vojt.

4. **KATEGORIJI TAL-FERROVIJA ERTMS**

4.1. *AMBITU U SKOP*

Dan id-dokument jiddefinixxi l-kategoriji Ferrovjarji ERTMS.

4.2. *DEFINIZZJONI*

Il-kategorija ERTMS tal-ferrovija tiddependi fuq it-tip ta' vetturi ferrovjarji u fuq il-karatteristiċi ambjentali. Din tiġi individwalizzata b'simbolu ta' żewġ ittri.

Is-simboli huma dawn:

— BT għal ferrovija bażika,

— AT għal ferrovija attiva li tmil,

— PT għal ferrovija passiva li tmil,

— CW għal ferrovija sensittiva għar-riħ trażversali.

Ferrovija ERTMS hi definita:

— b'simbolu wieħed biss li jirreferi għall-vetturi ferrovjarji,

— jew bil-kombinazzjoni ta' wieħed mis-simboli li jirreferi għall-vetturi ferrovjarji mas-simbolu tal-karatteristiċi ambjentali.

5. **TĦEJJIJA TA' FERROVIJA BĦALA MOVIMENT F'TANDEM**

5.1. *SITWAZZJONIJIET*

Intenzjonalment vojt.

5.2. *REGOLI*

Intenzjonalment vojt.

6. **BIDU FUQ BINARJU TAL-BIDU**

6.1. *SITWAZZJONIJIET*

Ix-xufier se jibda missjoni u l-unità tal-ġbdi qegħda f'SB.

6.2. *REGOLI*

Meta mitlub mis-sistema abbord, ix-xufier għandu:

— idaħħal, jerġa' jdaħħal jew jikkonferma mill-ġdid l-ID tax-Xufier u n-numru tas-serje tal-ferrovija,

— jagħżel il-livell ERTMS/ETCS korrispondenti skont ir-regoli nazzjonali.

6.2.1. L-UNITÀ TAL-ĠIBDA GĦANDHA TIMXI BĦALA FERROVIJA

Ix-xufier għandu:

— idaħħal id-dejta tal-ferrovija (regola "Tidħil tad-dejta"),

— jagħżel "Ibda".

6.2.1.1. ***Fil-livell 0***

Is-sistema titlob rikonoxximent għal UN.

Dan il-messaġġ jintwera fuq id-DMI:

"Ack UN".

Ix-xufier għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjoni murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

6.2.1.2. ***Fil-livell 1***

Is-sistema titlob rikonoxximent għal SR.

Dan il-messaġġ jintwera fuq id-DMI:

"Ack SR".

Ix-xufier għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjoni murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

6.2.1.3. ***Fil-livell 2***

Intenzjonalment vojt.

6.2.1.4. ***Fil-livell STM***

Is-sistema titlob rikonoxximent għal STM.

Dan il-messaġġ jintwera fuq id-DMI:

"Ack STM …".

Ix-xufier għandu japplika r-regoli nazzjonali.

6.2.2. L-UNITÀ TAL-ĠBID GĦANDHA TIMXI F'SH

Ix-xufier għandu jipprepara għaċ-ċaqliq (regola "Twettiq ta' movimenti taċ-ċaqliq fl-SH").

6.2.3. L-UNITÀ TAL-ĠBID GĦANDHA TIMXI F'NL

Ix-xufier għandu jipprepara għal moviment f'tandem (regola "Tħejjija ta' ferrovija bħala moviment f'tandem").

7. IT-TMIEM TA' FERROVIJA BĦALA MOVIMENT F'TANDEM

7.1. *SITWAZZJONIJIET*

Intenzjonalment vojt.

7.2. *REGOLI*

Intenzjonalment vojt.

8. TWETTIQ TA' MOVIMENTI TA' ĊAQLIQ FL-SH

8.1. *SITWAZZJONIJIET*

Il-vetturi ferrovjarji għandhom jitmexxew fl-SH

8.2. *REGOLI*

8.2.1. TIDĦIL MANWALI FL-SH

Qabel ma jawtorizza lix-xufier biex jagħżel l-SL, il-persuna li tagħti s-sinjal għandha:

— tivverifika li l-kundizzjonijiet kollha għaċ-ċaqliq jintlaħqu skont ir-regoli nazzjonali,

— tagħti l-informazzjoni meħtieġa lix-xufier dwar il-movimenti li għandhom isiru.

Ix-xufier jagħżel l-SH biss meta jkun irċieva l-permess mill-persuna li tagħti s-sinjal.

Ix-xufier għandu jagħżel l-SH biss meta l-ferrovija tkun wieqfa.

Fil-Livell 2, il-messaġġ jintwera fuq id-DMI:

"L-istennija għall-SH"

8.2.1.1. ***Il-permess għaċ-ċaqliq jingħata***

Is-sistema abbord taqleb għall-SH.

Ix-xufier għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjoni murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar") u għandu japplika r-regoli nazzjonali.

8.2.1.2. ***Il-permess għaċ-ċaqliq jiġi rifjutat jew l-ebda tweġibiet għal ċaqliq ma ġew irċevuti fil-livell 2***

Meta l-messaġġ jintwera fuq id-DMI:

"SH irrifjutat",

jew

"SH mogħti iżda mhux irċevut",

jew

"Sessjoni ta' komunikazzjoni mwaqqfa",

ix-xufier għandu jikkuntattja lill-persuna li tagħti s-sinjali.

Ix-xufier u l-persuna li tagħti s-sinjali għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

8.2.2. DĦUL AWTOMATIKU FL-SH

Ix-xufier għandu jirrikonoxxi l-messaġġ:

"Ack SH".

Ix-xufier għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjoni murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar") u japplika r-regoli nazzjonali.

8.2.3. ĦRUĠ MILL-SH

Meta l-moviment taċ-ċaqliq ikun wieqaf u l-movimenti kollha taċ-ċaqliq imwettqa fl-SH ikunu tlestew, ix-xufier joħroġ mill-SH u jinforma lill-persuna li tagħti s-sinjali.

9. DĦUL TAD-DEJTA

9.1. *SITWAZZJONIJIET*

Id-dħul tad-dejta hu meħtieġ għat-tħejjija ta' ferrovija għas-servizz:

— mal-bidu,

— wara kull każ li d-dejta tkun ġiet modifikata; dawn il-modifiki jistgħu jkunu konsegwenza ta', pereżempju:

  — modifika tal-ferrovija skont id-dokumenti tal-organizzazzjoni tat-trasport,

  — falliment li jaffettwa l-karatteristiċi tal-vetturi ferrovjarji,

  — assistenza mogħtija lil ferrovija.

9.2. *REGOLI*

Qabel it-tluq inizjali, il-persuna li tħejji l-ferrovija għandha tivverifika l-konformità tal-ferrovija mal-kategorija ERTMS tagħha u x-xufier għandu jivverifika li d-dejta tal-ferrovija tkun disponibbli.

Qabel it-tluq inizjali, ix-xufier għandu jivverifika d-disponibbiltà tad-dejta tal-ferrovija u jikseb għarfien tad-dejta. L-istess jgħodd għal meta jinbidel ix-xufier.

9.2.1. TIDĦIL TAD-DEJTA

A. **Każ ġenerali**

Biex titwettaq il-missjoni, min iħejji l-ferrovija għandu jdaħħal u/jew jikkonferma dawn is-settijiet ta' dejta:

— dejta tal-ferrovija,

— dejta addizzjonali.

Dejta tal-ferrovija tirreferi għall-karatteristiċi tal-vetturi ferrovjarji u tinkludi:

— in-numru tas-serje tal-ferrovija,

— il-veloċità massima tal-ferrovija,

— il-kategorija tal-ferrovija ERTMS,

— it-tul tal-ferrovija,

— id-dejta tad-deċellerazzjoni,

— il-provvista tal-elettriku,

— il-gejġ tat-tagħbija,

— it-tagħbija tal-fus,

— ferrovija mgħammra b'sistema li minnha ma tgħaddix arja,

— lista ta' STM disponibbli.

Dejta addizzjonali tirreferi għal parametri oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex titwettaq il-missjoni u tinkludi:

— l-ID tax-Xufier,

— il-Livell ERTMS/ETCS,

— in-numru tal-identifikazzjoni RBC/tat-telefown,

— il-fattur tal-adeżjoni,

— u, jekk meħtieġ mill-vjaġġ, l-STM li għandu jiġi attiviat inkluża dejta STM addizzjonali.

B. **Każ ta' moviment f'tandem**

(li għandu jitlesta)

9.2.1.1. ***Sett ferrovjarju***

Fil-każ ta' sett ferrovjarju, qabel il-konferma tad-dejta default, min iħejji l-ferrovija għandu jaċċeeta li l-kundizzjonijiet tekniċi tal-vetturi ferrovjarji jippermettu l-użu ta' dejta diġà maħżuna.

Għal sett ferrovjarju, min iħejji l-ferrovija għandu jivverifika l-istat tat-tagħmir tal-vetturi ferrovjarji li jista' jkollhom impatt fuq id-dejta tal-ferrovija:

— wara t-tħejjija tal-ferrovija fl-istazzjon tat-tluq,

— wara kull każ il-kompożizzjoni tal-ferrovija tiġi modifikata (fi stazzjon jew band'oħra),

— wara problema teknika li twassal għall-modifika tad-dejta.

Jekk ma jkunx hemm restrizzjonijiet speċifiċi, min iħejji l-ferrovija għandu jivvalida d-dejta kollha murija fuq id-DMI.

Jekk ikun hemm restrizzjonijiet speċifiċi, minn iħejji l-ferrovija għandu:

— jiddetermina d-dejta l-ġdida skont dokument tekniku,

— jikkoreġi din id-dejta,

— jivvalida d-dejta l-ġdida.

9.2.1.2. ***Ferroviji oħra***

Biex tiddaħħal id-dejta tal-ferrovija, min iħejji l-ferrovija għandu juża l-formola tad-dejta tal-ferrovija.

9.2.2. BIDLIET FID-DEJTA

Jekk tintalab bidla fid-dejta waqt il-vjaġġ, ix-xufier għandu jqis id-dejta l-ġdida.

Jekk il-fattur tal-adeżjoni għandu jinbidel, japplikaw ir-regoli nazzjonali.

9.2.2.1. ***Sett ferrovjarju***

Ix-xufier għandu:

— jiddetermina d-dejta l-ġdida skont dokument tekniku,

— jivverifika l-konformità tal-ferrovija mal-kategorija ERTMS tagħha,

— jikkoreġi din id-dejta,

— jivvalida d-dejta l-ġdida.

Għandu jagħmel l-istess għal kull dejta li għandha tinbidel jekk dan ikun meħtieġ.

9.2.2.2. ***Ferroviji oħra***

Min iħejji l-ferrovija għandu jemenda l-formola tad-dejta jew għandu jipproduċi waħda ġdida kull darba li l-karatteristiċi tal-ferrovija jiġu modifikati. Jekk ma jkunx hemm persuna li tħejji l-ferrovija, ix-xufier għandu jaġġorna l-formola tad-dejta tal-ferrovija.

Biex tiddaħħal dejta tal-ferrovija ġdida, ix-xufier għandu:

— juża l-formola ġdida tad-dejta tal-ferrovija,

— jikkoreġi d-dejta,

— jivvalida d-dejta l-ġdida.

10. TLUQ TAL-FERROVIJA

10.1. *SITWAZZJONIJIET*

Il-ferrovija se titlaq fl-istazzjon inizjali jew wara waqfa skedata.

10.2. *REGOLI*

Ix-xufier hu permess li jitlaq wara:

— li jkun irċieva awtorizzazzjoni għall-moviment tal-ferrovija,

— li l-kundizzjonijiet tas-servizz tal-ferrovija jkunu ntlaħqu skont ir-regoli nazzjonali.

Ix-xufier għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjoni murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

Ix-xufier għandu javża lill-persuna li tagħti s-sinjali jekk fiż-żmien tat-tluq, il-ferrovija ma tkunx irċeviet awtorizzazzjoni għall-moviment tal-ferrovija.

11. REAZZJONI BĦALA FUNZJONI TA' DMI/STRUZZJONI TAS-SISTEMA TAS-SINJALAR

11.1. *PREŻENTAZZJONI TAD-DMI*

Is-sitwazzjonijiet differenti huma preżentati f'kull paragrafu tat-Taqsima 2, skont l-informazzjoni DMI.

11.1.1. INDIKAZZJONIJIET VIŻIVI



(Dan hu eżempju tal-indikazzjonijiet viżivi).

11.1.2. INDIKAZZJONIJIET LI JINSTEMGĦU

L-informazzjoni li tinstema' hi meqjusa bħala informazzjoni kumplementari.

L-informazzjoni li tinstema' tingħata biex tinġibed l-attenzjoni tax-xufier għal informazzjoni ġdida preżentata b'mod viżiv fuq id-DMI.

Ħsejjes elementari:

Baxx qasir	**o**
Għoli fit-tul	#

11.2. *REGOLI*

11.2.1. PREĊEDENZA TA' INDIKAZZJONIJIET DMI/ORDNIJIET MIKTUBA

Ix-xufier għandu jobdi l-indikazzjonijiet provduti fuq id-DMI. Dawn l-indikazzjonijiet jieħu preċedenza fuq l-indikazzjonijiet rilevanti kollha ma' ġenb il-binarji minbarra kwalunkwe indikazzjonijiet ta' periklu kif speċifikati fir-regoli nazzjonali.

L-ordnijiet bil-miktub jieħdu preċedenza fuq l-indikazzjonijiet kollha provduti mid-DMI ħlief meta tintwera veloċità permessa iżjed baxxa jew veloċità tar-rilaxx iżjed baxxa.

11.2.2. INDIKAZZJONIJIET DMI

Meta jintwerew din l-ikona/dan il-messaġġ bil-miktub	Isem	Appoġġjat mill-ħsejjes	Sitwazzjoni	Ix-xufier għandu:
	livell 0	oo		— japplika r-regoli nazzjonali.
	livell 1	oo		— japplika r-regoli fil-livell 1.
	livell 2	oo		— japplika r-regoli fil-livell 2.
Tranżizzjoni għal-livell …		oo		— jibda japplika r-regoli tal-livell … fil-punt tat-tranżizzjoni.
Tranżizzjoni ack għal-livell (ifflaxxjar)		oo		— jirrikonoxxi l-messaġġ bil-miktub, — fil-livell 0 u fil-livell STM japplika r-regoli nazzjonali.
Ack STM (ifflaxxjar)		oo		— jirrikonoxxi l-messaġġ bil-miktub, — japplika r-regoli nazzjonali.
Ack UN (ifflaxxjar)		oo		— jirrikonoxxi l-messaġġ bil-miktub.
	UN	oo		— japplika r-regoli nazzjonali.
(griż ċar)	FS			— ma jaqbiżx il-veloċità permessa indikata, — jirrispetta l-veloċità fil-mira indikata fid-distanza prevista.
Ack OS (ifflaxxjar)		oo		— jirrikonoxxi l-messaġġ bil-miktub, — u jibda jew ikompli jimxi bil-vista.
(griż ċar)	OS	oo		— jibda jew ikompli jimxi bil-vista sakemm tibqa' tidher l-ikona OS, — ma jaqbiżx il-veloċità massima għal OS, — fil-livell 1 jivverifika l-aspett tas-sinjal ma' ġenb il-binarju, jipproċedi quddiem sinjal tal-proċediment u jkompli jimxi bil-vista

Meta jintwerew din l-ikona/dan il-messaġġ bil-miktub	Isem	Appoġġjat mill-ħsejjes	Sitwaz-zjoni	Ix-xufier għandu:
Ack SR (ifflaxxjar)		o o		— l-ewwel — fil-livell 1 jirċievi l-permess għall-moviment tal-ferrovija, — fil-livell 2, jirċievi mill-persuna li tagħti s-sinjali: — il-permess li jibda fl-SR jew biex jinqabeż EOA permess ta' Ordni bil-Miktub ERTMS 01 jew, — il-permess li jipproċedi wara l-vjaġġ bil-ferrovija permezz tal-Ordni bil-Miktub ERTMS 02, — ivverifika l-iżjed limitu baxx tal-veloċità ta': — orarju/ktieb tar-rotta, — ordni bil-miktub, — veloċità massima għal SR, — imbagħad jirrikonoxxi l-messaġġ bil-miktub, — u jħejji għat-tluq (regola "Tluq tal-ferrovija").
 (griż ċar)	SR			— jimxi bil-vista, sakemm ordni bil-miktub tgħid li ma jkunx meħtieġ il-mixi bil-vista, — ma jaqbiżx il-limitu tal-iżjed veloċità baxxa ta': — orarju/ktieb tar-rotta, — ordni bil-miktub, — veloċità massima għal SR, — fil-livell 1, jivverifika l-aspett tas-sinjal ma' ġenb il-binarji: a) iwaqqaf il-ferrovija quddiem sinjal ta' waqfien, b) u jipproċedi quddiem sinjal ta' proċediment u jkompli miexi bil-vista, — fil-livell 2 jieqaf fil-bord markatur li jmiss, jikkuntattja l-persuna li tagħti s-sinjali u jsegwi l-istruzzjonijiet tiegħu jekk il-ferrovija tilħaq dan il-punt fl-SR.
Ack SH (ifflaxxjar)		o o		— l-ewwel ikun ċert li jkollu għarfien dwar il-moviment li jkollu jwettaq, — imbagħad jirrikonoxxi l-messaġġ bil-miktub.
 (griż ċar)	SH			— japplika r-regoli nazzjonali.taċ-ċaqliq.
Vjaġġ tal-ferrovija ack (ifflaxxjar)		o o		— jieħu l-miżuri b'reazzjoni għal vjaġġ tal-ferrovija (regola "Teħid ta' miżuri b'reazzjoni għal vjaġġa tal-ferrovija").
Ack RV		o o		— jirrikonoxxi l-messaġġ bil-miktub.
	RV			— jibda l-propulsjoni tal-emerġenza, — ma jaqbiżx il-veloċità massima għal RV, — u jirrispetta d-distanza fil-mira.

Meta jintwerew din l-ikona/dan il-messaġġ bil-miktub	Isem	Appoġġjat mill-ħsejjes	Sitwaz-zjoni	Ix-xufier għandu:
(oranġjo)	Pantografi iżjed baxxi	o o		— ibaxxi l-pantrografi.
(isfar)	Tlugħ tal-pantografi	o o		— josserva li hu awtorizzat biex jgħolli l-pantografi.
(isfar)+Indikazzjoni tas-sistema attwali bħala messaġġ bil-miktub eż. “1 500 V =”	Tlugħ tal-pantografi mal-indikazzjoni tal-vultaġġ	o o		— josserva li hu awtorizzat biex jgħolli l-pantografi wara li tkun intgħażlet is-sistema attwali mħabbra.
(griż)	Taqsima newtrali	o o		— jitfi l-iswiċċ ewlieni tal-elettriku.
(isfar)	Taqsima newtrali	o o		— iżomm l-iswiċċ ewlieni tal-elettriku mitfi.
(isfar)	Kontroll li ma jwaqqafx	o o		— jevita li jieqaf.

11.2.3. INTERVENT TAL-BREJK F’KAŻ LI JINQABEŻ IL-LIMITU TAL-VELOĊITÀ

11.2.3.1. ***Sitwazzjoni***

L-ETCS qed jibbrejkja għax il-ferrovija qabżet il-limitu tal-veloċità.

Jekk l-intervent jista’ jiġi rilaxxat, is-simbolu għandu jibda jixgħel fil-mument malli l-intervent jista’ jitwaqqaf b’mod sigur.

11.2.3.2. ***Regoli***

Meta tintwera din l-istampa	Appoġġjata bil-ħoss	Ix-xufier hu permess li:
1. Il-ferrovija taqbeż il-limitu tal-veloċità f'dan l-eżempju: — Veloċità attwali: 140 km/h, — Veloċità permessa: 110 km/h, Il-brejk tas-servizz ikun intuża.	o # (intermittenti)	
2. Il-veloċità attwali hi daqs jew taħt il-veloċità permessa f'dan l-eżempju: — Veloċità attwali: 104 km/h, — Veloċità permessa: 105 km/h, L-ikona tal-brejk tas-servizz tibda tixgħel.		— jirrilaxxa l-brejk ladarba l-veloċità attwali tal-ferrovija tkun saret inqas mill-veloċità permessa.

11.2.4. VELOĊITÀ TAR-RILAXX

11.2.4.1. ***Sitwazzjoni***

Il-ferrovija qed toqrob lejn l-EOA u tintwera veloċità tar-rilaxx fuq id-DMI.

11.2.4.2. ***Regoli***

Meta tintwera l-istampa li ġejja	Appoġġjat bil-ħsejjes	Ix-xufier:
  f'dan l-eżempju: — Veloċità attwali: 20 km/h; — Veloċità permessa: 50 km/h; — Veloċità tar-rilaxx: 26 km/h. f'dan l-eżempju: — Veloċità attwali: 19 km/h; — Veloċità permessa: 26 km/h; — Kurvatura tal-brejk sal-pożizzjoni fil-mira: 9 km/h; — Veloċità tar-rilaxx: 26 km/h.	o #	— ma għandux jaqbeż il-veloċità permessa indikata, — għandu jnaqqas il-veloċità wara l-indikazzjoni fuq id-DMI, — fil-livell 1 għandu jivverifika l-aspett tas-sinjal ma' ġenb il-binarji: a) iwaqqaf il-ferrovija quddiem sinjal tal-waqfien, b) jipproċedi mingħajr ma jaqbeż il-veloċità tar-rilaxx indikata quddiem sinjal biex ikompli — Fil-livell 2 hu awtorizzat li jaqbeż l-EOA sabiex jieqaf quddiem bord markatur jew waqfa tal-ilqugħ.

12. **PRINĊIPJI ĠENERALI GĦAL-LIVELL 1**

12.1. *AMBITU U SKOP*

Dan id-dokument jirreferi għall-prinċipji u r-regoli ġenerali li għandhom jiġu applikati fis-sitwazzjonijiet kollha fil-livell 1 u li huma speċifikament meħtieġa minn dak il-livell (mhux komuni ma' livelli oħra).

12.2. *PRINĊIPJI*

Ix-xufier għandu jkun jaf:

— in-naħa tas-sinjali ma' ġenb il-binarji li għandhom jiġu osservati,

— is-sinjali tal-waqfien tas-sinjali ma' ġenb il-binarji li mhuwiex permess li jaqbeż,

— is-sinjali tal-proċediment tas-sinjali ma' ġenb il-binarji li hu permess li jaqbeż. Lista ta' sinjali tal-proċediment għandha tiddisingwixxi sinjali li jistgħu jinqabżu mingħajr restrizzjonijiet minn sinjali li jistgħu jinqabżu b'restrizzjonijiet speċifiċi, skont ir-regoli nazzjonali.

13. **IL-MIXI BIL-VISTA**

13.1. *SITWAZZJONIJIET*

Ix-xufier għandu jimxi bil-vista minn aspett operattiv, ikun xi jkun il-mod tekniku.

13.2. *REGOLI*

Meta xufier irid jimxi bil-vista, ikun obbligat:

— li jipproċedu bil-kawtela, jikkontrolla l-veloċità tiegħu, filwaqt li jqis il-binarju viżibbli bil-quddiem, b'mod li jkun possibbli li jieqaf qabel xi ferrovija, EOA, sinjal ta' waqfien jew ostaklu,

— li ma jaqbiżx il-veloċità massima għall-mixi bil-vista.

14. MANIĠMENT TA' FALLIMENTI FIS-SISTEMA ABBORD

14.1. *SITWAZZJONIJIET*

Jiġi skopert falliment li jaffettwa s-sistema abbord.

14.2. *REGOLI*

14.2.1. FALLIMENT LI JAFFETTWA L-MODULU TAT-TRAŻMISSJONI BL-INGASSI (LTM)

Ix-xufier josserva l-messaġġ bil-miktub fuq id-DMI:

"falliment tal-LTM".

Għandu jikkuntattja lill-persuna li tagħti s-sinjali; ix-xufier u l-persuna li tagħti s-sinjali għandom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

14.2.2. FALLIMENT LI JAFFETTWA L-MODULU TAT-TRAŻMISSJONI BIL-BALISE (BTM)

Ix-xufier għandu jiżola s-sistema abbord u javża lill-persuna li tagħti s-sinjali; ix-xufier u l-persuna li tagħti s-sinjali għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

14.2.3. FALLIMENT LI JAFFETTWA L-EURORADIO

Ix-xufier josserva l-messaġġ bil-miktub fuq id-DMI:

"falliment tal-Euroradio".

a) Waqt it-tħejjija tal-unità tal-ġbid

Fil-livell 2, ix-xufier għandu jitlob li tinbidel l-unità tal-ġbid.

— Jekk l-unità tal-ġbid għandha titressaq, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tawtorizza lix-xufier li jaqbeż l-EOA (regola "Qbiż Awtorizzat tal-EOA").

— Jekk l-unità tal-ġbid ma għandhiex titressaq, ix-xufier għandu jitfi s-sistema abbord.

Fil-livelli l-oħra kollha, ix-xufier għandu javża lill-persuna li tagħti s-sinjali; ix-xufier u l-persuna li tagħti s-sinjali għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

b) Waqt il-mixi

Fil-livell 1 bil-funzjoni tal-infill bir-radju, ix-xufier għandu javża lill-persuna li tagħti s-sinjali. Ix-xufier u l-persuna li tagħti s-sinjali għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

Fil-livell 2, ix-xufier għandu jieħu l-miżuri f'każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni bir-radju (regola "Maniġment ta' nuqqas ta' komunikazzjoni bir-radju").

14.2.4. FALLIMENT LI JAFFETTWA D-DMI

a) Waqt it-tħejjija tal-unità tal-ġbid

Ix-xufier għandu jitlob li tinbidel l-unità tal-ġbid.

Jekk l-unità tal-ġbid għandha titressaq, ix-xufier għandu javża lil min jagħti s-sinjali; ix-xufier u l-persuna li jagħtu s-sinjali għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

Jekk l-unità tal-ġbid ma għandhiex titressaq, ix-xufier għandu jitfi s-sistema abbord.

b) Waqt il-mixi

Meta d-dejta tad-DMI ma tkunx tista' tintwera, ix-xufier għandu jwaqqaf il-ferrovija u javża lill-persuna li tagħti s-sinjali; ix-xufier u l-persuna li tagħti s-sinjali għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

14.2.5. FALLIMENTI OĦRA

Ix-xufier josserva l-messaġġ bil-miktub fuq id-DMI:

"SF minħabba x".

a) Waqt it-tħejjija tal-unità tal-ġbid

Ix-xufier għandu jitlob li tinbidel l-unità tal-ġbid.

Jekk l-unità tal-ġbid għandha titressaq, ix-xufier għandu jiżola s-sistema abbord u javża lill-persuna li tagħti s-sinjali; ix-xufier u l-persuna li tagħti s-sinjali għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

Jekk l-unità tal-ġbid ma għandhiex titressaq, ix-xufier għandu jitfi s-sistema abbord.

b) Waqt il-mixi

Wara li jieqaf, ix-xufier għandu jiżola s-sistema abbord u javża lill-persuna li tagħti s-sinjali; ix-xufier u l-persuna li tagħti s-sinjali għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

15. TQABBID BARRA BINARJU TAT-TQABBID

15.1. *SITWAZZJONIJIET*

Ix-xufier għandu jqabbad il-ferrovija u l-unità tal-ġbid tkun f'SB.

15.2. *REGOLI*

Meta mitlub mis-sistema abbord, ix-xufier għandu:

— idaħħal, idaħħal mill-ġdid jew jagħmel rivalidazzjoni tal-ID tax-Xufier u n-numru tas-serje tal-ferrovija,

— jagħżel il-livell ERTMS/ETCS korrispondenti skont ir-regoli nazzjonali,

— idaħħal, idaħħal mill-ġdid jew jagħmel rivalidazzjoni tan-numru tal-RBC-ID u/jew tat-telefown skont ir-regoli nazzjonali.

15.2.1. L-UNITÀ TAL-ĠBID GĦANDHA TIMXI BĦALA FERROVIJA

Ix-xufier għandu:

— idaħħal id-dejta tal-ferrovija (regola "Tidħil tad-dejta").

— jagħżel "Ibda".

15.2.1.1. ***Fil-livell 0***

Is-sistema titlob rikonoxximent għal UN.

Dan il-messaġġ jintwera fuq id-DMI:

"Ack UN".

Ix-xufier għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjoni murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

15.2.1.2. ***Fil-livell 1***

Is-sistema tirrikjedi rikonoxximent għal SR.

Dan il-messaġġ jintwera fuq id-DMI:

"Ack SR".

Ix-xufier għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjoni murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

15.2.1.3. ***Fil-livell 2***

Meta jintwera dan il-messaġġ fuq id-DMI:

"L-ebda konnessjoni tar-radju mal-RBC",

ix-xufier għandu jivverifika l-RBC ID u n-numru tat-telefown u jikkoreġihom jekk ikun meħtieġ.

a) **Il-komunikazzjoni tar-radju ġiet stabbilita**

a1) *Is-sistema toħroġ MA:*

Ix-xufier għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjoni murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

a2) *Is-sistema titlob rikonoxximent għal SR:*

Jintwera dan il-messaġġ fuq id-DMI:

"Ack SR".

Qabel ir-rikonoxximent tal-messaġġ, ix-xufier għandu:

— jirċievi l-permess li jibda fl-SR mill-persuna li tagħti s-sinjali permezz tal-Ordni Miktuba ERTMS 01,

— jivverika li l-ordni bil-miktub tirreferi għall-ferrovija tiegħu u l-pożizzjoni attwali tagħha.

Qabel ma jawtorizza lil xufier li jibda fl-SR, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tirċievi dawn l-assigurazzjonijiet għall-parti tal-binarju mill-bord markatur li għandu jinqabeż sa dak li jmiss:

— jivverifika jekk il-kundizzjonijiet kollha għar-rotta jintlaħqu skont ir-regoli nazzjonali,

— jivverifika l-limitazzjonijiet tal-veloċità inqas mill-veloċità massima għal SR u jinkludihom fl-Ordni Miktuba ERTMS 01,

— jivverifika jekk ikunux meħtieġa restrizzjonijiet u/jew struzzjonijiet oħra u jinkludihom fl-Ordni Miktuba ERTMS 01.

Il-persuna li tagħti s-sinjali għandha toħroġ l-Ordni Miktuba ERTMS 01.

Ix-xufier għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjoni murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

Meta l-ferrovija ma tkunx viċin l-ewwel bord markatur li għandha tilħaq il-ferrovija, ix-xufier għandu jieqaf quddiem dan il-bord markatur biex jaċċerta li l-ordni bil-miktub tirreferi għalih.

b) **Il-komunikazzjoni bir-radju ma ġietx stabbilita.**

Jekk il-komunikazzjoni mal-RBC ma tistax terġa' tiġi stabbilita u l-ferrovija għandha titressaq, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tawtorizza lix-xufier biex jaqbeż l-EOA (regola "Qbiż Awtorizzat ta' EOA"). F'dan il-każ partikolari, il-persuna li tagħti s-sinjali ma tkunx permessa li teżenta lix-xufier milli jagħmel jimxi bil-vista fl-SR.

15.2.1.4. ***Fil-livell STM***

Is-sistema titlob rikonoxximent għal STM …

Dan il-messaġġ jintwera fuq id-DMI:

"Ack STM …".

Ix-xufier għandu japplika r-regoli nazzjonali.

15.2.2. L-UNITÀ TAL-ĠBID GĦANDHA TIMXI F'SH

Ix-xufier għandu jħejji għal ċaqliq (regola "Twettiq ta' movimenti taċ-ċaqliq fl-SH").

15.2.3. L-UNITÀ TAL-ĠIBDA GĦANDHA TIMXI F'NL

Ix-xufier għandu jħejji għal moviment tandem (regola "Tħejjija ta' ferrovija bħala moviment f'tandem").

16. TĦEJJIJA TA' FERROVIJA BĦALA MOVIMENT F'TANDEM GĦALL-ASSISTENZA

16.1. *SITWAZZJONIJIET*

Il-magna mhux ewlenija u l-ferrovija jkunu diġà gganċjati u t-tagħmir ERTMS-ETCS abbord tal-magna mhux ewlenija jkun lest li jaqleb għal SB.

16.2. *REGOLI*

Intenzjonalment vojt.

17. TMIEM TA' FERROVIJA WARA L-ASSISTENZA

17.1. *SITWAZZJONIJIET*

Unità tal-ġbid servili għandha titneħħa mill-ferrovija.

17.2. *REGOLI*

Intenzjonalment vojt.

18. QBIŻ TA' PUNT TAT-TRANŻIZZJONI F'SITWAZZJONIJIET DEGRADATI MIL-LIVELL 1 SAL-LIVELL 2 U MIL-LIVELL 2 SAL-LIVELL 1

18.1. *SITWAZZJONIJIET*

Il-komunikazzjoni bir-radju ma tistax tiġi stabbilita meta tidħol f'żona tal-livell 2.

Ma seħħx tranżizzjoni meta jinqabeż il-punt tat-tranżizzjoni.

18.2. *REGOLI*

18.2.1. IL-KOMUNIKAZZJONI BIR-RADJU MA TISTAX TIĠI STABBILITA

Meta jintwera dan il-messaġġ fuq id-DMI:

"L-ebda konnessjoni bir-radju mal-RBC",

ix-xufier għandu jivverifika l-RBC ID u n-numru tat-telefown u jikkoreġihom jekk meħieġ.

Jekk il-komunikazzjoni mal-RBC ma tkunx tista tiġi stabbilita u l-ferrovija għandha titressaq, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tawtorizza lix-xufier biex jaqbeż l-EOA (regola "Qbiż Awtorizzat ta' EOA").

18.2.2. IT-TRANŻIZZJONI MA SSEĦĦX META JSIR IL-QBIŻ TAL-PUNT TAT-TRANŻIZZJONI

18.2.2.1. ***Jekk il-ferrovija tkun ġiet ittrippjata***

Ix-xufier u l-persuna li tagħti s-sinjali għandhom jieħdu l-miżuri b'reazzjoni għal vjaġġ tal-ferrovija (regola "Teħid ta' miżuri b'reazzjoni għal vjaġġ ferrovjarju").

Meta wieqaf, ix-xufier għandu:

— jivverifika l-livell korrett li għandu jingħażel,

— ibiddel il-livell,

— iqabbad mill-ġdid skont l-indikazzjonijiet murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar"):

18.2.2.2. ***Jekk f'SR***

Ix-xufier għandu:

— iwaqqaf il-ferrovija,

— japplika 2.2.3.

18.2.2.3. ***Fil-każijiet l-oħra kollha***

Ix-xufier għandu:

— jinforma lill-persuna li tagħti s-sinjali,

— meta jkun wieqaf, jivverifika l-livell korrett li għandu jagħżel,

— ibiddel il-livell,

— iqabbad mill-ġdid skont l-indikazzjonijiet murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

19. **MANIĠMENT TA' RESTRIZZJONIJIET TAL-VELOĊITÀ TEMPORANJI MHUX IPPJANATI**

19.1. *SITWAZZJONIJIET*

Restrizzjoni tal-veloċità temporanja mhux ippjanata għandha tiġi mmaniġġjata.

19.2. *REGOLI*

Meta l-persuna li tagħti s-sinjali tirċievi informazzjoni li tkun tenħtieġ restrizzjoni tal-veloċità temporanja mhux ippjanata, għandha:

— twaqqaf il-ferroviji li diġà jinsabu fis-sezzjoni kkonċernata,

— jimpedixxi li ferroviji oħra jidħlu f'din is-sezzjoni.

Qabel ma tiġi stabbilita rotta biex ferrovija timxi fis-sezzjoni kkonċernata, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tagħti lix-xufier ir-restrizzjoni tal-veloċità temporanja mhux ippjanata:

— għall-ferroviji ttrippjati, il-persuna li tagħti s-sinjali u x-xufier għandhom jieħdu l-miżuri b'reazzjoni ta' vjaġġ ta' ferrovija (regola "Teħid ta' miżuri b'reazzjoni għal vjaġġ tal-ferrovija"), inkluż l-obbligu tal-mixi b'restrizzjonijiet,

— għall-ferroviji l-oħra, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tagħti l-obbligu li jimxu b'restrizzjonijiet lix-xufiera permezz tal-Ordni Miktuba ERTMS 05.

Ix-xufier għandu jirrispetta r-restrizzjoni temporanja tal-veloċità sakemm it-tarf ta' wara tal-ferrovija jkun qabeż it-tmiem tar-restrizzjoni tal-veloċità.

Il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tapplika dawn il-miżuri sakemm ir-restrizzjoni temporanja tal-veloċità tkun ġestita mill-ERTMS.

20. QBIŻ AWTORIZZAT TA' EOA

20.1. *SITWAZZJONIJIET*

Jenħtieġ li xufier jiġi awtorizzat li jaqbeż f'EOA.

20.2. *REGOLI*

Jekk xufier ma jkunx irċieva awtorizzazzjoni għal moviment ferrovjarju fiż-żmien dovut, għandu jikkuntattja lill-persuna li tagħti s-sinjali jekk ma jkollux informazzjoni dwar ir-raġuni.

Sakemm jirċievi permess mill-persuna li tagħti s-sinjali, ix-xufier ma għandux juża l-funzjoni tal-qbiż.

Qabel ma jawtorizza xufier biex jaqbeż EOA permezz tal-Ordni Miktuba ERTMS 01, il-persuna li tagħti s-sinjal għandha:

— tivverifika jekk il-kundizzjonijiet kollha għar-rotta humiex milħuqa skont ir-regoli nazzjonali,

— meta tista' tistabbilixxi skont ir-regoli nazzjonali li l-binarju jkun ħieles, teżenta lix-xufier milli jimxi bil-vista billi żżid fil-parti "Struzzjonijiet Addizzjonali" dawn il-kliem: "hu eżentat mill-mixi bil-vista", fl-SR,

— tivverifika għal limitazzjonijiet tal-veloċità inqas mill-veloċità massima għall-SR u tinkludihom fl-Ordni Miktuba ERTMS 01,

— tivverifika jekk restrizzjonijiet u/jew struzzjonijiet oħra jkunux meħtieġa u tinkludihom fl-Ordni Miktuba ERTMS 01.

Biex jinqabeż l-EOA, ix-xufier għandu:

— jirċievi Ordni bil-Miktub ERTMS 01 mill-persuna li tagħti s-sinjali,

— jivverifika li l-ordni bil-miktub tirreferi għall-ferrovija tiegħu u għall-pożizzjoni attwali tagħha,

— jivverifika l-iżjed limitu tal-veloċità baxx ta':

  — orarju/ktieb tar-rotta,

  — lista ta' restrizzjonijiet temporanji tal-veloċità,

  — ordni bil-miktub,

  — veloċità massima għall-SR,

— juża l-funzjoni tal-qbiż u jsegwi l-istruzzjonijiet mogħtija fl-Ordni Miktuba ERTMS 01,

— jerġa' jqabbad skont l-indikazzjonijiet murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni ta' DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

21. MANIĠMENT TA' NUQQAS TA' KOMUNIKAZZJONI BIR-RADJU

21.1. *SITWAZZJONIJIET*

Il-komunikazzjoni bir-radju tintilef f'żona mhux identifikata bħala spazju tar-radju.

21.2. REGOLI

Meta din l-ikona tintwera fuq id-DMI:

(aħmar)

ix-xufier għandu jirrapporta dan lill-persuna li tagħti s-sinjali.

Jekk il-ferrovija jkollha titressaq, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tawtorizza lix-xufier jaqbeż l-EOA (regola "Qbiż Awtorizzat ta' EOA").

22. TEĦID TA' MIŻURI FIL-KAŻ TA' SITWAZZJONI TA' EMERĠENZA

22.1. *SITWAZZJONIJIET*

Isseħħ sitwazzjoni ta' emerġenza.

22.2. *REGOLI*

22.2.1. GĦALL-PROTEZZJONI TAL-FERROVIJI

Meta xufier jiskopri sitwazzjoni ta' emerġenza, għandu jwettaq l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat jew imnaqqas l-effett tas-sitwazzjoni u javża lill-persuna li tagħti s-sinjal mill-aktar fis possibbli.

Ix-xufier għandu japplika r-regoli nazzjonali.

Meta l-persuna li tagħti s-sinjali tiġi nfurmata b'sitwazzjoni ta' emerġenza, għandha minnufih tipproteġi l-ferroviji pperikolati:

— fil-livell 1, billi jiġu applikati r-regoli nazzjonali,

— fil-livell 2, permezz tat-trażmissjoni tal-ordni tal-waqfien ta' emerġenza, l-ordni tal-waqfa tal-emerġenza ma għandhiex tiġi revoktata qabel ma l-ferrovija jkunu lesti biex jerġgħu jitqabbdu.

Il-persuna li tagħti s-sinjali għandha twaqqaf u tavża lill-ferroviji l-oħra kollha quddiem iż-żona ta' periklu.

Il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tavża lix-xufiera kollha kkonċernati mill-aktar fis possibbli.

22.2.2. BIEX JERĠGĦU JITQABBDU L-FERROVIJI

Skont ir-regoli nazzjonali, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tiddeċiedi:

— meta jkun possibbli li jiġi awtorizzat il-moviment tal-ferrovija,

— jekk ikunux meħtieġa struzzjonijiet u/jew restrizzjonijiet għall-moviment tal-ferrovija.

Biex jerġgħu jitqabbdu l-ferroviji li jkunu ġew ittrippjati, il-persuna li tagħti s-sinjali u x-xufier għandhom jieħdu l-miżuri b'reazzjoni għal vjaġġ tal-ferrovija (regola "Teħid ta' miżuri b'reazzjoni għal vjaġġ tal-ferrovija"). Għall-ferroviji fil-livell 2, l-ordni tal-waqfien tal-emerġenza għandha tiġi revokata.

Il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tinkludi l-istruzzjonijiet u/jew ir-restrizzjonijiet meħtieġa għall-moviment tal-ferroviji skont ir-regoli nazzjonali:

— għall-ferroviji ttrippjati fl-Ordni Miktuba ERTMS 02,

— għal ferroviji oħra fl-Ordni Miktuba ERTMS 05,

B'mod partikolari, tista' titlob lix-xufier jeżamina parti mill-binarju.

Ix-xufier għandu jobdi l-ordni miktuba u jirrapporta s-sejbiet tiegħu jekk jintalab meta jkun ikklerja ż-żona affettwata.

22.2.3. GĦALL-PROTEZZJONI U L-BIDU MILL-ĠDID TA' MOVIMENTI TAĊ-ĊAQLIQ

Il-persuna li tagħti s-sinjali u x-xufier għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

23. REVOKA TA' AWTORIZZAZZJONI GĦALL-MOVIMENT TAL-FERROVIJI

23.1. *SITWAZZJONIJIET*

Il-persuna li tagħti s-sinjali tiddeċiedi li tagħmel arranġamenti tat-traffiku ġodda.

23.2. *REGOLI*

23.2.1. FIL-LIVELL 1

Biex tirrevoka awtorizzazzjoni għall-moviment tal-ferrovija, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tapplika r-regoli nazzjonali.

Meta r-regoli nazzjonali jistipulaw li ferrovija għandha tkun wieqfa qabel ma jsiru l-arranġamenti tat-traffiku, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tagħti ordni lix-xufier biex jibqa' f'pożizzjoni wieqfa permezz tal-Ordni Miktuba ERTMS 03.

Għat-tqabbid mill-ġdid, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tawtorizza lix-xufier permezz ta' Ordni Miktuba ERTMS 04.

Ix-xufier għandu jimxi bil-vista sas-sinjal ma' ġenb il-binarji li jkun imiss.

23.2.2. FIL-LIVELL 2

Jekk ikun possibbli, il-persuna li tagħti s-sinjal għandha tirrevoka MA bl-użu tat-tqassir kooperattiv tal-MA.

Fil-każijiet l-oħra kollha, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tapplika r-regoli nazzjonali.

Meta r-regoli nazzjonali jistipulaw li ferrovija għandha tkun wieqfa qabel ma tagħmel l-arranġamenti tat-traffiku, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tordna lix-xufier biex jibqa' wieqaf permezz tal-Ordni Miktuba ERTMS 03.

Għat-tqabbid mill-ġdid, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tawtorizza lix-xufier permezz tal-Ordni Miktuba ERTMS 04.

24. TEĦID TA' MIŻURI B'REAZZJONI GĦALL-VJAĠĠ FERROVJARJU

24.1. *SITWAZZJONIJIET*

Ferrovija jew moviment taċ-ċaqliq jiġu ttrippjati.

24.2. *REGOLI*

Meta jsir trip ix-xufier għandu jassumi li hemm sitwazzjoni perikoluża u għandu jwettaq l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jiġi evitat jew imnaqqas l-effett ta' din is-sitwazzjoni. Dan jista' jinkludi li l-ferrovija titressaq lura skont ir-regoli nazzjonali.

Sabiex il-ferrovija titressaq lura, ix-xufier għandu jirrikonoxxi l-messaġġ tat-test "ACK TRAIN TRIP" u jirrilaxxa l-brejk tal-emerġenza.

Wara li l-ferrovija titressaq lura malli tkun wieqfa, ix-xufier għandu jikkuntattja lill-persuna li tagħti s-sinjali u javżaha bis-sitwazzjoni.

Fil-każijiet l-oħra kollha, meta l-ferrovija tkun wieqfa, ix-xufier għandu josserva l-messaġġ bil-miktub fuq id-DMI:

"Vjaġġ tal-ferrovija Ack",

għandu jirrikonoxxi l-vjaġġ tal-ferrovija u jikkuntattja l-persuna li tagħti s-sinjali.

Ix-xufier ma għandux jerġa' jqabbad wara li l-vjaġġ ikun seħħ mingħajr il-permess mill-persuna li tagħti s-sinjali.

Qabel ma jagħti l-permess lix-xufier biex jipproċedi wara l-vjaġġ tal-ferrovija permezz ta' Ordni Miktuba ERTMS 02, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha:

- tivverifika jekk il-kundizzjonijiet kollha għar-rotta jintlaħqux skont ir-regoli nazzjonali,
- meta tista' tistabbilixxi skont ir-regoli nazzjonali li l-binarju jkun ħieles, teżenta lix-xufier mill-mixi bil-vista u żżid fil-parti "Struzzjonijiet Addizzjonali" dawn il-kliem: "hi eżentata mill-mixi bil-vista" fl-SR,
- tivverifika għal limitazzjonijiet tal-veloċità iżjed baxxi mill-veloċità massima għall-SR u tinkludihom fl-Ordni Miktuba ERTMS 02,
- tivverifika jekk ikunux meħtieġa restrizzjonijiet u/jew struzzjonijiet oħra u tinkludihom fl-Ordni Miktuba ERTMS 02.

Biex jipproċedi x-xufier għandu:

- jirċievi l-Ordni Miktuba ERTMS 02 bl-istruzzjonijiet addizzjonali kollha mogħtija mill-persuna li tagħti s-sinjali,
- jivverifika li l-ordni miktuba tirreferi għall-moviment/it-tressiq tal-ferrovija tiegħu u għall-pożizzjoni attwali tagħha,
- skont il-missjoni, jagħżel ibda jew SH, u jsegwi l-istruzzjonijiet mogħtija fl-Ordni Miktuba ERTMS 02,
- jerġa' jqabbad skont l-indikazzjonijiet murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni tad-DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar").

25. MANIĠMENT TAN-NUQQAS TA' ADATTATEZZA TAR-ROTTA

25.1. *SITWAZZJONIJIET*

tiġi skoperta inkompatibbiltà bejn il-karatteristiċi tal-vetturi ferrovjarji u tal-karatteristiċi tal-binarji.

25.2. *REGOLI*

Meta x-xufier josserva l-messaġġ il-messaġġ fuq id-DMI:

"Rotta mhux adattata",

għandu:

- iwaqqaf il-ferrovija u javża lill-persuna li tagħti s-sinjali bl-indikazzjoni tan-nuqqas ta' adattatezza tar-rotta,
- jivverifika jekk il-valuri jkunux skont il-karatteristiċi tal-ferrovija, u jikkoreġihom, jekk ikun meħtieġ.

Sakemm jirċievi l-permess mill-persuna li tagħti s-sinjali, ix-xufier ma għandux jaqbeż in-nuqqas ta' adattatezza tar-rotta.

25.2.1. IR-RAĠUNI GĦAN-NUQQAS TA' ADATTATEZZA TISTA' TITNEĦĦA

Jekk permess mir-regoli nazzjonali, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tawtorizza lix-xufier biex jaqbeż in-nuqqas ta' adattatezza tar-rotta permezz tal-Ordni Miktuba ERTMS 06 bl-istruzzjonijiet addizzjonali kollha meħtieġa.

Ix-xufier għandu jaqbeż in-nuqqas ta' adattatezza tar-rotta, meta jkun irċieva l-Ordni Miktuba ERTMS 06 mill-persuna li tagħti s-sinjali.

25.2.2. IR-RAĠUNI GĦAN-NUQQAS TA' ADATTATEZZA MA TISTAX TITNEĦĦA

Il-persuna li tagħti s-sinjali u x-xufier għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali.

26. **DĦUL SEZZJONI TA' BINARJU OKKUPATA FI STAZZJON**

26.1. *SITWAZZJONIJIET*

Jenħtieġ li jsir dħul fi stazzjon f'sezzjoni ta' binarju li tkun okkupata għal skopijiet ta':

— qsim ta' pjattaforma,

— igganċjar tal-ferroviji.

26.2. *REGOLI*

Meta ferrovija tidħol f'binarju okkupat, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha:

— tiżgura li l-ewwel ferrovija tkun wieqfa, u fil-livell 2 li l-awtorità għall-moviment tal-ewwel ferrovija tkun ġiet revokata (regola "Revoka ta' awtorizzazzjoni għall-moviment tal-ferrovija"),

— tistabbilixxi r-rotta għall-ferrovija li għandha tidħol fil-binarju okkupat.

Ix-xufier tal-ferrovija li għandha tidħol fil-binarju okkupat għandu jirreaġixxi skont l-indikazzjonijiet murija fuq id-DMI (regola "Reazzjoni bħala funzjoni tad-DMI/struzzjoni tas-sistema tas-sinjalar") u jsegwi l-istruzzjonijiet irċevuti.

Fil-każ ta' moviment mhux ippjanat, qabel ma tiġi stabbilita r-rotta, il-persuna li tagħti s-sinjali għandha tavża lix-xufiera biż-żewġ ferroviji involuti fiċ-ċirkostanzi skont ir-regoli nazzjonali.

27. **PROPULSJONI TAL-EMERĠENZA**

27.1. *SITWAZZJONIJIET*

Sitwazzjoni ta' emerġenza tirrikjedi li l-ferrovija titressaq fid-direzzjoni opposta f'żona tal-propulsjoni tal-emerġenza.

27.2 *REGOLI*

Meta l-ferrovija għandha tiġi mmexxija f'emerġenza skont ir-regoli nazzjonali, ix-xufier għandu:

— jirrikonoxxi dan il-messaġġ bil-miktub:

"Ack RV",

— imexxi l-ferrovija f'każ ta' emerġenza.

Wara li l-ferrovija tkun lestiet il-propulsjoni tal-emerġenza tagħha u hekk kif tasal fil-punt ta' waqfien, ix-xufier għandu jirrapporta lill-persuna li tagħti s-sinjali.

ANNESS A2

REGOLI OPERATTIVI ERTMS/GSM-R

Dawn ir-regoli jispjegaw il-prinċipji ta' kif il-persunal operattiv ikun mistenni li jopera t-tagħmir assoċjat mal-GSM-R.

Dan l-aspett għadu punt miftuħ u għandu jiġi speċifikat f'verżjoni fil-ġejjieni ta' din it-TSI.

ANNESS B

REGOLI OĦRA LI JIPPERMETTU OPERAT KOERENTI TA' SUBSISTEMI STRUTTURALI ĠODDA:

(ara l-Artikolu 4.4.)

Dan l-Anness għandu jevolvi fuq perjodu taż-żmien u għandu jkun soġġett għal reviżjoni u aġġornament regolari.

Il-kontenut tipiku ta' dan l-Anness għandu jkun ir-regoli u l-proċeduri, li għandhom jiġu applikati b'mod identiku fuq it-TEN sħiħ u n-netwerk konvenzjonali b'mod partikolari u li llum mhumiex koperti fil-Kapitolu 4 ta' din it-TSI. Hu probabbli wkoll li xi elementi tal-Kapitolu 4 u l-annessi assoċjati jiġu integrati wkoll f'dan l-Anness.

A. *Ġenerali*

Riżervat

B. *Sigurtà tal-persunal*

Riżervati

C. **Interfejs operattiv ma' apparat tas-sinjalar u tal-kmand u l-kontroll**

C1 Sanding

L-applikazzjoni tar-ramel hu mod effettiv għat-titjib tal-adeżjoni tar-roti mal-binarji, għall-għajnuna tal-ibbrejkjar u għat-tluq b'mod speċjali f'kundizzjonijiet ta' temp ħażin.

Akkumulazzjoni ta' ramel fuq ir-ras tal-binarju tista' madankollu, tikkawża numru ta' problemi, b'mod speċjali b'konnessjoni mal-attivazzjoni taċ-ċirkuwiti tal-binarji u l-operat effettiv tal-punti u l-passaġġi.

Ix-xufier għandu dejjem ikun jista' japplika r-ramel iżda dan għandu jiġi evitat kull meta hu possibbli:

— fiż-żona tal-punti u l-passaġġi

— waqt l-ibbrejkjar f'veloċitajiet ta' inqas minn 20 km/h.

Madankollu dawn ir-restrizzjonijiet mhumiex applikabbli jekk ikun hemm riskju ta' SPAD (Sinjal Mgħoddi fil-Periklu), jew kwalunkwe inċident serju ieħor u l-applikazzjoni tar-ramel tassisti fl-adeżjoni.

— meta tkun wieqfa. L-eċċezzjoni għal dan hi fit-tluq u meta jkun meħtieġ li jiġi ttestjat it-tagħmir tas-sanding fuq l-unità tal-ġbid. (L-ittestjar għandu normalment isir f'żoni speċifikament iddisinjati fir-Reġistru tal-Infrastruttura).

C2 Attivazzjoni ta' Ditekters tal-Kaxxa tal-Fus Sħuna

Riżervat

D. *Movimenti tal-ferrovija*

D1 **Kundizzjonijiet normali**

D2 **Kundizzjonijiet degradati**

Riżervat

E. *Anomaliji, incidenti u aċċidenti*

Riżervat

ANNESS C

METODOLOĠIJA TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET RELATATI MAS-SIGURTÀ

Introduzzjoni

L-iskop ta' dan id-dokument hu li jiġu stabbiliti regoli għall-komunikazzjonijiet tas-sigurtà mill-art għall-ferrovija miexja u mill-ferrovija miexja għall-art applikabbli għal informazzjoni trażmessa jew skambjata għal sitwazzjonijiet kritiċi tas-sigurtà fuq in-netwerk interoperabbli u b'mod partikolari biex:

— jiddefinixxi n-natura u l-istruttura tal-messaġġi relatati mas-sigurtà;

— jiddefinixxi l-metodoloġija għal trażmissjoni vokali ta' dawk il-messaġġi.

Dan l-anness għandu jservi bħala l-bażi:

— biex jippermetti lill-Mexxej tal-Infrastruttura iħejji messaġġi u Kotba tal-Formoli. Dawn l-elementi għandhom jiġu indirizzati lill-Impriża Ferrovjarja fl-istess żmien li r-regoli u r-regolamenti jsiru disponibbli;

— għall-Mexxej tal-Infrastruttura u l-Impriża Ferrovjarja biex ifasslu d-dokumenti għall-persunal tagħhom (Kotba tal-Formoli), struzzjonijiet għall-persunal li jawtorizza l-movimenti ferrovjarji u l-Appendiċi 1 tal-Ktieb tar-Regoli tax-Xufier "Manwal ta' proċeduri tal-komunikazzjoni".

Il-limitu sa fejn jintużaw il-formoli u l-istrutturi tagħhom jista' jvarja. Għal xi riskji, ikun jenħtie l-użu tal-formoli, filwaqt li għal oħrajn, dan ma jkunx xieraq.

Fil-kuntest ta' riskju indikat, il-Mexxej tal-Infrastruttura għandu, b'konformità mal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2004/49/KE, jiddeċiedi jkunx meħtieġ l-użu ta' formola. Formola għandha tintuża biss jekk il-valur tal-benefiċċji tas-sigurtà u tal-prestazzjoni tagħha jkun jaqbeż dak ta' kwalunkwe żvantaġġi tas-sigurtà u tal-prestazzjoni.

Il-Mexxejja tal-Infrastruttura għandhom jistrutturaw il-protokoll tal-komunikazzjonijiet tiegħu b'mod formalizzat u skont dawn it-tliet kategoriji:

— messaġġi verbali urġenti (ta' emerġenza);

— ordnijiet miktuba;

— messaġġi ta' prestazzjoni addizzjonali;

Biex jiġi appoġġjat dan l-approċċ dixxiplinat għat-trażmissjoni ta' dawn il-messaġġi, ġiet żviluppata Metodoloġija tal-Komunikazzjonijiet.

1. METODOLOĠIJA TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET

1.1. *ELEMENTI U PRINĊIPJI TAL-METODOLOĠIJA*

1.1.1. TERMINOLOĠIJA STANDARD LI GĦANDHA TINTUŻA FIL-PROĊEDURI

1.1.1.1. ***Proċedura tat-trażmissjoni tat-taħdit***

Terminu tat-trasferiment tal-opportunità ta' diskors mal-parti opposta.

fuq

1.1.1.2. ***Proċedura għar-riċeviment tal-messaġġi***

— meta jiġi rċevut messaġġ dirett

Terminu tal-konferma li l-messaġġ mibgħut ġie rċevut:

irċevut

Terminu użat biex il-messaġġ jiġi ripetut f'każ ta' riċeviment batut jew nuqqas ta' ftehim

irrepeti (+tkellem bil-mod)

— mar-riċeviment ta' messaġġ li nqara lura

Termini użati biex jiżguraw jekk messaġġ li nqara lura jaqbilx eżatt mal-messaġġ mibgħut:

korrett

jew le:

żball (+ nerġa' nirrepeti)

1.1.1.3. ***Proċeduri ta' qtugħ fil-komunikazzjoni***

— jekk il-messaġġ ikun intemm:

barra

— jekk is-silenzju jkun temporanju u ma jaqtax il-konnessjoni

Terminu użat biex iżomm il-parti l-oħra tistenna:

stenna

— jekk is-silenzju jkun temporanju iżda l-konnessjoni tkun inqatgħet

Terminu użat biex tavża lill-parti l-oħra li l-komunikazzjoni se taqta' iżda se tkompli iżjed tard:

Nerġa' nċempel

1.1.1.4. ***Kanċellament ta' ordni miktuba***

Terminu użat biex tiġi kkanċellata l-proċedura ta' ordni miktuba pendenti:

ikkanċella l-proċedura …

Jekk il-messaġġ imbagħad għandu jitkompla, il-proċedura għandha tiġi ripetuta mill-bidu.

1.1.2. PRINĊIPJI LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI F'KAŻ TA' ŻBALL JEW NUQQAS TA' FTEHIM

Biex tiġi permessa l-korrezzjoni tal-iżbalji possibbli matul il-komunikazzjoni, għandhom jiġu applikati dawn ir-regoli:

1.1.2.1. ***Żbalji***

— **żball waqt it-trażmissjoni**

Meta żball tat-trażmissjoni jiġi skopert minn min jibgħatu stess, min jibgħatu għandu jitlob kanċellament billi jibgħat dan il-messaġġ ta' proċedura:

żball (+ ipprepara formola ġdida …)

jew:

żball + nerġa' nirrepeti

u mbagħad jibgħat il-messaġġ inizjali mill-ġdid.

— **żball matul ir-ripetizzjoni**

Meta min jibgħat isib żball waqt li l-messaġġ ikun qed jinqara lura lilu, min jibgħat għandu jibgħat dawn il-messaġġi ta' proċedura:

żball + nerġa' nirrepeti

u mbagħad jerġa' jibgħat il-messaġġ inizjali.

1.1.2.2. ***Nuqqas ta' ftehim***

Jekk waħda mill-partijiet tifhem messaġġ ħażin, għandha ssaqsi lill-parti l-oħra biex tirrepeti l-messaġġ billi tuża dan it-test:

irrepeti (+tkellem bil-mod)

1.1.3. KODIĊI TAL-KELMA, TAN-NUMRU, TAL-ĦIN, TAD-DISTANZA, TAL-VELOĊITÀ U LI TIKTEB ID-DATA

Biex jgħin sabiex jinftiehmu u jiġu espressi l-messaġġi f'sitwazzjonijiet differenti, kull terminu għandu jingħad bil-mod u b'mod korrett billi jiġu spelluti kwalunkwe kliem jew ismijiet u figuri li aktarx li jistgħu jinftiehmu ħażin. Eżempji jkunu l-kodiċi tal-identifikazzjoni għal sinjali jew punti.

Għandhom japplikaw dawn ir-regoli tal-ispelljar:

1.1.3.1. ***Spelljar ta' kliem u gruppi ta' ittri***

Għandu jintuża l-Alfabett Fonetiku Internazzjonali.

A Alpha	*G Golf*	*L Lima*	*Q Quebec*	*V Victor*
B Bravo	*H Hotel*	*M Mike*	*R Romeo*	*W Whisky*
C Charlie	*I India*	*N November*	*S Sierra*	*X X-ray*
D Delta	*J Juliet*	*O Oscar*	*T Tango*	*Y Yankee*
E Echo	*K Kilo*	*P Papa*	*U Uniform*	*Z Zulu*
F Foxtrot				

Eżempju:

Punti A B = punti alpha-bravo.

Numru tas-sinjal KX 835 = sinjal Kilo X-Ray tmienja tlieta ħamsa.

Il-Mexxej tal-Infrastruttura jista' jżid iżjed ittri, flimkien ma' pronunzja fonetika għal kull ittra miżjuda, jekk meħtieġa mill-alfabett tal-lingwa(i) operattiva(i) tal-Mexxej tal-Infrastruttura

L-Impriża Ferrovjarju tista' żżid iżjed indikazzjonijiet dwar il-pronunzja, kif tqis li jkun meħtieġ.

1.1.3.2. ***Pronunzja tan-numri***

In-numri għandhom jingħadu figura figura.

0	*Żero*	*5*	*Ħamsa*
1	*Wieħed*	*6*	*Sitta*
2	*Tnejn*	*7*	*Sebgħa*
3	*Tlieta*	*8*	*Tmienja*
4	*Erbgħa*	*9*	*Disgħa*

Eżempju: Ferrovija **2 183** – ferrovija tnejn-wieħed-tmienja-tlieta.

Id-deċimali għandhom jiġu espressi bil-kelma "punt".

Eżempji: **12,50** = wieħed-tnejn-punt-ħamsa-żero

1.1.3.3. ***Espressjoni tal-ħin***

Il-ħin għandu jingħata f'ħin lokali, b'lingwa sempliċi.

Eżempju: **10:52** sigħat = għaxra tnejn u ħamsin.

Filwaqt li dan hu l-prinċipju, ikun aċċettabbli wkoll, meta jkun meħtieġ, li l-ħin jiġi spellut numru numru (wieħed żero ħamsa tnejn sigħat).

1.1.3.4. ***Espressjoni ta' distanzi u veloċitajiet***

Id-distanzi għandhom jiġu espressi f'kilometri u l-veloċitajiet f'kilometri fis-siegħa.

Jistgħu jintużaw mili jekk dik l-unità tintuża fuq l-infrastruttura kkonċernata.

1.1.3.5. ***Espressjoni tad-dati***

Id-dati għandhom jiġu espressi bl-istess mod.

Eżempju: **10 ta' Diċembru**

1.2. *STRUTTURA TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET*

It-trażmissjoni vokali tal-messaġġi relatati mas-sigurtà għandha bħala prinċipju jkun fiha żewġ fażijiet kif ġej:

— identifikazzjoni u talba għall-istruzzjonijiet;

— trażmissjoni tal-messaġġ innifsu u t-terminazzjoni tat-trażmissjoni.

L-ewwel fażi tista' titqassar jew jew tinqabeż għal kollox għall-messaġġi tas-sigurtà ta' prijorità kbira.

1.2.1. REGOLI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI U TALBIET GĦALL-ISTRUZZJONI

Sabiex jiġi permess li l-partijiet jidentifikaw lil xulxin, jiddefinixxu s-sitwazzjoni operattiva u jittrażmettu struzzjonijiet proċedurali, għandhom japplikaw dawn ir-regoli:

1.2.1.1. ***Identifikazzjoni***

Hu importanti ħafna li qabel kull komunikazzjoni, minbarra messaġġi ta' sigurtà tal-ikbar prijorità li huma urġenti ħafna, il-persuni li se jikkomunikaw jidentifikaw lilhom infushom. Din mhux biss tkun ħaġa edukata, iżda, iżjed importanti minn hekk, tipprovdi serħan il-moħħ li l-persuna li tkun qed tawtorizza l-movimenti tal-ferrovija tkun f'komunikazzjoni max-xufier tal-ferrovija korretta u x-xufier ikun jaf li qed jitkellem maċ-ċentru korrett tas-sinjalar korrett jew tal-kontroll. Dan hu partikolarment kritiku meta l-komunikazzjoni tkun qed isseħħ f'żoni fejn il-konfini tal-komunikazzjonijiet jidħlu f'xulxin.

Dan il-prinċipju għandu japplika anki wara interruzzjoni waqt it-trażmissjoni.

Dawn il-messaġġi għandhom jintużaw għal dan l-iskop mill-partijiet differenti.

— mill-persunal li jawtorizza l-movimenti tal-ferrovija:

ferrovija ....
(numru)
dan hu .... **Sinjali**
(isem)

— mix-xufier:

.... **Sinjali**
(isem)
din hi l-ferrovija ....
(numru)

Għandu jiġi osservat li l-identifikazzjoni tista' tiġi segwita b'messaġġ tal-informazzjoni addizzjonali li jagħti lill-persunal li jawtorizzaw il-movimenti tal-ferrovija biżżejjed dettalji dwar is-sitwazzjoni biex tiġi determinata b'mod preċiż il-proċedura li x-xufier jista' sussegwentament jintalab isegwi.

1.2.1.2. ***Talba għall-istruzzjonijiet***

Kull applikazzjoni ta' proċedura appoġġjata b'ordni miktuba għandha tkun preċeduta minn talba għall-istruzzjonijiet.

Dawn it-termini għandhom jintużaw biex jintalbu l-istruzzjonijiet:

ħejju l-proċedura ....

1.2.2. REGOLI GĦAT-TRAŻMISSJONI TA' ORDNIJIET MIKTUBA U MESSAĠĠI VERBALI

1.2.2.1. ***Messaġġi tas-sigurtà ta' prijorità ewlenija***

Minħabba n-natura urġenti u imperattiva tagħhom, dawn il-messaġġi:

— jistgħu jintbagħtu jew jiġu rċevuti waqt il-mixi:

— jistgħu jaqbżu l-parti tal-identifikazzjoni,

— għandhom jiġu ripetuti;

— għandhom, mill-aktar fis possibbli, jiġu segwiti b'iżjed informazzjoni.

1.2.2.2. ***Ordnijiet Miktuba***

Sabiex b'mod kredibbli jintbagħtu jew jiġu rċevuti (f'waqfa) l-messaġġi proċedurali li jinsabu fil-Ktieb jew il-Formoli, għandhom jiġu segwiti dawn ir-regoli:

1.2.2.2.1. **Trażmissjoni ta' messaġġi**

Il-formola tista' tiġi kompluta qabel it-trażmissjoni tal-messaġġ sabiex it-test sħiħ tal-messaġġ ikun jista' jintbgħat fi trażmissjoni waħda.

1.2.2.2.2. **Riċeviment tal-messaġġ**

Min jirċievi l-messaġġ għandu jimla l-formola li tinsab fil-Ktieb tal-Formoli fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija minn min jibgħat.

1.2.2.2.3. **Qari lura**

Għandu jintalab li jinqraw lura l-messaġġi ferrovjarji kollha stabbiliti minn qabel fil-Ktieb tal-Formoli. Il-qari lura għandu jinkludi l-messaġġ muri fil-kamp griż fuq il-Formoli, it-taqsima "qari lura" u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali jew kumplementari.

1.2.2.2.4. **Rikonoxximent ta' qari lura korrett**

Kull messaġġ lijinqara lura għandu jkun segwit b'rikonoxximent tal-konformità jew in-nuqqas ta' konformità mogħti minn min jibgħat il-messaġġ.

korrett

jew

żball + Nerġa' nirrepeti

segwit bi trażmissjoni ripetuta tal-messaġġ inizjali

1.2.2.2.5. **Rikonoxximent**

Kull messaġġ irċevut għandu jiġi rikonoxxut b'mod pożittiv jew negattiv hekk:

irċevut

jew

negattiv, irrepeti (+tkellem bil-mod)

1.2.2.2.6. **Traċċabilità u verifika**

Numru tal-identifikazzjoni jew tal-awtorizzazzjoni uniku għandu jakkumpanja l-messaġġi kollha mibdija mill-art:

— jekk il-messaġġ jikkonċerna azzjoni li għaliha x-xufier jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika (eż. mogħdija ta' sinjal ta' periklu, …):

awtorizzazzjoni …………………………………………………………………
(numru)

— fil-każijiet l-oħra kollha (eż. ipproċedi bil-kawtela, …):

messaġġ …………………………………………………………………………
(numru)

1.2.2.2.7. **Rappurtaġġ Lura**

Kull messaġġ li fih talba għal "rappurtaġġ lura" għandu jkun segwit b' "rapport".

1.2.2.3. ***Messaġġi addizzjonali***

Messaġġi addizzjonali

— għandhom ikunu preċeduti mill-proċedura tal-identifikazzjoni;

— għandhom ikunu qosra u preċiżi (limitati fejn possibbli għal informazzjoni li għandha tiġi komunikata u fejn tapplika);

— għandhom jinqraw lura u jkunu segwiti minn rikonoxximent tal-qari lura korrett jew le

— jistgħu jkunu segwiti minn talba għal struzzjonijiet jew talba għal iżjed informazzjoni.

1.2.2.4. ***Messaġġi ta' informazzjoni b'kontenut varjabbli mhux determinat minn qabel***

Il-messaġġi tal-informazzjoni b'kontenut varjabbli għandhom ikunu:

— preċeduti mill-proċedura tal-identifikazzjoni;

— preparati qabel jintbagħtu;

— moqrija lura u segwiti minn rikonoxximent ta' qari lura korrett, jew le.

2. **MESSAĠĠI PROĊEDURALI**

2.1. *NATURA TAL-MESSAĠĠI*

Il-messaġġi proċedurali jintużaw biex jintbagħtu struzzjonijiet operattivi assoċjati ma' sitwazzjonijiet xierqa rappreżentati fil-Ktieb tar-Regoli tax-Xufier.

Dawn fihom it-test tal-messaġġ innfisu, li jikkorrispondi ma' sitwazzjoni, u numru li jidentifika l-messaġġ.

Jekk il-messaġġ jirrikjedi li r-reċipjenti jirraporta lura, it-test tar-rapport jingħata wkoll.

Dawn il-messaġġi jużaw kliem determinat minn qabel preskritt mill-Mexxej tal-Infrastruttura bil-"lingwa operattiva" tiegħu u jiġu preżentati forma ta' formoli preparati minn qabel jew stampati jew b'mezz informatiku.

2.2. *FORMOLI*

Il-formuli huma mezz formalizzat għall-komunikazzjoni ta' messaġġi proċedurali. Dawn il-messaġġi huma ġeneralment dawk assoċjati ma' kundizzjonijiet tal-ħidma degradati. Eżempji tipiċi jkunu l-awtorità għal xufier li jgħadd sinjali jew "awtorità tat-tmiem tal-moviment", ir-rekwiżit tal-mixi f'veloċità mnaqqsa f'żona partikolari, jew li jiġi eżaminat il-binarju. Jistgħu wkoll ikun hemm ċirkostanzi li jitolbu l-użu ta' dawn il-messaġġi.

L-iskop tagħhom hu:

— li jipprovdu dokument tal-ħidma komuni użata f'ħin reali mill-persunal li jawtorizza l-movimenti tal-ferrovija u mix-xufiera;

— li jipprovdu lix-xufier (b'mod speċjali meta jaħdem f'ambjent mhux familjari jew rari) tifkira tal-proċedura li jintalab isegwi

— li jippermettu traċċabilità tal-komunikazzjonijiet.

Sabiex jiġu identifikati l-formoli, għandhom jiġu żviluppati kelma jew numru kodifikati uniċi relatati mal-proċedura. Dawn jistgħu jkunu bbażati fuq il-frekwenza potenzjali li tintuża formola. Jekk, mill-formoli kollha li qed jiġu żviluppati, il-probabbiltà hi li dik użata l-iżjed tkun dik għat-trażmissjoni ta' sinjal jew EOA f'periklu, allura din tkun tista' tingħata n-numru 001 u wieħed ikompli hekk.

2.3. *KTIEB TAL-FORMOLI*

Wara li jkunu ġew identifikati l-formoli kollha li għandhom jintużaw, is-sett kollu għandu jinġabar f'dokument jew f'mezz informatiku msejjaħ il-Ktieb tal-Formoli.

Dan hu dokument konġunt li għandu jintuża mix-xufier u l-persunal li jawtorizza l-moviment tal-ferroviji meta dawn jikkomunikaw ma' xulxin. Hu importanti għaldaqstant li l-ktieb jintuża mix-xufier u dak użat mill-persunal li jawtorizza l-moviment tal-ferroviji jiġi ffurmat u jingħata n-numru bl-istess mod.

Il-Mexxej tal-Infrastruttura ikun responsabbli għat-tfassil tal-Ktieb tal-Formoli u l-formoli nfushom bil-"lingwa operattiva" tiegħu.

L-Impriża Ferrovjarja tista' żżid traduzzjonijiet tal-formoli u informazzjoni assoċjata li tinsab fil-Ktieb tal-Formoli, jekk jidhrilha li dan jista' jgħin lix-xufiera kemm waqt it-taħriġ kif ukoll f'sitwazzjonijiet f'ħin reali.

Il-lingwa li għandha tintuża meta jiġu trażmessi l-messaġġi għandha dejjem tkun il-"lingwa operattiva" tal-Mexxej tal-Infrastruttura.

Il-Ktieb tal-Formoli għandu jkun fih żewġ partijiet.

L-ewwel parti jkun fiha dawn l-oġġetti:

— tifkira dwar l-użu tal-Ktieb tal-Formoli;

— indiċi tal-Formoli tal-Proċeduri li jinbdew mill-art;

— indiċi tal-Formoli tal-Proċeduri li joriġinaw mix-xufier, fejn xieraq;

— il-lista ta' sitwazzjonijiet b'referenzjar trażversali għal liema formola proċedurali għandha tintuża;

— glossarju li jagħti s-sitwazzjonijiet li għalihom tapplika kull formola tal-proċedura;

— il-kodiċi biex jiġu spelluti l-messaġġi (alfabett fonetiku eċċ.).

It-tieni parti fiha l-Formoli tal-Proċedura nfushom.

Diversi eżempji ta' kull formola għandhom jiġu inklużi fil-Ktieb tal-Formoli u hu suġġerit li jintużaw separaturi biex jisseparaw it-taqsimiet.

L-Impriża Ferrovjarja tista' tinkludi test spjegattiv rilevanti għal kull forma u s-sitwazzjonijiet koperti, fil-Ktieb tal-Formoli tax-xufiera.

3. MESSAĠĠI ADDIZZJONALI

Messaġġi addizzjonali huma messaġġi ta' informazzjoni użati jew:

— mix-xufier biex javża lill-persunal li jawtorizza l-movimenti tal-ferrovija jew

— mill-persunal li jawtorizza l-movimenti tal-ferrovija biex javżaw lix-xufier

dwar sitwazzjonijiet ta' natura rari u li għalihom għaldaqstant formola determinata minn qabel ma titqiesx meħtieġa, jew relatata mal-mixi tal-ferrovija jew mal-kundizzjoni teknika tal-ferrovija jew l-infrastruttura.

Sabiex ikun iżjed faċli biex jiġu deskritti s-sitwazzjonijiet u jinbnew il-messaġġi tal-informazzjoni, il-linji gwida tal-messaġġi, glossarju tat-terminoloġija ferrovjarja, dijagramma deskrittiva tal-vetturi ferrovjarji li jkunu qed jintużaw u dikjarazzjoni deskrittiva tat-tagħmir tal-infrastruttra (binarju, provvista tal-ġbid, eċċ.). tista' tkun ta' benefiċċju.

3.1. *STRUTTURA TA' LINJA GWIDA GĦALL-MESSAĠĠI*

Dawn il-messaġġi jistgħu jiġu strutturati hekk:

Stadju fil-fluss tal-komunikazzjoni	Element tal-messaġġ
Raġuni għat-trażmissjoni tal-informazzjoni	☐ **għall-informazzjoni** ☐ **għall-azzjoni**
Osservazzjoni	☐ Hemm ☐ Rajt ☐ Kelli ☐ Ilqatt
Pożizzjoni — tul il-binarju	☐ fil-…………………………………… *(isem tal-istazzjon)* ☐ ………………………………………………………… *(punt karatteristiku)* ☐ fil-markatur tal-mil/tal-kilometri ………………………. *(numru)*
— fir-rigward tal-ferrovija tiegħi	☐ vettura elettrika ……………………………… *(numru)* ☐ vettura bit-trejler ……………………………… *(numru)*
Natura — oġġett — persuna	…………………………………………………………… *(ara l-glossarju)*
Stat — statiku	☐ wieqaf fuq ☐ mimdud fuq ☐ imwaqqa' fuq ☐ miexi
— jiċċaqlaq	☐ jiġri ☐ lejn
Pożizzjoni fir-rigward tal-binarji	

Dawn il-messaġġi jistgħu jiġu segwiti minn talba għall-istruzzjonijiet.

L-elementi tal-messaġġi jingħataw kemm bil-lingwa magħżula mill-Impriża Ferrovjarja kif ukoll bil-lingwa(i) operattiva(i) tal-Mexxejja tal-Infrastruttura kkonċernati.

3.2. *GLOSSARJU TAT-TERMINOLOĠIJA FERROVJARJA*

L-Impriża Ferrovjarju għandha tipproduċi glossarju ta' terminoloġija ferrovjarja għal kull netwerk li fuqu jopera w il-ferroviji tagħha. Għandha tipprovdi t-termini użati regolarment bil-lingwa magħżula mill-Impriża Ferrovjarja u bil-lingwa "operattiva" tal-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura li tkun qed tintuża.

Il-glossarju għandu jkun kompost minn żewġ partijiet:

— lista tat-termini skont is-suġġett;

— lista tat-termini f'ordni alfabetika.

3.3. *DIJAGRAMMA DESKRITTIVA TAL-VETTURI FERROVJARJI*

Jekk l-Impriża Ferrovjarja tħoss li jkun ta' benefiċċju għall-operat tagħha jekk titħejja dijagramma deskrittiva tal-vetturi ferrovjarji użati. Għandha tniżżel l-ismijiet tad-diversi komponenti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' komunikazzjonijiet mal-Mexxejja tal-Infrastruttura differenti kkonċernati. Għandha tinkludi l-ismijiet komuni għat-termini standard bil-lingwa magħżula mill-Impriża Ferrovjarja u bil-lingwa "operattiva" tal-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura li tintuża.

3.4. *DIKJARAZZJONI DESKRITTIVA TAL-KARATTERISTIĊI TAT-TAGĦMIR TAL-INFRASTRUTTURA (BINARJU, PROVVISTA TAL-ĠIBDA, EĊĊ.)*

Jekk l-Impriża Ferrovjarji tħoss li jkun ta' benefiċċju għall-operat tagħha, għandha titħejja dikjarazzjoni deskrittiva tal-karatteristiċi tat-tagħmir tal-infrastruttura (binarju, provvista tal-ġibda, eċċ.) fuq ir-rotta li tintuża. Din għandha turi l-ismijiet tad-diversi komponenti li jistgħu jkunu s-suġġett tal-komunikazzjonijiet mal-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura kkonċernat(i). Għandha tinkludi l-ismijiet komuni għat-termini standard bil-lingwa magħżula mill-Impriża Ferrovjarji u bil-lingwa "operattiva" tal-Mexxej(ja) tal-Infrastruttura li tintuża.

4. TIP U STRUTTURA TA' MESSAĠĠI VERBALI

4.1. *MESSAĠĠI TA' EMERĠENZA*

Il-messaġġi ta' emerġenza huma intiżi li jagħtu struzzjonijiet operattivi urġenti li huma direttament konnessi mas-sigurtà tal-binarju ferrovjarju.

Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' nuqqas ta' ftehim, il-messaġġi għandhom dejjem jiġu ripetuti darba.

Klassifikati skont il-bżonn, il-messaġġi ewlenin li jistgħu jintbagħtu huma indikati hawn.

Il-Mexxej tal-Infrastruttura jista', barra minn hekk, jiddefinixxi messaġġi oħra ta' emerġenza skont il-ħtiġijiet tal-operat tiegħu.

Il-messaġġi tal-emerġenza jistgħu jiġu segwiti minn Ordni Miktuba (ara s-Subartikolu 2).

It-tip ta' test li jifforma messaġġi ta' Emerġenza għandu jiġi inkluż fl-Appendiċi 1 "Manwal ta' proċeduri tal-komunikazzjonijiet" tal-Ktieb tar-Regoli tax-Xufier u fid-dokumentazzjoni maħruġa lill-persunal li jawtorizza l-movimenti tal-ferroviji.

4.2. *MESSAĠĠI MIBGĦUTA JEW MILL-ART JEW MIX-XUFIER*

— Bżonn li jitwaqqfu l-ferroviji kollha:

Il-bżonn li jitwaqqfu l-ferroviji kollha għandu jiġi trażmess permezz ta' sinjal akustiku; jekk dan ma jkunx disponibbli għandha tintuża din il-frażi:

Emerġenza, waqqfu l-ferroviji kollha

L-informazzjoni dwar il-post jew iż-żona, jekk meħtieġa, tiġi speċifikata fil-messaġġ.

Barra minn hekk, dan il-messaġġ għandu jiġi kumplementat malajr, jekk possibbli, bir-raġuni, il-post tal-emerġenza u l-identifikazzjoni tal-ferrovija:

Ostakolu
Jew Nar
Jew …………………………………………………
(raġuni oħra)
fuq il-binarju ……………………… **f'** ………………………
(isem) *(km)*
Xufier tal-ferrovija …………………………………………
(numru)

— Ħtieġa li titwaqqaf ferrovija partikolari:

Ferrovija …………………………… **(fuq il-linja/il-binarju)**
(numru) *(isem/numru)*
Waqfa ta' emerġenza

F'din iċ-ċirkostanza, l-isem jew in-numru tal-linja jew il-binarju li fuqhom tkun miexja l-ferrovija jistgħu jintużaw biex jikkumplementaw dan il-messaġġ.

4.3. *MESSAĠĠI MAĦRUĠA MIX-XUFIER*

— Bżonn li tinqata' l-provvista elettrika tal-ġibda:

Iżolament tal-kurrent f'emerġenza

Dan il-messaġġ għandu jiġi kumplementat malajr, jekk possibbli, bir-raġuni, il-post tal-emerġenza u l-identifikazzjoni tal-ferrovija:

F'…………………………………………………………………
(km)
fuq ……………………………………………………… **il-linja/il-binarju**
(isem/numru)
bejn ………………………………… **u** …………………………………
(stazzjon) *(stazzjon)*
Raġuni ………………………………………………………………
Xufier tal-ferrovija ………………………………………………………
(numru)

F'din iċ-ċirkostanza l-isem jew in-numru tal-linja jew il-binarju li fuqhom tkun miexja l-ferrovija jistgħu jintużaw biex jikkumplementaw dan il-messaġġ.

ANNESS D

INFORMAZZJONI LI GĦALIHA GĦANDU JKOLLHA AĊĊESS L-IMPRIŻA FERROVJARJA B'RABTA MAR-ROTTA(OT) LI FUQHA(HOM) JKOLLHA L-ĦSIEB TOPERA

PARTI 1. INFORMAZZJONI ĠENERIKA DWAR IL-MEXXEJ TAL-INFRASTRUTTURA

1.1. L-isem (ismijiet)/Identità tal-Mexxej tal-Infrastruttura

1.2. Pajjiż (jew Pajjiżi)

1.3. Deskrizzjoni qasira

1.4. Lista ta' regoli u regolamenti operattivi ġenerali (u kif tiksibhom)

PARTI 2. MAPEP U DIJAGRAMMI

2.1. **Mappa ġeografika**

2.1.1. Rotot

2.1.2. Postijiet prinċipali (stazzjonijiet, btieħi, junctions, terminali tal-merkanzija)

2.2. **Dijagramma tal-binarju.**

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fuq dijagrammi, supplementat kif meħtieġ b'test. Meta tiġi provduta dijagramma separata ta' stazzjon//bitħa/depot, allura l-informazzjoni dwar id-dijagramma tal-binarju tista' tiġi simplifikata

2.2.1. Indikazzjoni tad-distanza

2.2.2. Identifikazzjoni tal-binarji tal-mixi, ingases, sidings u punti tal-qbid

2.2.3. Konnessjonijiet bejn binarji tal-mixi

2.2.4. Postijiet prinċipali (stazzjonijiet, btieħi, junctions, terminali tal-merkanzija)

2.2.5. Pożizzjoni u tifsiriet tas-sinjali fissi kollha

2.3 **Dijagrammi ta' stazzjon/bitħa/depot (N.B. japplikaw biss għall-postijiet disponibbli għat-traffiku interoperabbli).**

Informazzjoni li għandha tiġi identifikata fuq dijagrammi speċifiċi għall-pożiżżjoni, supplementati kif meħtieġ bit-test

2.3.1. Isem tal-post

2.3.2. Kodiċi tal-identità tal-post

2.3.3. Tip ta' post (terminal tal-passiġġieri, terminal tal-merkanzija, bitħa, depot)

2.3.4. Post u tifsiriet tas-sinjali fissi kollha

2.3.5. Identifikazzjoni u pjanta tal-binarji, inklużi punti tal-qbid

2.3.6. Identifikazzjoni ta' pjattaformi

2.3.7. Tul tal-pjattaformi

2.3.8. Gholi tal-pjattaformi

2.3.9. Identifikazzjoni tas-sidings

2.3.10. Tul tas-sidings

2.3.11. Disponibbiltà tal-provvista tal-elettriku fuq l-art

2.3.12. Distanza bejn it-tarf tal-pjattaforma u ċ-ċentru tal-binarju, paralleli mal-wiċċ tal-mixi

2.3.13. (Għall-istazzjonijiet tal-passiġġieri) Disponibbiltà tal-aċċess għall-persuni b'diżabilità

PARTI 3. INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA DWAR SEGMENT TA' BINARJU

3.1. **Karatteristiċi Ġenerali**

3.1.1. Pajjiż

3.1.2. Kodiċi tal-identifikazzjoni ta' segment tal-binarju: kodiċi nazzjonali

3.1.3. Estremità tas-segment tal-binarju 1

3.1.4. Estremità tas-segment tal-binarju 2

3.1.5. Ħinijiet tal-ftuħ għat-traffiku (ħinijiet, jiem, arranġamenti speċjali għall-btajjel)

3.1.6. Indikazzjonijiet ma' ġenb il-binarji (frekwenza, dehra u pożizzjonar)

3.1.7. Tip ta' traffiku (imħallat, passiġġieri, merkanzija, …)

3.1.8. Veloċità(jiet) massima(i) permissibbli

3.1.9. Kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa għal raġunijiet ta' sigurtà

3.1.10. Rekwiżiti operattivi lokali speċifiċi (inklużi kwalunkwe kwalifiki speċjali tal-persunal)

3.1.11. Restrizzjonijiet speċjali għall-oġġetti perikolużi

3.1.12. Restrizzjonijiet speċjali tat-tagħbija

3.1.13. Mudell ta' avviż ta' xogħlijiet temporanji (u kif jinkiseb)

3.1.14. Indikazzjoni li s-segment tal-Binarju hu konġestjonat (l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2001/14/KE)

3.2. **Karatteristiċi Tekniċi Speċifiċi**

3.2.1. Verifika KE għat-TSI tal-Infrastruttura

3.2.2. Data tal-bidu tal-użu tas-servizz bħala binarju interoperabbli

3.2.3. Lista ta' każijiet speċifiċi possibbli

3.2.4. Lista ta' derogi speċifiċi possibbli

3.2.5. Gejġ tal-binarju

3.2.6. Gejġ tal-istruttura

3.2.7. Tagħbija massima tal-fus

3.2.8. Tagħbija massima għal kull metru lineari

3.2.9. Forzi trażversali tal-binarji

3.2.10. Forzi lonġitudinali tal-binarji

3.2.11. Raġġ minimu tal-kurvatura

3.2.12. Perċentwali tal-pendil

3.2.13. Pożizzjoni tal-pendil

3.2.14. Għal sistema tal-brejk li ma tużax adeżjoni mal-binarji tar-roti, sforz tal-ibbrejkjar aċċettat

3.2.15. Pontjiet

3.2.16. Vjadotti

3.2.17. Mini

3.2.18. Kummenti

3.3. **Subsistema tal-enerġija**

3.3.1. Verifika KE għat-TSI tal-Enerġija

3.3.2. Data tal-bidu tal-użu bħala binarju interoperabbli

3.3.3. Lista ta' każijiet speċifiċi possibbli

3.3.4. Lista ta' derogi speċifiċi possibbli

3.3.5. Tip ta' sistema tal-provvista tal-enerġija (eż. xejn, linji fl-ajru, it-tielet binarju)

3.3.6. Frekwenza tas-sistema tal-provvista tal-elettriku (eż. AC, DC)

3.3.7. Vultaġġ minimu

3.3.8. Vultaġġ massimu

3.3.9. Restrizzjoni relatata mal-konsum tal-elettriku ta' unità(jiet) speċifiċi elettriċi tal-ġbid

3.3.10. Restrizzjoni relatata mal-pożizzjoni ta' unità(jiet) tal-Ġbid Multipla(i) għall-konformità mas-separazzjoni tal-binarju tal-kuntatt (pożizzjoni tal-pantografu)

3.3.11. Kif għandu jinkiseb l-iżolament elettriku

3.3.12. Għoli tal-wajer tal-kuntatt

3.3.13. Pendil permissibbli tal-wajer tal-kuntatt meta mqabbel mal-binarju u l-varjazzjoni tal-pendil

3.3.14. Tip ta' pantografi approvati

3.3.15. Forza statika minima

3.3.16. Forza statika massima

3.3.17. Pożizzjoni tas-sezzjonijiet newtrali

3.3.18. Informazzjoni dwar l-operat

3.3.19. Tbaxxija tal-pantografi

3.3.20. Kundizzjonijiet li japplikaw fir-rigward tal-ibbrejkjar riġenerattiv

3.3.21. Kurrent massimu permissibbli tal-ferrovija

3.4. **Subsistema tal-Kmand/tal-Kontroll u tas-Sinjalar**

3.4.1. Verifika KE għat-TSI tas-CCS

3.4.2. Data tal-bidu tal-użu bħala binarju interoperabbli

3.4.3. Lista ta' każijiet speċifiċi possibbli

3.4.4. Lista ta' derogi speċifiċi possibbli

ERTMS/ETCS

3.4.5. Livell tal-applikazzjoni

3.4.6. Funzjonijiet mhux obbligatorji installati ma' ġenb il-binarji

3.4.7. Funzjonijiet mhux obbligatorji meħtieġa abbord

3.4.8. In-numru tal-verżjoni tas-softwer

3.4.9. Data tal-bidu tal-użu ta' din il-verżjoni tar-radju

ERTMS/GSM-R

3.4.10. Funzjonijiet mhux obbligatorji kif speċifikati fl-FRS

3.4.11. Numru tal-verżjoni

3.4.12. Data tal-bidu tal-użu ta' din il-verżjoni

Għal ERTM/ETCS livell 1 bil-funzjoni infill

3.4.13. Implimentazzjoni teknika meħtieġa għall-vetturi ferrovjarji*fil-Klassi B, protezzjoni tal-ferroviji, sistema(i) tal-kontroll u tat-twissija*

3.4.14. Regoli nazzjonali għall-operat ta' sistemi fil-Klassi B (+ mod kif jinkisbu)

Sistema ta' Binarju

3.4.15. L-Istat Membru Responsabbli

3.4.16. Isem tas-sistema

3.4.17. Numru tal-Verżjoni tas-Softwer

3.4.18. Data tal-bidu tal-użu ta' din il-verżjoni

3.4.19. Tmiem tal-perjodu ta' validità

3.4.20. Bżonn għal iżjed minn sistema waħda attiva simultanjament

3.4.21. Sistema abbord

fil-Klassi B tas-sistemi tar-radju

3.4.22. L-Istat Membru Responsabbli

3.4.23. Isem tas-sistema

3.4.24. Numru tal-verżjoni

3.4.25. Data tal-bidu tal-użu ta' din il-verżjoni

3.4.26. Tmiem tal-perjodu tal-validità

3.4.27. Kundizzjonijiet speċjali għall-qlib bejn protezzjoni tal-ferrovija differenti fil-Klassi B, sistemi ta' kontroll u twissija

3.4.28. Kundizzjonijiet tekniċi speċjali meħtieġa għall-qlib bejn ERTMS/ETCS u Sistemi fil-Klassi B

3.4.29. Kundizzjonijiet speċjali għall-qlib fuq sistemi tar-radju differenti.

Moduli degradati tekniċi ta':

3.4.30. ERTM/ETCS

3.4.31. Sistema ta' protezzjoni, kontroll u twissija ferrovjarja fil-Klassi B

3.4.32. ERTM/GSM-R

3.4.33. Sistema tar-radju fil-Klassi B

3.4.34. Sinjalar ma' ġenb il-binarji.*Restrizzjonijiet tal-veloċità relatati ma' prestazzjoni tal-ibbrejkjar*

3.4.35. ERTM/ETCS

3.4.36. Protezzjoni ferrovjarja fil-Klassi B, sistemi ta' kontroll u ta' twissija.

Regoli nazzjonali għat-tħaddim ta' sistema fil-Klassi B

3.4.37. Regoli nazzjonali konnessi mal-prestazzjoni tal-ibbrejkjar

3.4.38. Regoli nazzjonali oħra, eż.: dejta li tikkorrispondi mal-fuljett UIC 512 (it-tmien edizzjoni ta' 1.1.79 u 2 Emendi)

EMC Suxxettibbiltà tal-Kmand/Kontroll u s-sinjalar min-naħa tal-infrastruttura

3.4.39. Rekwiżit li għandu jiġi speċifikat skont l-Istandards Ewropej

3.4.40. Permess li jintuża brejk tal-kurrent Eddy

3.4.41. Permess li jintuża brejk manjetiku

3.4.42. Rekwiżiti għal soluzzjonijiet tekniċi li jikkonċernaw id-derogi implimentati

3.5. **Subsistema tal-Operat u l-Maniġment tat-Traffiku**

3.5.1. Verifika KE għat-TSI tal-OPE

3.5.2. Data tal-bidu tal-użu bħala binarju interoperabbli

3.5.3. Lista ta' każijiet speċifiċi possibbli

3.5.4. Lista ta' derogi speċifiċi possibbli

3.5.5. Lingwa użata għal komunikazzjonijiet kritiċi tas-sigurtà mal-persunal tal-mexxej tal-infrastruttura

3.5.6. Kundizzjonijiet klimatiċi speċjali u arranġamenti assoċjati

ANNESS E

LINGWA U LIVELL TA' KOMUNIKAZZJONI

Il-kwalifika orali f'lingwa tista' tiġi sub-diviża f'ħames livelli:

Livell	Deskrizzjoni
5	— J(t)ista' j(t)adatta l-mod kif j(t)itkellem ma' kwalunkwe interlokutur — Kapaċi j(t)ressaq opinjoni — kapaċi j(t)innegozja — kapaċi j(t)ipperswadi — kapaċi j(t)agħti pariri
4	— kapaċi j(t)ittratta sitwazzjonijiet totalment mhux previsti — kapaċi j(t)agħmel preżunzjonijiet — kapaċi j(t)esprimi opinjoni raġunata
3	— kapaċi j(t)ittratta sitwazzjonijiet prattiċi li jinvolvu element mhux previst — kapaċi j(t)iddeskrivi — kapaċi j(ż)żomm konverżazzjoni sempliċi għaddejja
2	— kapaċi j(t)ittratta sitwazzjonijiet prattiċi sempliċi — kapaċi j(t)agħmel mistoqsijiet — kapaċi j(t)wieġeb mistoqsijiet
1	— kapaċi j(t)itkellem bl-użu ta' sentenzi memorizzati

Dan l-anness hu pożizzjoni provviżorja. Biċċa xogħol iżjed dettaljata qed titħejja u tkun disponibbli għal reviżjoni fil-ġejjieni ta' din it-TSI.

Hemm ukoll pjanijiet biex tiġi inkorporata għodda li għandha tintuża fil-valutazzjoni tal-livell ta' kompetenza ta' individwu. Dan għandu jkun disponibbli f'verżjoni fil-ġejjieni ta' din it-TSI.

ANNESS F

LINJI GWIDA TA' VALUTAZZJONI TA' SUBSISTEMA TAL-OPERAT U L-MANIĠMENT TAT-TRAFFIKU

(L-użu tal-espressjoni "Stat Membru" meta tittieħed fil-kuntest ta' dan il-modulu tfisser l-Istat Membru jew korp ieħor appuntat minnu, li jwettaq il-valutazzjoni).

1. Dan l-anness jistabbilixxi linji gwida biex jiffaċilita valutazzjonijiet mill-Istati Membri sabiex jikkonfermaw li l-proċess(i) operattiv(i) propost(i):

— jikkonforma(w) ma' din it-TSI u juri(u) li r-rekwiżiti essenzjali ([1]) tad-Direttiva 2001/16/KE (u kwalunkwe emendi inklużi fid-Direttiva 2004/50/KE) jkunu ntlaħqu,

— jikkonforma(w) mar-regolamenti l-oħra kif suppost, inkluża d-Direttiva 2004/49/KE,

u jista'(jistgħu) jibda(ew) jintuża(w)

2. Il-Mexxej tal-Infrastruttura jew l-Impriża Ferrovjarja kkonċernata għandhom jipprovdu lill-Istat Membru dokumentazzjoni xierqa (kif deskritta fil-Klawżola 3 isfel) li tiddeskrivi l-proċess(i) operattiv(i) ġdid (ġodda) jew emendat(i).

Id-dokumentazzjoni provduta dwar il-ħolqien u l-iżvilupp tal-proċess(i) operattiv(i) ġdid (ġodda) jew emendat(i) għandha tkun dettaljata biżżejjed sabiex tippermetti lill-Istat Membru jifhem ir-raġuni wara l-proposta. Addizzjonalment, meta s-subsistemi jkunu qed jiġu aġġornati jew imġedda, is-sottomissjoni għandha tinkludi wkoll l-informazzjoni miġbura mill-esperjenza operattiva.

Id-dokumentazzjoni tista' tiġi provduta jew stampata jew b'mezz informatiku (jew kombinazzjoni tat-tnejn). L-Istat Membru jista' jitlob iżjed kopji jekk ikunu meħtieġa għat-twettiq tal-valutazzjoni.

3. Dettalji tal-valutazzjoni

3.1. Id-dokumentazzjoni li tiddeskrivi l-proċess(i) operattiv(i) konċernat(i) għandu jkun fiha mill-inqas dawn l-elementi:

— deskrizzjoni ġenerali tal-organizzazzjoni tal-attivitajiet tal-Mexxej tal-Infrastruttura jew l-Impriża Ferrovjarja (ħarsa ġenerali tal-maniġment/sorveljanza u funzjonalità), flimkien ma' dettall tal-kundizzjonijiet u l-qafas li fih il-proċess(i) operattiv(i) li għandu(hom) jiġi(u) valutat(i) għandhom jintużaw u jithaddmu;

— dettalji tal-proċessi operattivi rilevanti kollha meħtieġa biex jitwettqu (tipikament proċeduri, struzzjonijiet, programmi tal-kompjuter, eċċ.);

— deskrizzjoni ta' kif il-proċess(i) operattiv(i) konċernat(i) għandu(hom) jiġi(u) implimentat(i), użat(i) u kkontrollat(i), inkluża analiżi ta' kwalunkwe tagħmir speċifiku li għandu jintuża;

— dettalji tan-nies li se jintlaqtu mill-proċess(i) operattiv(i), it-taħriġ u/jew il-briefing li għandu jsir u kwalunkwe valutazzjoni ta' riskju għall-esponiment personali li għalih jistgħu jkunu soġġetti n-nies;

— proċedura ta' kif l-emendi u l-aġġornamenti sussegwenti fil-proċess(i) operattiv(i) għandhom jiġu mmaniġġjati (NOTA: dan ma jinkludi kwalunkwe bidliet ewlenin jew proċess(i) ġdid (ġodda) fil-ġejjieni - f'dan il-każ, tkun applikabbli sottomissjoni ġdida skont dawn il-linji gwida);

— dijagramma li turi kif l-informazzjoni meħtieġa miġbura mill-esperjenza (u kull informazzjoni oħra relatata mal-operat) tidħol ġewwa, barra u madwar l-organizzazzjoni operattiva tal-Mexxej tal-Infrastruttura jew l-Impriża Ferrovjarja għall-appoġġ tal-proċessi operattivi rilevanti;

— deskrizzjonijiet, spjegazzjonijiet u r-rekords kollha meħtieġa għall-fehim tal-ħolqien u l-iżvilupp tal-proċess(i) operattiv(i) ġdid (ġodda) jew emendat(i) konċernat(i) (NOTA: għall-proċessi Kritiċi tas-Sigurtà, dan għandu jinkludi valutazzjoni tar-riskji assoċjati mal-implimentazzjoni tal-proċess(i) ġdid (ġodda)/emendat(i));

— wiri ta' konformità bejn il-proċess(i) operattiv(i) konċernat(i) mar-rekwiżiti tat-TSI;

dawn l-elementi għandhom jiġu provduti wkoll, fejn rilevanti:

— lista tal-ispeċifikazzjonijiet jew standards Ewropej, skont liema jkunu ġew validati l-proċessi operattivi rilevanti tas-subsistema u l-prova ta' din il-konformità;

([1]) Ir-rekwiżiti essenzjali huma riflessi fil-parametri tekniċi, l-interfejsis u r-rekwiżiti tal-prestazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu 4 tat-TSI.

— prova ta' konformità ma' regolamenti oħra li joħorġu mit-trattat (inklużi ċertifikati)

— kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet speċifiċi ta' proċessi operattivi rilevanti

3.2. L-Istat Membru għandu:

— jidentifika d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TSI, li magħhom għandu(hom) jikkonforma(w) il-proċess(i) operattiv(i);

— jivverifika li d-dokumentazzjoni provduta tkun kompluta u skont l-Artikolu 3.1.;

— jeżamina d-dokumentazzjoni provduta u jevalwa jekk:

  — il-proċess(i) operattiv(i) konċernat(i) jikkonforma(w)x mar-rekwiżiti rilevanti tat-TSI;

  — il-ħolqien u l-iżvilupp tal-proċess(i) operattiv(i) ġdid (ġodda) jew rivedut(i) (inkluża kwalunkwe valutazzjoni tar-riskji) ikunux b'saħħithom u ġew immaniġġjati b'mod ikkontrollat;

  — l-arranġamenti għall-implimentazzjoni u l-użu/il-kontroll sussegwenti tal-proċess(i) operattiv(i) għandhom jiżguraw konformità kontinwa mar-rekwiżiti rilevanti tat-TSI

— jiddokumenta (f'rapport ta' valutazzjoni, ara l-Artikolu 4 isfel) s-sejbiet tiegħu fir-rigward tal-konformità mal-proċess(i) operattiv(i) mad-dispożizzjonijiet tat-TSI.

4. Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jinkludi mill-inqas din l-informazzjoni:

— dettalji tal-Mexxej tal-Infrastruttura/l-Impriża Ferrovjarja kkonċernata,

— deskrizzjoni tal-proċess(i) operatti(i) li jkun(u) ġie (ġew) valutat(i), inklużi dettalji ta' kwalunkwe proċeduri, struzzjonijiet, programmi tal-kompjuter speċifiċi kkonċernati;

— deskrizzjoni ta' dawk l-elementi relatati mal-kontroll u l-użu tal-proċess(i) operattiv(i) kkonċernat(i), inklużi s-sorveljanza, il-feedback u l-aġġustament,

— kwalunkwe spezzjoni sussidjarja u rapporti ta' verifika mfassla b'rabta mal-valutazzjoni

— konferma li l-proċess(i) operattiv(i) konċernat(i) u l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħhom jiżguraw konformità mar-rekwiżiti xierqa msemmija fit-taqsimiet rilevanti tat-TSI, inklużi kwalunkwe riżervi li jibqgħu fil-konklużjoni tal-valutazzjoni.

— Dikjarazzjoni ta' kwalunkwe kundizzjonijiet u limiti (inklużi kwalunkwe restrizzjonijiet xierqa biex jiġu ndirizzati kwalunkwe riżervi) għall-implimentazzjoni tal-proċess(i) operattiv(i) rilevanti,

— l-isem u l-indirizz tal-Istat Membru involut fil-valutazzjoni u d-data tat-tlestija tar-rapport.

Jekk il-Mexxej tal-Infrastruttura/l-Impriża Ferrovjarja jinċaħdu l-awtorizzazzjoni/iċ-ċertifikazzjoni għall-implimentazzjoni tal-proċessi operattivi rilevanti fuq il-bażi tar-rapport tal-valutazzjoni, l-Istat Membru għandu jipprovdi raġunijiet dettaljati għal din iċ-ċaħda skont id-Direttiva 2004/49/KE.

ANNESS G

LISTA INFORMATTIVA U MHUX OBBLIGATORJA TA' ELEMENTI LI GĦANDHOM JIĠU VERIFIKATI GĦAL KULL PARAMETRU BAŻIKU

Dan l-Anness jinsab fi stadju bikri tal-iżvilupp u jirrikjedi iżjed xogħol; hu inkluż bħala abbozz ta' ħidma.

B'rabta mal-proċessi ta' ċertifikazzjoni u awtorizzazzjoni deskritti fl-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 2004/49/KE, dan l-anness jiddeskrivi din l-informazzjoni ta' appoġġ:

— **A** – oġġett li hu ta' natura organizzattiva jew dwar prinċipji u għandu jiġi inkluż fis-Sistema tal-Maniġment tas-Sigurtà

— **B** – oġġett li hu proċedura dettaljata jew proċess operattiv b'appoġġ tal-prinċipji organizzattivi fl-SMS u li hu applikabbli biss fl-Istat Membru

Parametri li għandhom jiġu valutati	Elementi li għandhom jiġu verifikati għal kull parametru	Referenza TSI	Applikabbli għal		A/B
			IF	MI	
Dokumentazzjoni għax-Xufiera	Proċess għall-kumpilazzjoni tal-Ktieb tar-Regoli tax-Xufier (inkluża traduzzjoni tal-lingwa [fejn applikabbli] u proċess ta' validazzjoni	4.2.1.2.1.	X		A
	Proċess għal MI (Mexxej tal-Infrastruttura) biex jipprovdi lill-IF (Impriża Ferrovjarja) bl-informazzjoni xierqa	4.2.1.2.1.		X	A
	Il-kontenut tal-Ktieb tar-Regoli tax-Xufier inklużi rekwiżiti minimi ta' din it-TSI u proċeduri speċifiċi meħtieġa mill-MI	4.2.1.2.1.	X		B
	Proċess għall-kumpilazzjoni tal-Ktieb tar-Rotta tax-Xufier (u proċess ta' validazzjoni)	4.2.1.2.2.1.	X		A
	Kontenut tal-Ktieb tar-Rotta tax-Xufier inklużi rekwiżiti minimi ta' din it-TSI	4.2.1.2.2.1.	X		B
	Proċess għal MI biex javża lill-IF bil-bidliet fir-regoli/informazzjoni operattivi	4.2.1.2.2.2.		X	A
	Proċess għall-ġbir tal-bidliet f'dokument dedikat	4.2.1.2.2.2.	X		A
	Proċess biex ix-xufiera jiġu avżati f'ħin reali dwar bidliet	4.2.1.2.2.3.		X	A
	Proċess għall-provvista lix-xufiera ta' informazzjoni dwar l-iskeda tal-ferrovija	4.2.1.2.3.	X		A
	Proċess għall-provvista lix-xufiera ta' informazzjoni dwar il-vetturi ferrovjarji	4.2.1.2.4.	X		A
	Proċess għall-kumpilazzjoni ta' regoli u proċeduri speċifiċi għall-post (inkluż proċess ta' validazzjoni) *persunal tal-art*	4.2.1.3.	X		B
Dokumentazzjoni għall-persunal tal-MI li jawtorizza l-movimenti ferrovjarji	Proċess għall-komunikazzjoni relatata mas-sigurtà bejn il-persunal tal-MI u l-IF	4.2.1.4.		X	A
Komunikazzjoni relatata mas-sigurtà bejn il-persunal tal-IF u l-MI	Proċess għall-iżgurar li l-persunal japplika l-metodoloġija tal-komunikazzjoni operattiva kif speċifikata fl-Anness C ta' din it-TSI	4.2.1.5., 4.6.1.3.1.	X		A
				X	A
Viżibbiltà tal-Ferrovija	Proċess li jiżgura li d-dawl fit-tarf ta' quddiem tal-ferrovija jikkonforma mar-rekwiżiti ta' din it-TSI	4.2.2.1.2., 4.3.3.4.1.	X		A
	Proċess li jiżgura li l-indikazzjoni tat-tarf ta' wara tal-ferrovija jikkonforma mar-rekwiżiti ta' din it-TSI	4.2.2.1.3.	X		
Kemm tinstema' ferrovija	Proċess li jiżgura li kemm jinstemgħu l-ferroviji jikkonforma mar-rekwiżiti ta' din it-TSI	4.2.2.2., 4.3.3.5.	X		A

Parametri li għandhom jiġu valutati	Elementi li għandhom jiġu verifikati għal kull parametru	Referenza TSI	Applikabbli għal		A/B
			IF	MI	
Identifikazzjoni tal-Vetturi	Proċess li juri l-konformità mal-Anness P ta' din it-TSI	4.2.2.3.	X		A
Tagħbija tal-vetturi tal-merkanzija	Kumpilazzjoni ta' Regoli tat-Tagħbija li għandhom jiġu applikati mill-persunal tal-IF	4.2.2.4.	X		A
Kompożizzjoni tal-ferrovija	Proċess għall-kumpilazzjoni ta' Regoli tal-Kompożizzjoni tal-Ferrovija (inkluż proċess ta' validazzjoni)	4.2.2.5.	X		A
	Kontenut tar-Regoli tal-Kompożizzjoni Ferrovjarja inklużi rekwiżiti minimi speċifikati f'din it-TSI	4.2.2.5.	X		B
Rekwiżiti tal-ibbrejkjar	Proċess li jiżgura l-provvista ta' informazzjoni relatata mar-rotta meħtieġa għall-kalkoli tal-prestazzjoni tal-ibbrejkjar jew provvista tal-prestazzjoni attwali meħtieġa	4.2.2.6.2.		X	A
	Proċess għall-kalkolu jew il-provvista tal-prestazzjoni tal-brejk meħtieġa ("Regoli tal-Ibbrejkjar")	4.2.2.6.2., 4.3.2.1.	X		B
Responsabbiltà li jiġi żgurat li l-ferrovija tinsab f'kundizzjoni tajba	Definizzjoni tat-tagħmir relatat mas-sigurtà fuq il-ferrovija meħtieġ biex jiżgura li l-ferrovija tkun sigura biex taħdem	4.2.2.7.1.	X		B
	Proċess biex jiġi żgurat li kwalunkwe modifika fil-karatteristiċi tal-ferrovija li jaffettwaw il-prestazzjoni tagħha jiġu identifikati, u li din l-informazzjoni tiġi provduta lill-MI	4.2.2.7.1.	X		A
	Proċess li jiżgura li l-informazzjoni dwar l-operat tal-ferrovija tkun disponibbli lill-MI qabel it-tluq	4.2.2.7.2.	X		A
Ippjanar tal-Ferrovija	Proċess li jiżgura li l-IF jipprovdi dejta lill-MI meta jitlob rotta ta' ferrovija	4.2.3.1.		X	A
Identifikazzjoni tal-Ferroviji	Proċess għall-għoti ta' numri tal-identifikazzjoni tal-ferrovija uniċi u mhux ambigwi	4.2.3.2.		X	A
Proċeduri tat-Tluq	Definizzjoni ta' verifiki u testijiet ta' qabel it-tluq	4.2.3.3.1.	X		B
	Proċess għar-rappurtaġġ ta' fatturi li jistgħu jaffettwaw il-mixi tal-ferrovija	4.2.3.3.2.	X		A
Maniġment tat-Traffiku	Provvista ta' mezzi għar-reġistrazzjoni ta' informazzjoni f'ħin reali, inkluża d-dejta minima meħtieġa skont din it-TSI	4.2.3.4.1.		X	B
	Definizzjoni ta' proċeduri għall-kontroll u s-sorveljanza tal-operat tat-traffiku	4.2.3.4.2.1.		X	B
	Proċess li jiżgura l-maniġment tal-bidliet fil-kundizzjonijiet tal-binarji u l-karatteristiċi tal-ferrovija	4.2.3.4.2.		X	B
	Proċess għall-indikazzjoni tal-ħin stmat li ferrovija għandha tingħata minn MI lil MI	4.2.3.4.2.2.		X	B
Oġġetti Perikolużi	Proċess li jiżgura s-sorveljanza ta' oġġetti perikolużi, inklużi rekwiżiti minimi ta' din it-TSI	4.2.3.4.3.	X		A
Kwalità operattiva	Proċess għas-sorveljanza tal-operat effiċjenti tas-servizzi kollha kkonċernati u għall-komunikazzjoni tat-tendenzi għall-MI u l-IF rilevanti kollha	4.2.3.4.4.	X		B
				X	B

Parametri li għandhom jiġu valutati	Elementi li għandhom jiġu verifikati għal kull parametru	Referenza TSI	Applikabbli għal		A/B
			IF	MI	
Reġistrazzjoni tad-Dejta	Il-lista tad-dejta li għandha tiġi rreġistrata barra l-ferrovija tinkludi lista minima ta' oġġetti meħtieġa skont din it-TSI.	4.2.3.5.1.		X	A
	Il-lista tad-dejta li għandha tiġi rreġistrata ġewwa l-ferrovija tinkludi lista minima ta' oġġetti meħtieġa skont din it-TSI	4.2.3.5.2., 4.3.2.3.	X		A
Operat degradat	Proċess li permezz tiegħu utenti oħra jiġu nfurmati b'disturbi li aktarx li jikkawżaw tfixkil fis-servizzi	4.2.3.6.2.		X	A
			X		A
	Definizzjoni ta' struzzjonijiet li għandhom jingħataw minn MI lix-xufiera tal-ferrovija fil-ħinijiet tat-tfixkil fis-servizz	4.2.3.6.3.		X	B
	Definizzjonijiet ta' miżuri xierqa li jindirizzaw xenarji ta' tfixkil fis-servizz identifikati, inklużi rekwiżiti minimi mniżżla f'din it-TSI	4.2.3.6.4.		X	B
Maniġment ta' Sitwazzjoni ta' Emerġenza	Proċess li jiddefinixxi u jippubblika miżuri ta' kontinġenza għall-maniġment tas-servizzi ta' emerġenza	4.2.3.7.		X	A
	Proċess għall-provvista ta' struzzjonijiet tal-emerġenza u tas-sigurtà għall-passiġġieri	4.2.3.7.	X		A
Għajnuna lill-ekwipaġġ tal-ferrovija f'każ ta' inċident ewlieni	Proċess għall-assistenza tal-ekwipaġġ tal-ferrovija f'sitwazzjonijiet degradati sabiex jiġi evitat id-dewmien	4.2.3.8.	X		A
Kompetenza professjonali u lingwistika	Proċess għall-valutazzjoni ta' għarfien professjonali skont ir-rekwiżiti minimi ta' din it-TSI	4.6.1.1.	X		A
				X	A
	Definizzjoni ta' sistema tal-maniġment tal-kwalifiki li tiżgura l-kapaċità tal-persunal li jpoġġi l-għarfien fil-prattika skont ir-rekwiżiti minimi ta' din it-TSI	4.6.1.2.	X		A
				X	A
	Proċess għall-valutazzjoni tal-kapaċità lingwistika biex jintlaħqu r-rekwiżiti minimi ta' din it-TSI	4.6.2.	X		A
				X	A
	Definizzjoni tal-proċess ta' valutazzjoni għall-ekwipaġġ tal-ferrovija, inklużi: Kwalifiki, proċeduri u lingwi bażiċi Għarfien tar-rotta Għarfien tal-vetturi ferrovjarji Kwalifika speċjali (eż. mini twal)	4.6.3.1., 4.6.3.2.3.	X		A
				X	A
	Definizzjoni ta' analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ u tal-kompetenza għall-persunal b'obbligi kritiċi għas-sigurtà, li jqisu r-rekwiżiti minimi ta' din it-TSI.	4.6.3.2.	X		A
				X	A

Parametri li għandhom jiġu valutati	Elementi li għandhom jiġu verifikati għal kull parametru	Referenza TSI	Applikabbli għal		A/B
			IF	MI	
Kundizzjonijiet tas-Saħħa u s-Sigurtà	Proċess li jiżgura l-benessri mediku tal-persunal, inklużi kontrolli tal-effetti tad-drogi u l-alkoħol fuq il-prestazzjoni operattiva	4.7.1.	X		A
				X	A
	Determinazzjoni ta' kriterji għal: Approvazzjoni ta' tobba tax-xogħol u organizzazzjonijiet mediċi Approvazzjoni ta' psikologi Eżami mediku u psikoloġiku	4.7.2., 4.7.3., 4.7.4.	X		A
				X	A
	Determinazzjoni ta' rekwiżiti mediċi, inklużi — Saħħa ġenerali — Vista — Smigħ — Tqala (xufiera)	4.7.5.	X		A
				X	A
	Rekwiżiti speċjali għax-xufiera: — Vista — Rekwiżiti tas-smigħ/tat-taħdit — antropometrika	4.7.6.	X		A

ANNESS H

ELEMENTI MINIMI RILEVANTI GĦALL-KWALIFIKI PROFESSJONALI GĦAS-SEWQAN TA' FERROVIJA

1. **rekwiżiti ġenerali**

— Dan l-Anness, li għandu jinqara b'rabta mas-Subartikoli 4.6. u 4.7., hu lista tal-elementi meqjusa rilevanti għas-sewqan ta' ferrovija fuq it-TEN.

Għandu jiġi osservat li filwaqt li dan id-dokument hu komplut kemm jista' jkun f'termini ta' lista ġeneralment applikabbli, hemm termini addizzjonali, ta' natura lokali/nazzjonali, li jkollhom jiġu kkunsidrati wkoll.

— L-espressjoni "kwalifika professjonali", meħuda fil-kuntest ta' din it-TSI, tirreferi għal dawk l-elementi li huma importanti għall-iżgurar li l-persunal operattiv ikun imħarreġ u kapaċi jifhem u jwettaq l-elementi ta' dan ix-xogħol.

— Japplikaw regoli u proċeduri għax-xogħol li jkun qed jitwettaq u għall-persuna li tkun qed twettaq ix-xogħol. Dan ix-xogħol jista' jitwettaq minn kwalunkwe persuna kwalifikata awtorizzata bi kwalunkwe isem, titolu tax-xogħol jew grad użat fir-regoli jew il-proċeduri jew mill-kumpanija individwali.

— Kwalunkwe persuna kwalifikata awtorizzata għandha twettaq ir-regoli u l-proċeduri kollha marbuta max-xogħol li jkun qed jitwettaq.

2. **Għarfien professjonali**

Kwalunkwe awtorizzazzjoni tirrikjedi eżami inizjali li wieħed jgħaddi minnu b'suċċess u dispożizzjonijiet għall-valutazzjoni u t-taħriġ kontinwi kif deskritti fis-Subartikolu 4.6.

2.1. *Għarfien professjonali ġenerali*

— Prinċipji ġenerali tal-maniġment tas-sigurtà fis-sistema ferrovjarja, rilevanti għall-kompitu, inklużi interfejsis ma' subsistemi oħra

— Kundizzjonijiet ġenerali rilevanti għas-sigurtà tal-passiġġieri u/jew tat-tagħbija u tal-persuni fuq jew madwar il-binarju ferrovjarju

— Kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol

— Prinċipji ġenerali tas-sigurtà tas-sistema ferrovjarja

— Sigurtà personali anki meta wieħed ikun ħiereġ mill-kabina tas-sewqan fuq il-binarju tal-mixi

— Prinċipji ġenerali ta' tagħbija sigura tal-ferrovija (operaturi tal-merkanzija)

— Kompożizzjoni tal-ferrovija (*kif meħtieġa mill-kumpanija*)

— Għarfien tal-prinċipji elettriċi fir-rigward tal-vetturi ferrovjarji u l-infrastruttura.

2.2. *Għarfien ta' proċeduri operattivi u sistemi tas-sigurtà applikati għall-infrastruttura li għandha tintuża*

— Proċeduri operattivi u regoli tas-sigurtà

— Sistema tal-kmand tal-kontroll u tas-sinjalar inklużi indikazzjonijiet tas-sinjalar tal-kabina relatati

— Regolamenti għas-sewqan ta' ferrovija f'kundizzjonijiet normali, degradati u ta' emerġenza

— Prinċipji tal-komunikazzjonijiet u proċedura ta' messaġġi formalizzati inkluż l-użu ta' tagħmir tal-komunikazzjoni

— Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet differenti ta' persuni involuti fil-proċess operattiv

— Dokumenti u informazzjoni oħra relatati mal-kompitu inklużi pariri addizzjonali dwar il-kundizzjonijiet attwali, eż. dwar limiti tal-veloċità jew sinjalar temporanju rċevut qabel it-tluq

2.3. *Għarfien tal-vetturi ferrovjarji*

— Tagħmir tal-unità tal-ġbid rilevanti għall-kompitu tas-sewqan:

  — Partijiet kostitwenti u l-iskop tagħhom

  — Tagħmir tal-komunikazzjoni u tal-emerġenza

  — Strumenti tal-kontroll u indikaturi mpoġġija għad-dispożizzjoni tax-xufier u li jikkonċernaw elementi tal-ġbid, tal-ibbrejkjar u relatati mas-sigurtà tat-traffiku

— Tagħmir tal-vetturi rilevanti għall-kompitu tas-sewqan:

  — Partijiet kostitwenti u l-iskop tagħhom

  — Strumenti tal-kontroll u indikaturi mpoġġija għad-dispożizzjoni tax-xufier li jikkonċernaw l-ibbrejkjar u elementi relatati mas-sigurtà tat-traffiku

  — Tifsira ta' marki fuq ġewwa u fuq barra tal-vetturi u s-simboli użati għat-trasport ta' oġġetti perikolużi

3. **Għarfien tar-rotta**

L-għarfien tar-rotta jinkludi l-għarfien speċifiku u/jew l-esperjenza tal-karatteristiċi individwali ta' rotta li xufier għandu jkollu qabel ma jiġi permess isuq ferrovija fuqha bir-responsabbiltà tiegħu. Dan jinkludi l-għarfien meħtieġ minbarra l-informazzjoni mogħtija b'sinjali u dokumenti bħal orarji u dokumenti oħra abbord u flimkien mal-għarfien tal-attivitajiet u r-regoli tas-sigurtà li japplikaw għar-rotta u kif speċifikati fl-Artikolu 2.2. ta' dan l-Anness.

L-għarfien tar-rotta tkopri b'mod partikolari:

— Il-kundizzjonijiet tal-operat bħal: sinjalar u kontroll u komunikazzjonijiet

— Għarfien tal-pożizzjoni ta' sinjali, pendili wieqfa, u passaġġi invell

— Punti ta' tranżizzjoni bejn sistemi operattivi jew provvisti tal-elettriku differenti

— It-tip ta' provvista tal-enerġija tal-ġbid fuq il-binarju kkonċernat inkluża l-pożizzjoni ta' sezzjonijiet newtrali

— Arranġamenti operattivi u ta' emerġenza lokali

— Stazzjonijiet u punti ta' waqfien

— Impjanti lokali (depots, sidings …) kif meħtieġa mill-kumpanija.

4. **Kapaċità li l-għarfien jitqiegħed fil-prattika**

Il-persunal li jwettaq l-obbligi tas-sewqan tal-ferroviji għandu jkun kapaċi jwettaq dawn il-kompiti (skont l-attivitajiet tal-kumpanija)

4.1. *Ħejji għax-xogħol*

— Identifika l-karatteristiċi tax-xogħol li għandu jsir inkluż kwalunkwe dokument korrispondenti

— Żgura li d-dokumenti u t-tagħmir meħtieġa jkunu kompluti

— Ivverifika kwalunkwe rekwiżiti stabbiliti fid-dokumenti abbord

4.2. *Qabel it-tluq, wettaq it-testijiet u l-verifiki meħtieġa fuq l-unità tal-ġbid*

4.3. *Ħu sehem fil-verifika tal-operat tal-brejkijiet fil-ferrovija*

— Ivverifika qabel it-tluq, fuq il-bażi tad-dokumenti rilevanti, jekk il-prestazzjoni tal-brejk disponibbli tikkonformax ma' dak li hu meħtieġ għall-ferrovija u r-rotta li fuqha se timxi.

— Ikkontribwixxi għat-testijiet tal-brejk kif meħtieġa skont regoli operattivi rilevanti u vverifika l-ħidma korretta tas-sistema tal-brejk

4.4. *Suq il-ferrovija billi tosserva r-regolamenti xierqa tas-sigurtà, ir-regoli tas-sewqan u l-orarju*

— Jibda l-moviment tal-ferrovija biss jekk ir-rekwiżiti kollha provduti – speċjalment dejta tal-ferrovija - fir-regoli rilevanti jintlaħqu.

— Osserva s-sinjali ma' ġenb il-binarji u fl-istrumenti ta' ġol-kabina, ifhimhom mill-ewwel u b'mod korrett u rreaġixxi għalihom tajjeb waqt li tħaddem il-ferrovija.

— Ikkunsidra l-limitu tal-veloċità tal-ferrovija b'rabta mat-tip ta' ferrovija, il-karatteristiċi tal-binarju, l-unità tal-ġbid u kwalunkwe informazzjoni li biha jiġi provdut ix-xufier qabel it-tluq

4.5. *Aġixxi u rrapporta skont ir-regoli tal-applikazzjoni fil-każ ta' irregolaritajiet jew difetti jew tas-sistemi ma' ġenb il-binarji jew tal-vetturi ferrovjarji*

4.6. *Applika miżuri relatati ma' incidenti u aċċidenti operattivi, partikolarment dawk relatati mal-protezzjoni tal-ferrovija u man-nar jew oġġetti perikolużi*

— Ibda l-miżuri xierqa kollha għall-protezzjoni tal-passiġġieri u persuni oħra li jistgħu jkunu pperikolati. Ipprovdi l-informazzjoni meħtieġa u ħu sehem fl-evakwazzjoni tal-passiġġieri kif meħtieġ.

— Informa lill-Mexxej tal-Infrastruttura kif xieraq.

— Ikkomunika mal-persunal abbord (kif meħtieġ mill-Impriża Ferrovjarja).

— Applika r-regoli speċjali relatati mat-trasport ta' oġġetti perikolużi.

4.7. *Iddetermina l-kundizzjonijiet biex il-ferrovija tkompli timxi wara inċidenti li jaffettwaw il-vetturi ferrovjarji*

— Iddeċiedi skont il-proċeduri operattivi u fuq il-bażi ta' eżami personali jew pariri esterni, jekk il-ferrovija tistax tkompli timxi u liema xorta ta' kundizzjonijiet għandhom jiġu osservati.

— Ikkomunika mal-Mexxej tal-Infrastruttura kif meħtieġ skont ir-regoli operattivi.

4.8. *Ipparkja l-ferrovija u, meta tkun wieqfa, ħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-ferroviji jibqgħu wieqfa*

4.9. *Ikkomunika mal-persunal tal-Mexxej tal-Infrastruttura fuq l-art*

4.10. *Irrapporta kwalunkwe avvenimenti mhux tas-soltu li jikkonċernaw l-operat tal-ferrovija, il-kundizzjonijiet tal-infrastruttura eċċ.*

— Jekk ikun meħtieġ, dan ir-rapport għandu jsir bil-miktub, bil-lingwa magħżula mill-Impriża Ferrovjarja.

ANNESS I

MHUX UŻAT

ANNESS J

ELEMENTI MINIMI RILEVANTI GĦAL KWALIFIKA PROFESSJONALI GĦALL-KOMPITI ASSOĊJATI MA' "FERROVIJI LI JAKKUMPANJAW"

1. **Rekwiżiti ġenerali**

— Dan l-Anness, li għandu jinqara flimkien mas-Subartikoli 4.6. u 4.7., hu lista tal-elementi li huma meqjusa rilevanti għall-kompitu tal-akkumpanjament ta' ferrovija fuq it-TEN.

Għandu jiġi osservat li filwaqt li dan id-dokument hu komplut kemm jista' jkun f'termini ta' lista applikabbli b'mod ġenerali, għandu jkun hemm termini addizzjonali, ta' natura lokali/nazzjonali, li għandha titqies ukoll.

— L-espressjoni "kwalifika professjonali", meta meħuda fil-kuntest ta' din it-TSI, tirreferi għal dawk l-elementi li huma mportanti biex jiġi żgurat li l-persunal operattiv ikun imħarreġ u kapaċi jifhem u jwettaq l-elementi tax-xogħol.

— Japplikaw regoli u proċeduri għall-kompitu li jkun qed jitwettaq u għall-persuna li tkun qed twettaq il-kompitu. Dawn il-kompiti jistgħu jitwettqu minn kwalunkwe persuna kwalifikata awtorizzata mingħajr każ ta' kwalunkwe isem, titolu tal-impjieg jew grad użati fir-regoli jew il-proċeduri jew mill-kumpanija individwali.

— Kwalunkwe persuna kwalifikata awtorizzata għandha twettaq ir-regoli u l-proċeduri kollha relatati mal-kompitu li jkun qed jitwettaq.

2. **Għarfien professjonali**

Kwalunkwe awtorizzazzjoni tirrikjedi eżami inizjali li tgħaddi b'suċċess u dispożizzjonijiet għal valutazzjoni u taħriġ kontinwi kif deskritti fis-Subartikolu 4.6.

2.1. *Għarfien professjonali ġenerali*

— Prinċipji ġenerali tal-maniġment tas-sigurtà fis-sistema ferrovjarja, rilevanti għall-kompitu, inklużi interfejsis ma' subsistemi oħra

— Kundizzjonijiet ġenerali rilevanti għas-sigurtà tal-passiġġieri u/jew il-merkanzija u l-persuni fuq jew madwar il-binarju ferrovjarju

— Kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol

— Prinċipji ġenerali tas-sigurtà tas-sistema ferrovjarja

— Sigurtà personali anki meta wieħed ikun nieżel mill-ferrovija fuq il-pjattaforma

2.2. *Għarfien ta' proċeduri operattivi u sistemi tas-sigurtà applikati għall-infrastruttura li għandha tintuża*

— Proċeduri operattivi u regoli tas-sigurtà

— Sistema tal-kmand tal-kontroll u tas-sinjalar

— Prinċipji tal-komunikazzjonijiet u proċedura ta' messaġġi formalizzati inkluż l-użu ta' tagħmir tal-komunikazzjoni

2.3. *Għarfien ta' vetturi ferrovjarji*

— Tagħmir intern tal-vetturi tal-passiġġieri:

— Tiswija ta' difetti żgħar fiż-żoni tal-passiġġieri tal-vetturi ferrovjarji, kif mitluba mill-Impriża Ferrovjarja

2.4. *Għarfien tar-rotta*

— Arranġamenti operattivi (bħall-metodu tal-kunsinna tal-ferrovija) f'postijiet individwali (sinjalar, tagħmir tal-istazzjon eċċ.)

— Stazzjonijiet li fihom jistgħu jinżlu jew jitilgħu l-passiġġieri

— Arranġamenti operattivi u tal-emerġenza lokali speċifiċi għall-binarju(i) tar-rotta

3. **Kapaċità li l-għarfien jitpoġġa fil-prattika**

— Verifiki qabel it-tluq, inklużi testijiet tal-brejk u għeluq korrett tal-bibien.

— Proċessi tat-tluq.

— Komunikazzjoni ma' passiġġieri b'mod speċjali b'rabta ma' ċirkostanzi li jinvolvu s-sigurtà tal-passiġġieri.

— Attivitajiet degradati

— Valutazzjoni tal-potenzjal ta' difett fiż-żoni tal-passiġġieri u reazzjoni skont ir-regoli u l-proċeduri.

— Miżuri ta' protezzjoni u twissija kif meħtieġa skont ir-regoli u r-regolamenti jew għall-asisstenza tax-xufier.

— Evakwazzjoni tal-ferrovija u sigurtà tal-passiġġieri b'mod speċjali jekk jenħtieġ li jkunu fuq jew maġenb il-binarju.

— Komunikazzjoni mal-persunal tal-Mexxej tal-Infrastruttura meta jkunu qed jassistu lix-xufier jew waqt inċident ta' evakwazzjoni.

— Rapport ta' kwalunkwe okkorrenzi mhux tas-soltu li jikkonċernaw l-operat tal-ferrovija, il-kundizzjoni tal-vetturi ferrovjarji u s-sigurtà tal-passiġġieri. Jekk ikun meħtieġ, dawn ir-rapporti għandhom isiru bil-miktub, bil-lingwa magħżula mill-Impriża Ferrovjarja.

ANNESS K

MHUX UŻAT

ANNESS L

ELEMENTI MINIMI RILEVANTI GĦAL KWALIFIKA PROFESSJONALI GĦALL-KOMPITU TAT-TĦEJJIJA TAL-FERROVIJI

1. Rekwiżiti ġenerali

— Dan l-Anness, li għandu jinqara b'konnessjoni mas-Subartikolu 4.6., hu lista tal-elementi meqjusa rilevanti għall-kompitu tat-tħejjija ta' ferrovija fuq it-TEN.

Għandu jiġi osservat li filwaqt li dan id-dokument hu komplut kemm jista' jkun f'termini ta' lista applikabbli b'mod ġenerali, ikun hemm kwistjonijiet addizzjonali, ta' natura lokali/nazzjonali, li jridu jiġu kkunsidrati wkoll.

— L-espressjoni "kwalifika professjonali", meta meħuda fil-kuntest ta' din it-TSI, tirreferi għal dawk l-elementi li huma mportanti biex jiżguraw li l-persunal operattiv ikun imħarreġ u kapaċi jifhem u jwettaq l-elementi tal-kompitu.

— Japplikaw regoli u proċeduri għall-kompitu li jkun qed jitwettaq u għall-persuna li twettaq il-kompitu. Dawn il-kompiti jistgħu jitwettqu minn kwalunkwe persuna kwalifikata awtorizzata irrispettivament minn kwalunkwe isem, titolu tax-xogħol jew grad użat fir-regoli jew il-proċeduri jew mill-kumpanija individwali.

— Kwalunkwe persuna kwalifikata awtorizzata għandha twettaq ir-regoli u l-proċeduri kollha relatati mal-kompitu li jkun qed jitwettaq.

2. Għarfien professjonali

Kwalunkwe awtorizzazzjoni tirrikjedi eżami inizjali li tkun għaddiet b'suċċess u dispożizzjonijiet għall-valutazzjoni u t-taħriġ kontinwi kif deskritti fis-Subartikolu 4.6.

2.1. *Għarfien professjonali ġenerali*

— Prinċipji ġenerali tal-maniġment tas-sigurtà fi ħdan is-sistema ferrovjarja, rilevanti għall-kompitu, inklużi interfejsis ma' subsistemi oħra

— Kundizzjonijiet ġenerali rilevanti għas-sigurtà tal-passiġġieri u/jew il-merkanzija inkluż il-ġarr ta' oġġetti perikolużi u tagħbijiet eċċezzjonali

— Kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol

— Prinċipji ġenerali tas-sigurtà tas-sistema ferrovjarja

— Sigurtà personali meta wieħed ikun fuq jew viċin il-binarji ferrovjarji

— Prinċipji ta' komunikazzjonijiet u proċedura ta' messaġġi formalizzati inkluż l-użu ta' tagħmir tal-komunikazzjoni

2.2. *Għarfien ta' proċeduri operattivi u sistemi tas-sigurtà applikati għall-infrastruttura li għandha tintuża*

— Tħaddim ta' ferroviji f'kundizzjonijiet normali, degradati u ta' emerġenza

— Proċeduri operattivi f'postijiet individwali (tagħmir tas-sinjalar, tal-istazzjonijiet/tad-depots/tal-btieħi) u regoli tas-sigurtà

— Arranġamenti operattivi lokali

2.3. *Għarfien ta' tagħmir ferrovjarju*

— Skop u użu ta' tagħmir tal-vaguni u tal-vetturi

— Identifikazzjoni ta' u arranġament għal spezzjonijiet tekniċi.

3. **Kapaċità li l-għarfien jitqiegħed fil-prattika**

— Applikazzjoni ta' regoli tal-kompożizzjoni tal-ferroviji, regoli għall-ibbrejkjar tal-ferrovija, regoli għat-tagħbija tal-ferrovija eċċ., li tiżgura li l-ferrovija tkun f'kundizzjoni li taħdem

— Fehim tal-immarkar u t-tikketti fuq il-vetturi

— Proċess biex id-dejta tal-ferrovija tiġi determinata u ssir disponibbli

— Komunikazzjoni mal-ekwipaġġ tal-ferrovija

— Komunikazzjoni mal-persunal responsabbli għall-kontroll tal-moviment tal-ferroviji

— Operazzjonijiet degradati b'mod speċjali fejn dawn jaffettwaw it-tħejjija tal-ferroviji

— Miżuri ta' protezzjoni u ta' twissija kif meħtieġa skont ir-regoli u r-regolamenti jew l-arranġamenti lokali fil-pożizzjoni inkwistjoni

— Azzjonijiet li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' inċidenti li jinvolvu l-ġarr ta' oġġetti perikolużi (fejn rilevanti)

ANNESS M

MHUX UŻAT

ANNESS N

LINJI GWIDA TAL-IMPLIMENTAZZJONI

It-tabella isfel hi informattiva u telenka Artikoli mill-Kapitolu 4 u tidentifika kawża probabbli għal kull wieħed minnhom

Il-Kapitolu 4 Artikolu	Xogħol meħtieġ mill-MI (Mexxej tal-Infrastruttura) (Mexxej tal-Infrastruttura)/IF (Impriża Ferrovjarja) biex jikkonformaw mar-rekwiżiti	Kawża Tipika
4.2.1.2.1. Ktieb tar-Regoli	IF – Produzzjoni/reviżjoni ta' dokument jew mezz informatiku li fih proċeduri operattivi meħtieġa għall-ħdima fuq in-netwerk tal-MI	Bidla fl-istruzzjonijiet operattivi tan-netwerk
4.2.1.2.2.1. Tħejjija tal-Ktieb tar-Rotta	IF – Produzzjoni/reviżjoni ta' dokument jew mezz informatiku li fih deskrizzjoni tal-binarji li joperaw fuqhom	Bidla fl-infrastruttura tan-netwerk (eż. mudellar mill-ġdid tal-junctions, sinjalar mill-ġdid) li jirriżultaw f'informazzjoni emendata tar-rotta
4.2.1.2.2.2. Elementi Modifikati	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) li biha(om) dokument jew mezz informatiku jiġu provduti lix-xufiera biex jinfurmawhom bi kwalunkwe elementi [tar-rotta] emendati	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li tirriżulta fi rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.2.1.2.2.3. Informazzjoni lix-xufier f'ħin reali	MI – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) biex ix-xufiera jiġu avżati f'ħin reali bl-emendi kollha fl-arranġamenti tas-sigurtà [tar-rotta]	Bidla fl-istruttura organizzattiva tal-MI jew tal-IF, Li tirriżulta fi rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.2.1.2.3. Orarji	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għall-provvista lix-xufiera ta' informazzjoni dwar l-orarju, stampata jew elettronika	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' sistema tal-maniġment tat-traffiku (elettronika) ġdida
4.2.1.2.4. Vetturi Ferrovjarji	IF – Produzzjoni/reviżjoni ta' dokument jew mezz informatiku li fih proċeduri operattivi meħtieġa assoċjati mal-ħidma ta' vetturi ferrovjarji waqt sitwazzjonijiet degradati.	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li twassal fi rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' vetturi ferrovjarji ġodda/modifikati
4.2.1.3. Dokumentazzjoni għall-persunal tal-RU minbarra x-xufiera	IF – Produzzjoni/reviżjoni ta' dokument jew mezz informatiku li fih proċeduri operattivi meħtieġa għal persunal ieħor minbarra xufiera li jaħdmu fuq in-netwerk tal-MI.	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Bidla fl-infrastruttura tan-netwerk li twassal għal informazzjoni emendata dwar ir-rotta jew l-introduzzjoni ta' vetturi ferrovjari ġodda/emendati
4.2.1.4. Dokumentazzjoni għall-persunal tal-iSM li jawtorizza l-movimenti tal-ferrovija	MI – Produzzjoni/reviżjoni ta' dokument jew mezz informatiku li fih proċeduri operattivi ta' netwerk, inklużi prinċipji tal-komunikazzjonijiet u l-Ktieb tal-Formoli	Bidla fl-arranġamenti operattivi tan-netwerk bħala konsegwenza ta' azzjoni identifikata ta' titjib (eż. rakkomandazzjoni ta' inkjesta)
		Bidla fl-infrastruttura tan-netwerk li twassal għal arranġamenti operattivi emendati
4.2.1.5. Komunikazzjoni relatata mas-sigurtà bejn il-persunal tal-IF u tal-iSM	MI/IF – Dokumenti/mezzi informatiċi msemmija f'4.2.1.2.1., 4.2.1.3. u 4.2.1.4. sabiex jinkludu metodoloġija tal-komunikazzjoni operattiva kif speċifikata fl-Anness C tat-TSI	B'rabta ma' 4.2.1.2.1, 4.2.1.3. u 4.2.1.4.
4.2.2.1.2. Viżibbiltà tal-Ferrovija (Tarf ta' Quddiem)	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għal xufiera u/jew persunal operattiv ieħor sabiex jiġi żgurat it-tidwil korrett tat-tarf ta' quddiem	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF li tirriżulta fi rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' vetturi ferrovjarji ġodda/modifikati

Il-Kapitolu 4 Artikolu	Xogħol meħtieġ mill-MI (Mexxej tal-Infrastruttura) (Mexxej tal-Infrastruttura)/IF (Impriża Ferrovjarja) biex jikkonformaw mar-rekwiżiti	Kawża Tipika
4.2.2.1.3. Viżibbiltà tal-Ferrovija (Tarf ta' Wara)	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għal xufiera u/jew persunal operattiv ieħor biex jiżguraw l-identifikazzjoni korretta tat-tarf ta'wara	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-RU, li tirriżulta fi rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' vetturi ferrovjarji ġodda/modifikati
4.2.2.4. Tagħbija ta' vettura tal-merkanzija	IF – Produzzjoni/reviżjoni ta' dokument jew mezz informatiku li fih Regoli tat-Tagħbija li għandhom jiġu applikati mill-persunal tal-IF	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, b'konsegwenza ta' vetturi ferrovjarji jew flussi tat-traffiku ġodda/modifikati
4.2.2.5. Kompożizzjoni ferrovjarja	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) li tiżgura(jiżguraw) li l-ferrovija tkun konformi mal-mogħdija allokata	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li tirriżulta fi rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Bidla fir-regoli operattivi tan-netwerk li jaffettwaw il-kompożizzjoni tal-ferrovija
		Infrastruttura ġdida/mibdula, sinjalar jew implimentazzjoni ta' sistema tal-maniġment tat-traffiku (elettronika) ġdida
4.2.2.6.1. Rekwiżiti minimi tas-sistema tal-ibbrejkjar	IF – Definizzjoni/reviżjoni tal-proċedura(i) għall-persunal operattiv li jiżgura li l-vaguni fil-ferrovija jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ibbrejkjar	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li tirriżulta fi rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.2.2.6.2. Prestazzjoni tal-brejk	MI – Definizzjoni/reviżjoni tal-proċedura(i) għall-provvista tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-ibbrejkjar lill-IF	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-MI li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
	IF – Produzzjoni/reviżjoni ta' dokument jew mezz informatiku li fihom regoli tal-ibbrejkjar li għandhom jiġu segwiti mill-persunal tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-ġeografija tar-rotta, il-mogħdija allokata u l-iżvilupp ta' ERTMS/ETCS	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Bidla fir-regoli operattivi tan-netwerk li jaffettwaw ir-regoli tal-ibbrejkjar
		Infrastruttura ġdida/mibdula, sinjalar jew implimentazzjoni ta' sistema tal-maniġment tat-traffiku (elettronika) ġdida
		Implimentazzjoni ta' vetturi ferrovjarji ġodda/modifikati
4.2.2.7.1. Żgurar li l-ferrovija tkun qed taħdem sew (Rekwiżiti Ġenerali)	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għall-persunal operattiv biex jiżgura li l-vetturi jkunu qed jaħdmu sew, inklużi pariri lill-MI dwar bidliet li jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-ħidma u l-ħidma f'mod degradat.	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.2.2.7.2. Dejta meħtieġa	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) li tiżgura (jiżguraw) li l-informazzjoni tal-ħidma tal-ferrovija tkun disponibbli lill-MI qabel it-tluq	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' sistema ġdida tal-maniġment tat-traffiku (elettronika)
4.2.3.2. Identifikazzjoni ta' Ferroviji	SM – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għall-għoti ta' numri tal-identifikazzjoni tal-ferrovija uniċi u mhux ambigwi	Bidla fis-sistema tal-ippjanar tal-ferroviji tal-iSM jew tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' sistema tal-maniġment tat-traffiku (elettronika) ġdida
4.2.3.3.1. Verifiki u testijiet qabel it-tluq	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' verifiki u testijiet li għandhom jitwettqu qabel it-tluq	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati

Il-Kapitolu 4 Artikolu	Xogħol meħtieġ mill-MI (Mexxej tal-Infrastruttura) (Mexxej tal-Infrastruttura)/IF (Impriża Ferrovjarja) biex jikkonformaw mar-rekwiżiti	Kawża Tipika
4.2.3.3.2. Informazzjoni lill-iSM dwar l-istat operattiv tal-ferrovija	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għar-rappurtaġġ ta' fatturi relatati mal-vetturi ferrovjarji li jistgħu jaffettwaw il-ħidma tal-ferrovija	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' sistema tal-maniġment tat-traffiku (elettronika) ġdida
4.2.3.4.1. Rekwiżiti Ġenerali tal-Maniġment tat-Traffiku	MI – Definizzjoni/reviżjoni tal-proċedura(i) għall-kontroll u s-sorveljanza tal-operat tat-traffiku, inkluż interfejs ma' kwalunkwe proċessi addizzjonali meħtieġa mill-IF	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-iSM jew tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' sistema tal-maniġment tat-traffiku (elettronika) ġdida
4.2.3.4.2. Rappurtaġġ tal-Ferrovija	MI – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għar-rappurtaġġ tal-pożizzjoni tal-ferrovija, inkluż reġistrazzjoni f'ħin reali ta' wasliet/tluq u ħinijiet previsti ta' trasferiment lil MI oħra.	Bidla fis-sistema tal-maniġment tat-traffiku tal-iSM, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' sistema tal-maniġment tat-traffiku (elettronika) ġdida
4.2.3.4.3. Oġġetti Perikolużi	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għas-sorveljanza tat-trasport ta' oġġetti perikolużi, inkluża l-provvista ta' informazzjoni meħtieġa mill-iSM.	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-iSM jew tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.2.3.4.4. Kwalità Operattiva	MI/IF – Proċeduri dokumentati, li jiddeskrivu proċessi interni għall-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-prestazzjoni operattiva u l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' titjib għat-titjib tal-effiċjenza tan-netwerk.	Bidla fis-sistema tal-maniġment tat-traffiku tal-iSM jew l-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' sistema tal-maniġment tat-traffiku (elettronika) ġdida, inkluża sorveljanza tal-prestazzjoni
4.2.3.5.1. Reġistrazzjoni ta' dejta tas-Sorveljanza barra l-ferrovija	MI – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għar-reġistrazzjoni tad-dejta meħtieġa, u arranġamenti ta' ħżin u ta' aċċess	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-iSM, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Bidla fl-infrastruttura tan-netwerk li twassal għal tagħmir tas-sorveljanza ġdid/emendat
4.2.3.5.2. Reġistrazzjoni ta' dejta tas-sorveljanza abbord il-ferrovija	IF – Definizzjoni/reviżjoni tal-proċedura(i) għar-reġistrazzjoni tad-dejta meħtieġa, u arranġamenti tal-ħżin u tal-aċċess	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' vetturi ferrovjarji ġodda/modifikati (lokomottivi, unitajiet multipli)
4.2.3.6.1. Operat Degradat — Pariri għal utenti oħra	MI/IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għall-informazzjoni reċi-proka ta' sitwazzjonijiet li aktarx li jostakolaw is-sigurtà, il-prestazzjoni jew id-disponibbiltà ta' netwerk	Bidla fis-sistema tal-maniġment tat-traffiku tal-iSM jew tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Implimentazzjoni ta' sistema tal-maniġment tat-traffiku (elettronika) ġdida
4.2.3.6.2. Pariri lil xufiera tal-ferrovija	MI – Definizzjoni/reviżjoni tal-istruzzjonijiet lix-xufiera biex jittrattaw sitwazzjoni degradata	Bidla fis-sistema tal-maniġment tat-traffiku tal-iSM jew tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.2.3.6.3. Arranġamenti ta' kontinġenza	SM – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għat-trattament tal-operat degradat, inklużi vetturi ferrovjarji u falli-menti fl-infrastruttura (arranġamenti ta' kontinġenza)	Bidla fis-sistema tal-maniġment tat-traffiku tal-iSM jew tal-IF, li tirriżulta fi rwoli u responsabbiltajiet emendati
		Bidla fl-infrastruttura tan-netwerk jew l-introduzzjoni ta' vetturi ferrovjarji ġodda/modifikati

Il-Kapitolu 4 Artikolu	Xogħol meħtieġ mill-MI (Mexxej tal-Infrastruttura) (Mexxej tal-Infrastruttura)/IF (Impriża Ferrovjarja) biex jikkonformaw mar-rekwiżiti	Kawża Tipika
4.2.3.7. Maniġment ta' Sitwazzjoni ta' Emerġenza	SM/IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) li jipprovdu dettalji dwar miżuri ta' kontinġenza għall-maniġment ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.2.3.8. Għajnuna għall-ekwipaġġ tal-ferrovija għal inċident/ħsara fil-vetturi ferrovjarji	IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għall-ekwipaġġ tal-ferrovija biex jittrattaw fallimenti tekniċi jew oħrajn tal-vetturi ferrovjarji	Bidla fis-sistema tal-maniġment tat-traffiku tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiiltajiet emendati Introduzzjoni ta' vetturi ferrovjarji ġodda/modifikati
4.4. Regoli Operattivi	MI/IF – Definizzjoni ta' regoli u proċeduri li għandhom jintużaw ma' ETCS u GSM-R u/jew HABD	Introduzzjoni ta' sistema tas-sinjalar ETCS u/jew sistema tar-radju GSM-R u/jew HABD.
4.6.1.1. Għarfien Professjonali	SM/IF – Definizzjoni ta' Proċess għall-valutazzjoni tal-għarfien professjonali	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-iSM/tal-IF li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.6.1.2. Kapaċità li dan l-għarfien jit-poġġa fil-prattika	SM/IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' sistema tal-maniġment tal-kompetenza li tiżgura l-kapaċità tal-persunal li jpoġġi l-għarfien fil-prattika	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-iSM/tal-IF li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.6.2.2. Livell lingwistiku tal-għarfien	MI/IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għall-valutazzjoni tal-kapaċità lingwistika	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-iSM/tal-IF li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.6.3.1. Valutazzjoni tal-Persunal — Elementi Bażiċi	MI/IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' pro-ċess(i) ta' valutazzjoni anki tal-persunal: — Esperjenza/kwalifiki — Lingwa — Żamma tal-kompetenza	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-MI/tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.6.3.2. Analiżi tal-Ħtiġijiet tat-Taħriġ	SM/IF – Definizzjoni/reviżjoni tal-proċess għat-twettiq u l-aġġornament tal-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ għall-persunal	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-iSM/tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.6.3.2.3. Elementi speċifiċi għall-ekwipaġġ tal-ferrovija	IF – Definizzjoni/reviżjoni tal-proċess għall-akkwist u ż-żamma mill-ekwipaġġ ta': — Għarfien tar-rotta — Għarfien tal-vetturi ferrovjarji	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.7.1. Introduzzjoni: Kundizzjonijiet tas-Saħħa u s-Sigurtà	SM/IF – Definizzjoni/reviżjoni ta' proċedura(i) għall-iżgurar tal-benessri mediku tal-persunal, inklużi kontrolli tal-effetti tad-drogi u l-alkoħol fuq il-prestazzjoni operattiva	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati
4.7.2.-4.7.4. Kriterji għall-approvazzjoni ta' tobba tax-xogħol, organizzaz-zjonijiet mediċi, psikologi u eżamijiet	MI/IF – Determinazzjoni/reviżjoni tal-krtierji għal: — Approvazzjoni ta' tobba tax-xogħol u organizzazzjonijiet mediċi — Approvazzjoni ta' psikologi — Eżami mediku u psikoloġiku	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati Bidla fir-regoli u l-prattiċi nazzjonali għall-approvazzjoni ta' prattikanti mediċi u għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet
4.7.5. Rekwiżiti mediċi	MI/IF – Determinazzjoni/reviżjoni ta' rekwiżiti mediċi, inklużi — Saħħa ġenerali — Vista — Smigħ — Tqala	Bidla fis-sistema operattiva tal-maniġment tas-sigurtà tal-IF, li twassal għal rwoli u responsabbiltajiet emendati

